EUIPN
EUROPEAN UNION
INTELLECTUAL PROPERTY NETWORK

www.euipn.org

MT

# KOMUNIKAZZJONI KOMUNI

# TIPI TA' MARKI ĠODDA: EŻAMINAZZJONI TAR-REKWIŻITI FORMALI U R-RAĠUNIJIET GĦAR-RIFJUT

APRIL 2021

# 1 SFOND

L-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali tan-Network tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea qed ikomplu jikkollaboraw fil-kuntest ta’ prattiki ta’ trademarks u ta’ disinji konverġenti. Il- qbil dwar Prattika Komuni addizzjonali dwar it-trademarks sar bil-għan li jipprovdi gwida fir-rigward tal-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut u/jew l-invalidità ta’ tipi ġodda ta’ trademarks, jiġifieri, marki ta’ ħoss, ta’ moviment, multimedjali u olografiċi, u l-modi ġodda ta’ kif jiġu rrappreżentati.

Din il-Prattika Komuni qed issir pubblika permezz ta’ din il-Komunikazzjoni Komuni, bil-għan li tkompli tiżdied it-trasparenza, iċ-ċertezza legali, u l-prevedibbiltà għall-benefiċċju kemm tal-eżaminaturi kif ukoll tal-utenti.

Il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din il-Prattika Komuni huwa l-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut u/jew l-invalidità ta’ tipi ġodda ta’ trademarks, billi jitqies l-impatt tal-eliminazzjoni tar-rekwiżit ta’ rappreżentazzjoni grafika fid-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trademarks (TMD).

Kwistjonijiet li mhumiex speċifiċi għal tipi ġodda ta’ trademarks u/jew il-mod il-ġdid kif jiġu rrappreżentati **ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni** ta’ din il-Prattika Komuni. Dawn il-kwistjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni huma deskritti fid-dettall fit-Taqsima 1.3 tad-dokument tal-Prattika Komuni.

# 2 IL-PRATTIKA KOMUNI

It-test li ġej jiġbor fil-qosor il-messaġġi prinċipali u d-dikjarazzjonijiet ewlenin tal-prinċipji ta’ din il-Prattika Komuni. **It-test sħiħ u l-eżempji kollha użati biex juru l-kriterji komuni jistgħu jinsabu fil-Prattika Komuni fl-Anness 1 għal din il-Komunikazzjoni Komuni.** Barra minn hekk, id-definizzjonijiet, il-mezzi ta’ rappreżentazzjoni għat-tipi differenti ta’ trademarks u l-formati tal-fajls elettroniċi aċċettabbli, kif miftiehma mill-IPOs tal-Istati Membri kollha, jistgħu jinsabu fil-“*Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks* (1)”, (minn hawn ’il quddiem, is-CCNTM).

## IL-PRINĊIPJI TAL-PRATTIKA KOMUNI:

## PARTI A — Eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali (2)

### IS-SINJAL U L-ELEMENTI TIEGĦU KIF DEFINITI MILL-KOMUNIKAZZJONI KOMUNI DWAR IR-RAPPREŻENTAZZJONI TA’ TIPI ĠODDA TA’ TRADEMARKS

***Meta sinjal jikkonforma b’mod ċar ma’ waħda mid-definizzjonijiet u r-rekwiżiti ta’ rappreżentazzjoni stabbiliti fis-CCNTM, dan għandu jiġi kklassifikat bħala dak it-tip speċifiku ta’ trademark.***

**Marki ta’ ħoss:** Kwalunkwe sinjal li fih ħoss wieħed jew aktar, irrispettivament mit-tip ta’ ħoss li jkun fih (eż. elementi verbali perċepiti bil-ħoss, ħoss fin-natura, ħoss ta’ annimali, melodija, eċċ.), għandu jiġi kklassifikat bħala marka ta’ ħoss.

| Marki ta’ ħoss | |
|---|---|
| ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

(1) https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/about_euipo/who_we_are/common_communication/common_communication_8/common_communication8_mt.pdf
(2) L-eżempji pprovduti fil-Parti A tal-Prattika Komuni huma murija għal finijiet ta’ formalitajiet biss. Dawn mhux bilfors jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-raġunijiet assoluti.

| | |
|---|---|
| Meta l-marka ta' ħoss tkun irrappreżentata f'notazzjoni mużikali, din ir-rappreżentazzjoni għandha tinkludi mużika miktuba diviża f'battuti u għandha turi, b'mod partikolari, kjavi u n-noti tal-mużika kollha li huma meħtieġa biex jirriproduċu l-melodija. Ir-ritmu jew l-għaġla tal-melodija u l-istrument(i) huma **elementi fakultattivi** li jistgħu jiġu indikati. | <br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marki ta' moviment** Il-marki ta' moviment mhumiex ristretti għal sinjali li juru moviment. Sinjal jista' jiġi kkwalifikat ukoll bħala marka ta' moviment jekk ikun kapaċi juri bidla fil-pożizzjoni tal-elementi (pereżempju, sekwenza ta' immaġni fissi), bidla fil-kulur jew bidla fl-elementi mifhuma bħala s-sostituzzjoni ta' immaġni wieħed b'ieħor.<br><br>Meta l-marka ta' moviment tkun irrappreżentata minn serje ta' immaġnijiet fissi sekwenzjali li juru l-moviment jew il-bidla fil-pożizzjoni, jista' jkun meħtieġ li t-tul ta' żmien, ir-repetizzjonijiet u l-veloċità tal-mozzjoni/moviment jiġu indikati fid-deskrizzjoni. | **Marki ta' moviment**<br><br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marki multimedjali:** Kwalunkwe sinjal li jikkonsisti f'taħlita ta' elementi viżivi u tal-awdjo għandu jiġi kklassifikat bħala marka multimedjali. | **Marka multimedjali**<br><br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marki olografiċi:** Kwalunkwe sinjal li jikkonsisti f''karatteristiċi olografiċi għandu jiġi kklassifikat bħala marka olografika. F'dan ir-rigward, ologramma hija immaġni li jibdel id-dehra tiegħu meta tħares lejh minn angoli differenti. | **Marka olografika**<br><br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## DESKRIZZJONIJIET

***Meta r-rappreżentazzjoni ta' tip ġdid ta' trademark tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni, id-deskrizzjoni trid tkun skont ir-rappreżentazzjoni tat-trademark u ma għandhiex tikkontradixxi r-rappreżentazzjoni jew testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.***

## INDIKAZZJONI TA' ELEMENTI VERBALI

***Kwalunkwe qasam eżistenti li jirrikjedi l-indikazzjoni ta' elementi verbali fit-trademark se jservi biss għal finijiet ta' tiftix u qatt mhu se jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tat-trademark kif definit mir-rappreżentazzjoni tagħha.***

## PREVALENZA TAR-RAPPREŻENTAZZJONI FUQ IT-TIP U D-DESKRIZZJONI

***Meta jkun hemm kunflitt jew diskrepanza bejn ir-rappreżentazzjoni u t-tip u/jew id-deskrizzjoni tat-trademark, ir-rappreżentazzjoni tat-trademark dejjem tipprevali.***

## MEZZI VALIDI TA’ RAPPREŻENTAZZJONI TA’ AKTAR MINN TIP WIEĦED TA’ TRADEMARK

***L-applikazzjonijiet għal trademarks jiġu aċċettati skont it-tip ta’ trademark magħżul mill-applikant, sakemm ir-rappreżentazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti legali għat-tip speċifiku. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni u s-suġġett tat-trademark ivarjaw skont it-tip ta’ marka aċċettat.***

## EŻAMINAZZJONI TA’ PRETENSJONIJIET TA’ PRIJORITÀ

***Sinjal jitqies identiku għal trademark biss meta jirriproduċi, mingħajr modifika jew żieda, l-elementi kollha li jikkostitwixxu t-trademark jew meta, meqjus fl-intier tiegħu, ikun fih differenzi li tant huma insinifikanti li jistgħu ma jiġux innutati minn konsumatur tipiku.***

### SUĠĠETT IDENTIKU

Żewġ trademarks jitqiesu bħala identiċi għall-finijiet tal-eżaminazzjoni ta’ pretensjonijiet ta’ prijorità jekk is-suġġetti tal-protezzjoni u t-trademark ikunu l-istess, irrispettivament mill-format. Barra minn hekk, il-prijorità tista’ tiġi aċċettata meta t-tieni preżentata tkun ta’ tip ta’ trademark differenti iżda jkollha suġġett identiku.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marka oħra** | **Marka multimedjali** |

### SUĠĠETT DIFFERENTI

Meta pretensjoni ta’ prijorità tkun tinvolvi żewġ trademarks b’suġġett differenti, irrispettivament mill-format tagħhom jew mit-tip ta’ trademark magħżul, it-trademarks jitqiesu bħala differenti u konsegwentement, il-pretensjoni ta’ prijorità tiġi rrifjutata.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marka multimedjali** | **Marka ta’ ħoss** |

### L-ISTESS TIP TA’ TRADEMARKS IRRAPPREŻENTATI B’MOD DIFFERENTI

### MARKI TA’ ĦOSS

Pretensjonijiet ta’ prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija rrappreżentata f’notazzjoni mużikali (eż. JPEG) u l-oħra hija rappreżentata f’fajl tal-awdjo (eż. MP3) jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha (3) li jinsabu fil-fajl tal-awdjo jkunu indikati fin-notazzjoni mużikali.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Marka ta’ ħoss** | **Marka ta’ ħoss** |

**Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi jkun nieqes**, it-trademarks ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta’ prijorità tiġi rrifjutata.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| **Marka ta’ ħoss** | **Marka ta’ ħoss** |

(3) Ara l-Prattika Komuni – Parti A – Taqsima 1.1 – Marki ta’ ħoss – Elementi biex il-marka ta’ ħoss irrappreżentata grafikament tkun ċara u preċiża.

## MARKI TA' MOVIMENT

Pretensjonijiet ta' prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija rrappreżentata f'sekwenza ta' immaġnijiet fissi (eż. JPEG) u l-oħra f'fajl tal-vidjow (eż. MP4) jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha tal-fajl tal-vidjow u l-moviment komplut tagħhom ikunu identifikabbli b'mod ċar fis-sekwenza ta' immaġnijiet fissi.

Jekk it-tieni preżentata tkun irrappreżentata f'sekwenza ta' immaġnijiet fissi, tista' tkun meħtieġa deskrizzjoni biex jiġi żgurat li s-suġġett huwa identiku (eż. it-tul ta' żmien, il-veloċità, repetizzjonijiet).

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| | **Deskrizzjoni**: dan il-moviment jikkonsisti fil-kontenut tal-immaġnijiet fissi li jidhru f'intervalli ta' nofs sekonda. |
| **Marka ta' moviment** | **Marka ta' moviment** |

**Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi jkun nieqes u ma jkunx jista' jiġi identifikat b'mod ċar il-moviment sħiħ**, il-marki ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta' prijorità tiġi rrifjutata.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| **Marka ta' moviment** | **Marka ta' moviment** |

## MARKI OLOGRAFIĊI

Pretensjonijiet ta' prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija ologramma rrappreżentata f'serje ta' immaġnijiet grafiċi jew fotografiċi (fajls ta' immaġni, eż. JPEG), u l-oħra hija rrappreżentata f'fajl tal-vidjow (eż. MP4), jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha tal-fajl tal-vidjow u l-istadji differenti tal-effett olografiku jkunu identifikati b'mod ċar fis-serje ta' immaġnijiet grafiċi jew fotografiċi.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| **Marka olografika** | **Marka olografika** |

**Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi u l-istadji differenti tal-effett olografiku ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar,** il-marki ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta' prijorità tiġi rrifjutata.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| **Marka olografika** | **Marka olografika** |

# PARTI B — Eżaminazzjoni tar-raġunijiet assoluti għar-rifjut u/jew l-invalidità

## IL-VALUTAZZJONI TAĊ-ĊAREZZA U L-PREĊIŻJONI TA’ TIPI ĠODDA TA’ TRADEMARK – L-ARTIKOLU 4(1)(a) TAT-TMD

***Il-marka titqies li hija ċara u preċiża dment li tkun irrappreżentata fi kwalunkwe forma xierqa bl-użu ta’ teknoloġiji disponibbli b’mod ġenerali, sakemm is-sinjal ikun jista’ wkoll jiġi rrappreżentat b’mod awtonomu, faċilment aċċessibbli, intelliġibbli, durabbli u oġġettiv, irrispettivament minn jekk għandux kunċett jew le. Dan l-approċċ huwa allinjat mal-prinċipju li skontu ma hemmx bżonn li marka ta’ kelma jew figurattiva jkollha tifsira jew ikun fiha immaġnijiet identifikabbli sakemm tkun kapaċi tissodisfa l-funzjoni ta’ trademark, u b’hekk isservi bħala indikazzjoni tal-oriġini (4).***

| | | |
|---|---|---|
| ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## IL-GRAD TA’ DISTINTIVITÀ MEĦTIEĠ TA’ TIPI ĠODDA TA’ TRADEMARKS – L-ARTIKOLU 4(1)(b) TAT-TMD

### MARKI TA’ ĦOSS

### PERĊEZZJONI TAL-KONSUMATUR

***Peress li l-ħsejjes qegħdin jintużaw dejjem aktar fil-kummerċ bħala parti minn strateġija ta’ mmarkar, il-konsumaturi huma wkoll aktar probabbli li jipperċepuhom bħala indikazzjonijiet ta’ oriġini kummerċjali.*** Għal raġunijiet ta’ analiżi tal-perċezzjoni tal-konsumatur, il-marki tal-ħoss jistgħu jinġabru fi gruppi mill-inqas bil-modi li ġejjin: 1) ħsejjes prodotti minn jew konnessi mal-oġġetti jew is-servizzi; 2) noti, kombinazzjoni ta’ noti, mużika jew melodiji; 3) ħsejjes li huma l-ekwivalenti li jinstemgħu tal-elementi verbali. Hemm ukoll ħsejjes li mhumiex inklużi fil-gruppi preċedenti u ma għandhom l-ebda konnessjoni mal-oġġetti u/jew mas-servizzi.

### MARKI TAL-ĦOSS INTRINSIKAMENT DISTINTIVI

Meta l-ħoss perċepit f’marka ta’ ħoss ikun jikkonsisti f’**nota waħda, kombinazzjoni ta’ noti jew melodija**, dan jitqies bħala intrinsikament distintiv jekk ikun jista’ jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala indikazzjoni ta’ oriġini kummerċjali.

| Marka ta’ ħoss | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
| ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 41: Il-provvediment ta’ films għal skopijiet ta’ divertiment |

Meta l-ħoss perċepit f’marka ta’ ħoss ikun jikkonsisti f’**element verbali**, li jkun meqjus distintiv fih innifsu, u jekk jiġi ppronunzjat b’mod ċar, anki jekk jiġi ppronunzjat b’vuċi newtrali jew robotika, il-marka tal-ħoss titqies bħala distintiva.

| Marka ta’ ħoss | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
| ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 12: Karozzi |

Jekk **l-element ta’ diskors perċepit f’marka ta’ ħoss ma jkunx jista’ jinftiehem jew ma jkunx identifikabbli bħala kelma**, dan jitqies bħala distintiv, sakemm il-ħoss ikun jista’ jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-

| Marka ta’ ħoss | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
| ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 12: Karozzi |

(4) Dawn l-eżempji huma meqjusa bħala ċari u preċiżi; dan ma jfissirx li mhux se ssir oġġezzjoni għalihom abbażi ta’ raġunijiet oħra għal rifjut.

| | |
|---|---|
| konsumatur. | |
| Meta l-ħoss perċepit f’marka ta’ ħoss ikun fih **ħoss diżassoċjat mill-oġġetti u/jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni**, fil-prinċipju, dan jitqies bħala distintiv dment li jkun jista’ jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. | **Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 11: Tojlits |
| **MARKI TA’ ĦOSS MHUX DISTINTIVI** | |
| Fil-prinċipju, meta marka ta’ ħoss tkun tikkonsisti f’**ħoss prodott minn jew konness mal-oġġetti u/jew servizzi, jew ma’ karatteristiċi rilevanti oħra tagħhom**, din tiġi pperċepita mill-konsumatur sempliċement bħala attribut funzjonali, u għalhekk il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva. | **Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 33: Inbid |
| Meta l-marka ta’ ħoss tkun tikkonsisti f’**noti, kombinazzjoni ta’ noti, mużika jew melodiji**, titqies bħala mhux distintiva jekk il-ħoss ma jkollux reżonanza u ma jiġix rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, anki jekk ma tkun tista’ tiġi stabbilita l-ebda rabta mal-oġġetti u/jew servizzi. | **Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 12: Karozzi |
| Meta marka ta’ ħoss tkun tikkonsisti f’**elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi** ppronunzjati b’mod ċar u mingħajr ebda element ta’ ħoss impressjonanti jew mhux tas-soltu, il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva.<br><br>Fil-prinċipju, meta l-element verbali mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku pperċepit f’marka ta’ ħoss ikun akkumpanjat minn **elementi oħra tal-ħoss, bħal-lirika, melodija speċifika, intonazzjoni u/jew mod speċifiku ta’ kant, li wkoll jitqiesu bħala mhux distintivi fihom infushom**, il-marka ta’ ħoss x’aktarx li titqies bħala mhux distintiva fl-intier tagħha wkoll. | **Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 3: Trab tas-sapun<br><br>**Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 3: Trab tas-sapun |
| **Eċċezzjoni**: Ma jistax jiġi eskluż li arranġament partikolari ta’ elementi differenti ta’ ħsejjes, li mhuwiex tas-soltu u jista’ faċilment jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, jista’ jkun biżżejjed biex marka ta’ ħoss issir distintiva fl-intier tagħha ([5]). | **Marka ta’ ħoss**: ♫ Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih<br>**Oġġetti u servizzi**: Klassi 31: Banana friska |

([5]) Għandu jiġi nnutat li l-applikant mhux se jikseb drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi; il-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka ta’ ħoss.

## MARKI TA' MOVIMENT

### PERĊEZZJONI TAL-KONSUMATUR

***Fir-rigward tal-marki ta' moviment, hemm żieda fin-numru ta' sinjali li fihom movimenti u ta' immaġnijiet li jiċċaqilqu użati bħala parti mill-istrateġiji ta' mmarkar, għalhekk il-konsumaturi huma wkoll aktar probabbli li jipperċepixxuhom bħala indikazzjonijiet ta' oriġini kummerċjali.*** Għal raġunijiet ta' analiżi tal-perċezzjoni tal-konsumatur, il-marki ta' moviment jistgħu jinġabru fi gruppi mill-inqas bil-modi li ġejjin: 1) movimenti li jistgħu jiġu pperċepiti bħala element intrinsikament funzjonali tal-oġġetti jew tas-servizzi nfushom, jew li jintużaw biex jikkontrollaw dawk l-oġġetti; 2) movimenti li fihom elementi verbali u/jew elementi figurattivi.

### MARKI TA' MOVIMENT INTRINSIKAMENT DISTINTIVI

Il-marki ta' moviment ġeneralment jitqiesu bħala distintivi jekk ikun fihom **element verbali u/jew figurattiv distintiv** li jiċċaqlaq jew jibdel il-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi tiegħu, anki jekk il-moviment jew il-bidla tal-pożizzjoni nnifisha ma tkunx distintiva.

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 9: Kompjuters |

Meta l-marka ta' moviment turi **element li ma jistax jinftiehem jew li mhuwiex identifikabbli**, fis-sens li ma jattribwixxix tifsira u ma joħloqx rabta mal-oġġetti u/jew servizzi, dment li tkun tista' tiġi rikonoxxuta bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 3: Trab tas-sapun |

### MARKI TA' MOVIMENT MHUX DISTINTIVI (6)

Fil-prinċipju, meta l-marka ta' moviment tkun tikkonsisti f'**moviment prodott minn jew konness mal-oġġetti u/jew servizzi, jew ma' karatteristiċi rilevanti oħra tagħhom**, din tiġi pperċepita mill-konsumatur sempliċement bħala element funzjonali tal-oġġetti u/jew servizzi jew għalihom. Għalhekk, il-marka ta' moviment titqies bħala mhux distintiva.

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 7: Lupi tal-katina (chainsaws) |

Meta l-marka ta' moviment tikkonsisti f'**element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku** li jiċċaqlaq jew jibdel il-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi tiegħu, din titqies bħala mhux distintiva sakemm il-moviment innifsu ma jkunx biżżejjed biex itellef l-attenzjoni mill-messaġġ imwassal mill-element verbali jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv.

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 3: Trab tas-sapun |

**Eċċezzjoni**: Ma jistax jiġi eskluż li moviment partikolari, li fih innifsu mhuwiex tas-soltu u li jiġbed l-attenzjoni jew joħloq impatt viżiv mhux tas-soltu u impressjonanti, jista' jkun biżżejjed biex marka ta' moviment issir distintiva fl-impressjoni ġenerali

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 3: Trab tas-sapun |

(6) Għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dawk il-prinċipji ma jkunux applikabbli la għall-moviment u lanqas għall-bidla fil-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi.

tagħha ([7]).

Il-konsumatur ma jipperċepixxix il-marki ta’ moviment bħala indikaturi tal-oriġini kummerċjali **jekk ma joħolqux impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur.** Għalhekk, dawn jitqiesu bħala mhux distintivi.

| Marka ta’ moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 39: Servizzi tal-ivvjaġġar |

## MARKI MULTIMEDJALI

## PERĊEZZJONI TAL-KONSUMATUR

***Fir-rigward tal-marki multimedjali, hemm żieda fin-numru ta’ sinjali li jgħaqqdu l-immaġni u l-ħoss użati bħala parti mill-istrateġiji ta’ mmarkar, u għalhekk il-konsumaturi huma aktar probabbli li jipperċepixxuhom bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali.***

## MARKI MULTIMEDJALI INTRINSIKAMENT DISTINTIVI

B’mod ġenerali, meta **tal-inqas wieħed mill-elementi** ta’ marka multimedjali, jew il-ħoss jew l-immaġni, **jitqies bħala distintiv fih innifsu**, it-trademark kollha titqies bħala distintiva.

| Marka multimedjali | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali |

Meta l-marka multimedjali jkun fiha **element li ma jistax jinftiehem jew li mhuwiex identifikabbli**, fis-sens li ma tagħtix tifsira, dment li tkun tista’ tiġi rikonoxxuta mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

| Marka multimedjali | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 12: Karozzi |

## MARKI MULTIMEDJALI MHUX DISTINTIVI ([8])

Marka multimedjali **li tgħaqqad immaġni(jiet) mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi ma’ ħoss/ħsejjes u moviment(i) mhux distintiv(i)**, b’mod ġenerali, titqies bħala mhux distintiva.

| Marka multimedjali | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 31: Banana friska |

Il-konsumatur ma jipperċepixxix il-marki multimedjali bħala indikaturi tal-oriġini kummerċjali **jekk ma joħolqux impressjoni dejjiema** fuq il-konsumatur. Għalhekk, dawn jitqiesu bħala mhux distintivi.

| Marka multimedjali | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 9: Ħardwer tal-kompjuter |

**Eċċezzjoni**: Jista’ jkun possibbli li **kombinazzjoni ta’ immaġni(jiet) mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi u ħoss/ħsejjes** tippermetti li l-marka multimedjali tissodisfa l-funzjoni essenzjali tagħha meta tiġi applikata għal ċerti oġġetti u servizzi, u b’hekk il-marka multimedjali ssir

| Marka multimedjali | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali |

([7]) F’każijiet bħal dawn, l-applikant ma jiksibx drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi; il-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka ta’ moviment.
([8]) Fil-valutazzjoni tad-distintività tal-marki multimedjali, għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3.

distintiva fl-intier tagħha ([9]).

## MARKI OLOGRAFIĊI

### PERĊEZZJONI TAL-KONSUMATUR

***Il-marki olografiċi li jikkonsistu esklużivament f'elementi verbali u figurattivi ġeneralment ma jiġux ipperċepiti bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali jekk tkun tista' tiġi stabbilita rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tiddependi fuq l-effett olografiku u fuq jekk l-element verbali jew figurattiv huwiex, minħabba d-daqs u l-pożizzjoni tiegħu, rikonoxxibbli b'mod ċar fis-sinjal.***

### MARKI OLOGRAFIĊI INTRINSIKAMENT DISTINTIVI

Meta l-marka olografika tkun tikkonsisti **f'element verbali u/jew figurattiv li huwa distintiv fih innifsu**, anki jekk il-karatteristiċi olografiċi miżjuda ma' dawk l-elementi ma jkunux distintivi, il-marka olografika titqies bħala distintiva fl-intier tagħha.

| Marka olografika | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 12: Karozzi |

Meta l-marka olografika turi **element li ma jistax jinftiehem jew li ma jkunx identifikabbli**, fis-sens li ma jwassalx tifsira u ma joħloqx rabta mal-oġġetti u/jew servizzi, dment li tkun tista' tiġi rikonoxxuta bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

### MARKI MULTIMEDJALI MHUX DISTINTIVI ([10])

Meta l-marka olografika tkun tikkonsisti f'**element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku**, din titqies bħala mhux distintiva.

B'mod ġenerali, **iż-żieda ta' effett olografiku ma' element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv mhux neċessarjament tkun biżżejjed biex tagħti karattru distintiv lill-marka**, peress li jiġi pperċepit mill-konsumatur sempliċiment bħala element banali jew dekorattiv, irrispettivament minn jekk huwiex relatat mal-oġġetti u/jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.

## TIPI ĠODDA TA' TRADEMARKS LI JISTGĦU JSERVU BIEX JIDDESKRIVU L-OĠĠETTI JEW SERVIZZI, JEW IL-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM – L-ARTIKOLU 4(1)(c) tat-TMD

### DESKRITTIVA

B'mod ġenerali, **jekk** tista' tiġi stabbilita faċilment **rabta** bejn l-elementi fil-marka ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali jew olografika u l-oġġetti u/jew servizzi jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka titqies bħala deskrittiva.

| Marka ta' ħoss | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali |

### MHUX DESKRITTIVA

B'mod ġenerali, **jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta** bejn l-elementi fil-marka ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali jew olografika u l-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom tkun saret applikazzjoni,

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  | Klassi 29: Sardin tal-landa |

([9]) F'każijiet bħal dawn, l-applikant ma jiksibx drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi; il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka multimedjali.
([10]) Għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3 fil-valutazzjoni tad-distintività tal-elementi figurattivi u/jew verbali ta' marka olografika.

**jew jekk il-marka turi rappreżentazzjoni mhux konvenzjonali li tvarja b'mod sinifikanti minn depizzjoni realistika** tar-rappreżentazzjoni ta' dawk l-oġġetti u/jew servizzi, il-marka ma titqiesx bħala deskrittiva.

| | |
|---|---|
| Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | |

## SINJALI LI JIKKONSISTU ESKLUŻIVAMENT F'ĦOSS, MOVIMENT U KOMBINAZZJONI TA' IMMAĠNI U ĦOSS, LI JIRRIŻULTAW MIN-NATURA TAL-OĠĠETTI, JISTGĦU JKUNU NEĊESSARJI BIEX JINKISEB RIŻULTAT TEKNIKU, JEW JISTGĦU JAGĦTU VALUR SOSTANZJALI LILL-OĠĠETTI — L-ARTIKOLU 4(1)(e) tat-TMD

***Meta jiġi vvalutat l-Artikolu 4(1)(e)(i), (ii) u (iii) tat-TMD, il-perċezzjoni tal-pubbliku mhijiex element deċiżiv li għandu jitqies, madankollu, tista' tkun kriterju utli ta' valutazzjoni, speċjalment meta jiġu identifikati, skont l-Artikolu 4(1)(e)(ii) u (iii), il-karatteristiċi essenzjali tas-sinjal inkwistjoni.***

| Marka ta' ħoss | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 7: Lupi tal-katina (chainsaws) |

| Marka ta' moviment | Oġġetti u servizzi |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Klassi 28: Logħob ta' taħbil il-moħħ tridimensjonali |

# PARTI C — Eżaminazzjoni tar-raġunijiet relattivi għar-rifjut u/jew l-invalidità ([11])

## L-IDENTITÀ

***Sinjal jitqies identiku għal trademark biss meta jirriproduċi, mingħajr modifika jew żieda, l-elementi kollha li jikkostitwixxu t-trademark jew meta, meqjus fl-intier tiegħu, ikun fih differenzi tant insinifikanti li jistgħu ma jiġux innutati minn konsumatur tipiku.***

## TQABBIL TA' MARKI TA' ĦOSS: TQABBIL VIŻIV, FONETIKU U KUNĊETTWALI

***Il-marki ta' ħoss jinkludu elementi differenti li jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej: 1) ħsejjes li jikkonsistu f'elementi verbali mkanta jew mitkellma; 2) ħsejjes li jikkonsistu f'elementi mużikali (bħal melodija, armonija, ritmu); 3) ħsejjes realistiċi (bħall-ħoss ta' kelb jinbaħ, sajjetti, kubi tas-silġ, eċċ); u 4) ħsejjes oħra li mhumiex koperti minn xi waħda mill-kategoriji preċedenti.***

### TQABBIL VIŻIV

***It-tqabbil viżiv ta' marka ta' ħoss mhuwiex possibbli, anki jekk il-marka ta' ħoss tkun irrappreżentata "viżwalment" permezz ta' notazzjoni mużikali jew meta n-notazzjoni mużikali jkun fiha elementi verbali.***

### TQABBIL FONETIKU

***It-tqabbil fonetiku huwa deċiżiv għal marki ta' ħoss. Il-marki ta' ħoss jistgħu dejjem jitqabblu fuq livell fonetiku ma' marki ta' ħoss oħra u ma' marki multimedjali. Il-marki ta' ħoss jistgħu jitqabblu fuq livell fonetiku ma' tipi oħra ta' marki sakemm dawk il-marki jkunu jikkonsistu fi jew jinkludu element verbali.***

([11]) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-eżempji inklużi fil-Parti C tal-Prattika Komuni għandhom jiġu vvalutati f'konformità mas-suppożizzjonijiet inklużi bħala "Rimarki preliminari".

| | | |
|---|---|---|
| **Elementi verbali:** Il-koinċidenza jew ix-xebh bejn elementi verbali distintivi, jekk jiġu identifikati bħala tali minn parti sinifikanti tal-pubbliku rilevanti, iwasslu, fil-prinċipju, għal sejba ta' xebh fonetiku. F'dan ir-rigward, għalkemm il-pronunzja ta' marka verbali hija ddeterminata mir-regoli ta' pronunzja tal-pubbliku rilevanti, dan mhuwiex il-każ fil-każ ta' marka tal-ħoss, meta l-perċezzjoni fonetika tkun determinata minn kif tinstema' l-marka. | **Marka ta' ħoss preċedenti**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Minn din il-perspettiva, il-grad ta' xebh bejn l-element verbali li jikkoinċidi f'marka ta' ħoss u tip ta' marka differenti (eż. marka ta' kelma jew figurattiva) jiddependi fuq kif jinstema' eżatt l-element komuni fil-marka ta' ħoss. | **Marka figurattiva preċedenti**<br> | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Elementi mużikali:** Il-preżenza ta' melodija distintiva f'marka ta' ħoss għandha impatt konsiderevoli fuq il-mod kif il-marka tiġi pperċepita mill-pubbliku rilevanti u, għalhekk, tinfluwenza b'mod konsiderevoli t-tqabbil fonetiku ta' tali marka. Bħala regola ġenerali, strument, tempo jew ritmu differenti ma jwaqqfux milli jinstabu simili żewġ marki, dment li l-melodija nnifisha tkun identika jew tkun tista' tiġi identifikata bħala l-istess melodija. | **Marka ta' ħoss preċedenti**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Il-koinċidenza jew ix-xebh f'melodija distintiva normalment ikollha impatt konsiderevoli fuq ir-riżultat tat-tqabbil fonetiku tat-trademarks, anki jekk waħda mill-marki jkun fiha wkoll element verbali jew it-tnejn li huma jkun fihom element verbali differenti. | **Marka ta' ħoss preċedenti**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Realistika:** Il-koinċidenza jew ix-xebh fi ħsejjes realistiċi distintivi f'marki ta' ħoss jew multimedjali ġeneralment iwasslu għal sejba ta' xebh fonetiku. | **Marka ta' ħoss preċedenti**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Aspetti oħra:** Is-sempliċi koinċidenza f'aspetti oħra, bħall-intonazzjoni, il-vuċi, eċċ. f'żewġ trademarks normalment ikollha impatt aktar baxx fuq it-tqabbil fonetiku tat-trademarks. | **Marka ta' ħoss preċedenti**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **Marka ta' ħoss ikkontestata**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## TQABBIL KUNĊETTWALI

***It-tqabbil kunċettwali bejn żewġ marki tal-ħoss u bejn marki ta' ħoss u tipi oħra ta' marki jista' jsir f'każijiet fejn ikun jista' jiġi identifikat kunċett (jew fl-element verbali jew fil-ħoss realistiku). Huwa improbabbli li marki ta' ħoss li fihom sempliċiment melodiji jkollhom kunċett.***

## TQABBIL TA' MARKI TA' MOVIMENT: TQABBIL VIŻIV, FONETIKU U KUNĊETTWALI

***Marka ta' moviment tinkludi kombinazzjonijiet ta' elementi differenti li jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej: 1) elementi verbali; 2) elementi figurattivi; u 3) il-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi verbali u/jew figurattivi.***

### TQABBIL VIŻIV

***Meta wieħed iqabbel b'mod viżiv żewġ marki ta' moviment jew marka ta' moviment ma' tip ieħor ta' marka, għandha titqies il-koinċidenza, jew ix-xebh, bejn l-elementi preżenti fit-trademarks (l-elementi verbali u/jew figurattivi, u l-moviment jew it-trasformazzjoni ta' dawk l-elementi).***

**Elementi verbali:** Marki ta' moviment li fihom element(i) verbali distintiv(i) x'aktarx li jkunu viżwalment simili għal marka ta' moviment oħra li jkun fiha l-istess element(i) verbali distintiv(i) jew simili.

Element(i) verbali distintiv(i) f'marka ta' moviment jista' jkollu/jkollhom impatt aktar qawwi fuq il-konsumatur minn elementi viżivi oħra (jiġifieri elementi figurattivi, moviment jew bidla oħra fiha nnifisha), għalkemm, it-tqabbil għandu jikkunsidra s-sinjali fl-intier tagħhom.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Elementi figurattivi:** Koinċidenza jew xebh f'element figurattiv distintiv jistgħu jwasslu għal Sejba ta' grad ta' xebh viżiv. Dan ix-xebh x'aktarx li jinstab, b'mod partikolari, meta minħabba d-daqs tiegħu, il-pożizzjoni tiegħu fil-marka u/jew il-kulur tiegħu, l-element figurattiv ikun jista' jiġi pperċepit mill-konsumatur sa livell suffiċjenti, meta wieħed iqis, b'mod partikolari, li huwa soġġett għal moviment/trasformazzjoni.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Moviment ta' elementi:** Is-sempliċi koinċidenza f'mozzjoni/moviment banali fiha nnifisha ma twassalx għal xebh viżiv.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li moviment partikolari li huwa impressjonanti u distintiv jista' jkun biżżejjed biex jagħmel il-marki ta' moviment simili sa ċertu punt fuq livell viżiv, minkejja li jkollhom elementi differenti oħra, bħal elementi verbali.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Trasformazzjoni ta' elementi:** Is-sempliċi koinċidenza fil-bidla fil-pożizzjoni jew fil-bidla fil-kuluri fiha nnifisha normalment ikollha impatt aktar

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| baxx fuq it-tqabbil tat-trademarks, u ma twassalx, fil-prinċipju, għal sejba ta’ xebh viżiv. |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## TQABBIL FONETIKU

***Marki ta’ moviment li ma jinkludu l-ebda element verbali ma jistgħux jiġu mqabbla fuq livell fonetiku. Bl-istess mod, marki ta’ moviment ma jistgħux jiġu mqabbla ma’ tipi oħra ta’ trademarks li ma jinkludux elementi verbali, la fl-immaġni u lanqas fil-pronunzja.***

Il-preżenza ta’ element verbali distintiv f’marka ta’ moviment normalment ikollha influwenza sinifikanti fuq il-mod kif il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi fonetikament il-marka ta’ moviment.

| Marka ta’ moviment preċedenti | Marka ta’ moviment ikkontestata |
|---|---|
|   Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | GERIVAN<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

Il-koinċidenza jew ix-xebh f’element verbali distintiv normalment ikollhom impatt fuq ir-riżultat tat-tqabbil fonetiku tal-marki ta’ moviment ma’ marki oħra ta’ moviment jew ma’ tipi oħra ta’ marki, u b’hekk ikun aktar probabbli li jwasslu għal sejba ta’ xebh fonetiku sa ċertu punt.

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ moviment ikkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | BERIVAN<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## TQABBIL KUNĊETTWALI

***Tqabbil kunċettwali bejn żewġ marki ta’ moviment u bejn marki ta’ moviment u tipi oħra ta’ marki jista’ jsir f’każijiet fejn ikun jista’ jiġi identifikat kunċett.***

Il-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi ta’ marka ta’ moviment, fihom infushom, x’aktarx li ma jkollhomx kunċett. Madankollu, il-moviment jista’ **jsaħħaħ**, **iżid** jew, f’xi każijiet, **jibdel** il-kunċett tal-element soġġett għall-moviment.

Pereżempju, fl-eżempju, il-kombinazzjoni tal-element mal-moviment issaħħaħ il-kunċett inizjali ta’ “plejer tal-basketball iwaddab ballun”. Għaldaqstant, il-marki huma kunċettwalment identiċi.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta’ moviment ikkontestata |
|---|---|
|  |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## TQABBIL TA’ MARKI MULTIMEDJALI: TQABBIL VIŻIV, FONETIKU U KUNĊETTWALI

***Il-marki multimedjali jinkludu żewġ kategoriji ta’ elementi: 1) elementi viżivi (elementi verbali murija grafikament, elementi figurattivi u l-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi verbali u/jew figurattivi); u 2) elementi tal-ħoss (elementi verbali mkanta jew mitkellma, elementi mużikali, ħsejjes realistiċi u ħsejjes oħra).***

## TQABBIL VIŻIV

***Marki multimedjali dejjem jistgħu jitqabblu fuq livell viżiv ma' marki multimedjali oħra kif ukoll ma' tipi oħra ta' trademarks ħlief marki ta' ħoss. Il-prinċipji tat-tqabbil viżiv tal-marki ta' moviment japplikaw b'mod ġenerali.***

**Elementi verbali murija grafikament:** Fil-prinċipju, ikun hemm grad ta' xebh viżiv bejn żewġ marki multimedjali jew bejn marka multimedjali u tip ieħor ta' marka jekk dawn ikollhom l-istess elementi verbali murija grafikament jew simili.

| Marka multimedjali preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | gerivan Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Elementi figurattivi:** Fil-prinċipju, ikun hemm grad ta' xebh viżiv bejn żewġ marki multimedjali jew bejn marka multimedjali u tip ieħor ta' marka jekk dawn ikollhom l-istess elementi figurattivi distintivi jew simili.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**TQABBIL FONETIKU**

***Marki multimedjali dejjem jistgħu jitqabblu fuq livell fonetiku ma' marki multimedjali oħra u ma' marki ta' ħoss. It-tqabbil fonetiku jista' jsir ukoll ma' tipi oħra ta' marki li jikkonsistu minn jew li fihom element verbali.***

**Elementi verbali murija grafikament:** Fil-prinċipju, ikun hemm grad ta' xebh fonetiku jekk marka multimedjali jkun fiha element verbali grafiku distintiv (fiss jew soġġett għal moviment), li jikkoinċidi fi, jew ikun simili għal, element verbali ta' marka oħra (kemm imkanta jew mitkellem jew muri grafikament, fejn applikabbli).

| Marka multimedjali preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| GE Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | GERIVAN Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Elementi verbali mkanta jew mitkellma:** Fil-prinċipju, ikun hemm ukoll grad ta' xebh fonetiku jekk l-element verbali mkanta jew mitkellem tal-marka multimedjali jikkoinċidi fi, jew ikun simili għal, element verbali ieħor ipperċepit f'marka oħra (kemm imkanta jew mitkellem jew muri grafikament, fejn applikabbli).

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| GERIVAN Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Kombinazzjoni ta' elementi verbali murija grafikament u mkanta jew mitkellma:** Fejn element verbali muri grafikament ikun akkumpanjat minn element verbali mkanta jew mitkellem, dan tal-aħħar jista' jaffettwa l-pronunzja tal-element verbali muri grafikament. ([12])

| Marka ta' kelma preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

([12]) Madankollu, skont il-każ partikolari, ma jistax jiġi eskluż li l-element verbali muri grafikament f'marka multimedjali xorta jibqa' jiġi ppronunzjat skont ir-regoli tal-pronunzja tal-pubbliku rilevanti korrispondenti.

**Elementi mużikali u ħsejjes realistiċi:** Il-possibbiltà ta' koinċidenza fil-melodija jew fil-ħsejjes realistiċi teżisti biss b'marki multimedjali u ta' ħoss, peress li huma l-uniċi tipi ta' trademarks li jista' jkun fihom tali ħsejjes.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**TQABBIL KUNĊETTWALI**

***Marki multimedjali jistgħu jitqabblu fuq livell kunċettwali dment li jitwassal kunċett.***

**TQABBIL TA' MARKI OLOGRAFIĊI: TQABBIL VIŻIV, FONETIKU U KUNĊETTWALI**

***Jistgħu jiġu identifikati tliet kategoriji ta' elementi f'marki olografiċi: 1) elementi verbali; 2) elementi figurattivi; u 3) l-effett olografiku.***

**TQABBIL VIŻIV**

***F'marka olografika, moviment jew trasformazzjoni fir-rappreżentazzjoni tal-marka jservu biss biex juru l-effett olografiku, u dan tal-aħħar biss għandu jiġi kkunsidrat fit-tqabbil viżiv.***

**Effett olografiku:** Effett olografiku identiku jew simili fih innifsu ma jwassalx, fil-prinċipju, għal sejba ta' xebh viżiv, sakemm ma jinstabx li hemm xebh fl-elementi verbali jew figurattivi tas-sinjali li jkunu qed jiġu mqabbla. Żewġ sinjali jistgħu jkunu simili b'mod viżiv minħabba elementi distintivi verbali jew figurattivi li jikkoinċidu jew li huma simili, anki jekk ikun hemm effett olografiku differenti.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
|  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**TQABBIL FONETIKU**

***Il-marki olografiċi li ma fihom l-ebda element verbali ma jistgħux jiġu mqabbla fuq livell fonetiku.***

Meta l-marki olografiċi jkun fihom elementi verbali, dawn jistgħu jiġu mqabbla fonetikament mal-istess tip ta' marki jew tipi oħra li jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni fonetika.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
|  |  Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**TQABBIL KUNĊETTWALI**

***Tqabbil kunċettwali bejn żewġ marki olografiċi u bejn marka olografika u tip ieħor ta' marki jista' jsir f'każijiet fejn ikun jista' jiġi identifikat kunċett.***

## 3 IMPLIMENTAZZJONI

Bħal f'każijiet preċedenti, il-Prattika Komuni se tidħol fis-seħħ fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni Komuni. Aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' din il-Prattika Komuni huma disponibbli

fit-tabella ta’ hawn taħt. L-Uffiċċji ta’ Implimentazzjoni jistgħu jagħżlu li jippubblikaw informazzjoni addizzjonali fuq is-siti web tagħhom.

## 3.1 UFFIĊĊJI TA’ IMPLIMENTAZZJONI

Lista ta’ uffiċċji ta’ implimentazzjoni, data ta’ implimentazzjoni u prattika ta’ implimentazzjoni: **Link għat-tabella**

**(*) Jekk ikun hemm diskrepanza bejn it-traduzzjoni tal-Komunikazzjoni Komuni u d-dokumenti tal-Prattika Komuni fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-verżjoni bl-Ingliż, din tal-aħħar tipprevali.**

MT

EUIPN
EUROPEAN UNION
INTELLECTUAL PROPERTY NETWORK

www.euipn.org

# PRATTIKA KOMUNI

# TIPI TA' MARKI ĠODDA: EŻAMINAZZJONI TAR-REKWIŻITI FORMALI U R-RAĠUNIJIET GĦAR-RIFJUT

APRIL 2021

**CP11 — TIPI ĠODDA TA' MARKI: EŻAMINAZZJONI TAR-REKWIŻITI FORMALI U R-RAĠUNIJIET GĦAR-RIFJUT U/JEW L-INVALIDITÀ**

**1 INTRODUZZJONI ........ 1**
1.1 L-għan ta' dan id-dokument ........ 1
1.2 Sfond ........ 1
1.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-prattika ........ 2
**2 IL-PRATTIKA KOMUNI ........ 4**
**A. EŻAMINAZZJONI TAR-REKWIŻITI FORMALI: IL-PRINĊIPJI KOMUNI ........ 4**
**1 Is-sinjal u l-elementi tiegħu kif definiti mill-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks ........ 4**
1.1 Marki ta' ħoss ........ 4
1.2 Marki ta' moviment ........ 5
1.3 Marki multimedjali ........ 6
1.4 Marki olografiċi ........ 6
**2 Aspetti ġenerali ........ 7**
2.1 Deskrizzjoni ........ 7
2.2 Indikazzjoni ta' elementi verbali fit-trademark ........ 8
2.3 Prevalenza tar-rappreżentazzjoni fuq it-tip u d-deskrizzjoni ........ 8
2.3.1 Diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni u d-deskrizzjoni ........ 8
2.3.2 Diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni u t-tip ........ 9
2.3.3 Diskrepanzi bejn id-deskrizzjoni u t-tip ........ 9
2.4 Mezzi validi ta' rappreżentazzjoni ta' aktar minn tip wieħed ta' trademark ........ 10
**3 Eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità ........ 11**
3.1 Suġġett identiku ........ 11
3.2 Suġġett differenti ........ 12
3.3 L-istess tip ta' trademarks irrappreżentati b'mod differenti ........ 15
3.3.1 Marki ta' ħoss ........ 15
3.3.2 Marki ta' moviment ........ 17
3.3.3 Marki olografiċi ........ 19
**B. EŻAMINAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET ASSOLUTI GĦAR-RIFJUT U/JEW L-INVALIDITÀ: IL-PRINĊIPJI KOMUNI ........ 20**
**1 Rimarki ġenerali ........ 20**
**2 Il-valutazzjoni taċ-ċarezza u l-preċiżjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks – l-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD ........ 20**
**3 Il-grad meħtieġ ta' distintività ta' tipi ġodda ta' trademarks – l-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD ........ 22**
3.1 Aspetti ġenerali ........ 22
3.2 Marki ta' ħoss ........ 23

3.2.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki ta' ħoss ..... 23
3.2.2 Marki ta' ħoss intrinsikament distintivi ..... 24
3.2.3 Marki ta' ħoss mhux distintivi ..... 26
3.3 Marki ta' moviment ..... 28
3.3.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki ta' moviment ..... 28
3.3.2 Marki ta' moviment intrinsikament distintivi ..... 29
3.3.3 Marki ta' moviment mhux distintivi ..... 30
3.4 Marki multimedjali ..... 32
3.4.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki multimedjali ..... 32
3.4.2 Marki multimedjali intrinsikament distintivi ..... 32
3.4.3 Marki multimedjali mhux distintivi ..... 34
3.5 Marki olografiċi ..... 35
3.5.1 Perċezzjoni tal-konsumatur – marki olografiċi ..... 35
3.5.2 Marki olografiċi intrinsikament distintivi ..... 36
3.5.3 Marki olografiċi mhux distintivi ..... 36

**4 Tipi ġodda ta' trademarks li jistgħu jservu biex jiddeskrivu l-oġġetti jew is-servizzi, jew il-karatteristiċi tagħhom – l-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD ..... 37**

4.1 Aspetti ġenerali ..... 37
4.2 Marki ta' ħoss ..... 38
4.3 Marki ta' moviment ..... 39
4.4 Marki multimedjali ..... 40
4.5 Marki olografiċi ..... 41

**5 Sinjali li jikkonsistu esklużivament fi ħsejjes, moviment u kombinazzjoni ta' immaġni u ħoss, li jirriżultaw min-natura tal-oġġetti, jistgħu jkunu neċessarji sabiex jinkiseb riżultat tekniku, jew jistgħu jagħtu valur sostanzjali lill-oġġetti – l-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD. ..... 42**

**C. EŻAMINAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET RELATTIVI GĦAR-RIFJUT U/JEW L-INVALIDITÀ: IL-PRINĊIPJI KOMUNI ..... 44**

**1 Aspetti Ġenerali ..... 44**

**2 Identità ..... 45**

**3 Tqabbil ta' marki ta' ħoss ..... 46**

3.1 Kategoriji ta' elementi ..... 46
3.2 Tqabbil viżiv ..... 46
3.3 Tqabbil fonetiku ..... 46
3.4 Tqabbil kunċettwali ..... 52

**4 Tqabbil ta' marki ta' moviment ..... 53**

4.1 Kategoriji ta' elementi ..... 53
4.2 Tqabbil viżiv ..... 53
4.3 Tqabbil fonetiku ..... 56
4.4 Tqabbil kunċettwali ..... 58

**5 Tqabbil ta’ marki multimedjali ... 59**
5.1 Kategoriji ta’ elementi ... 59
5.2 Tqabbil viżiv ... 59
5.3 Tqabbil fonetiku ... 61
5.4 Tqabbil kunċettwali ... 64
**6 Tqabbil ta’ marki olografiċi ... 64**
6.1 Kategoriji ta’ elementi ... 65
6.2 Tqabbil viżiv ... 65
6.3 Tqabbil fonetiku ... 66
6.4 Tqabbil kunċettwali ... 66

# 1 INTRODUZZJONI

## 1.1 L-għan ta' dan id-dokument

Dan id-dokument ta' Prattika Komuni għandu l-għan li jidentifika l-prinċipji ġenerali dwar l-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut u l-invalidità ta' tipi ġodda ta' trademarks, jiġifieri l-marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografiċi u l-modi l-ġodda ta' kif jiġu rrappreżentati. Iservi bħala referenza għall-EUIPO, il-Benelux u l-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejħa b'mod kollettiv "l-IPOs tal-Istati Membri"), l-Assoċjazzjonijiet tal-Utenti (minn hawn 'il quddiem "UAs"), l-applikanti u r-rappreżentanti dwar il-Prattika Komuni CP11.

Se jkun disponibbli b'mod mifrux u se jkun aċċessibbli faċilment, u se jipprovdi spjegazzjoni ċara u komprensiva tal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Prattika Komuni l-ġdida. Dawn il-prinċipji huma mfassla biex ikunu applikati b'mod ġenerali, u għandhom l-għan li jkopru l-maġġoranza tal-każijiet. **Għalkemm l-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut ta' tipi ġodda ta' trademarks dejjem se tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ**, il-prinċipji jservu ta' gwida sabiex jiġi żgurat li IPOs tal-Istati Membri differenti jaslu għal riżultat simili u prevedibbli.

Barra minn hekk, l-eżempji f'dan id-dokument għandhom l-għan li juru l-prinċipji tal-Prattika Komuni. Dawn l-eżempji għandhom jitqiesu b'rabta mar-raġuni rispettiva tagħhom għar-rifjut/prinċipju u abbażi tas-suppożizzjonijiet li fuqhom jistrieħu.

## 1.2 Sfond

F'Diċembru 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pakkett ta' riforma dwar it-trademarks tal-UE. Il-pakkett kien fih żewġ strumenti leġiżlattivi, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 2017/1001 (EUTMR) u d-Direttiva (UE) Nru 2015/2436 (TMD), li għandhom l-għan li japprossimaw ulterjorment il-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-trademarks. Flimkien ma' dispożizzjonijiet ġodda dwar kwistjonijiet sostantivi u proċedurali, it-testi stabbilixxew bażi ġuridika aktar b'saħħitha għal ħidma kooperattiva. Skont it-termini tal-Artikolu 151 tal-EUTMR, il-kooperazzjoni mal-IPOs tal-Istati Membri biex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiki u l-għodod fl-oqsma tat-trademarks u d-disinji saret kompitu ewlieni tal-EUIPO; l-Artikolu 152 tal-EUTMR jindika b'mod espliċitu li din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-iżvilupp ta' standards ta' eżaminazzjoni komuni u l-istabbiliment ta' prattiki komuni.

Abbażi ta' dan il-qafas leġiżlattiv, f'Ġunju 2016, il-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO qabel dwar l-adozzjoni tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropej. B'riflessjoni tal-attivitajiet differenti previsti fl-EUTMR, il-proġetti tfasslu biex jibnu fuq is-suċċessi tal-passat filwaqt li fl-istess ħin itejbu l-proċessi u jestendu l-firxa tal-kollaborazzjoni.

Fil-qasam tal-konverġenza, dan kien jinkludi proġett iddedikat speċifikament għall-identifikazzjoni u l-analiżi ta' inizjattivi ġodda potenzjali ta' armonizzazzjoni. Il-proġett analizza l-prattiki tat-trademarks u tad-disinn tal-IPOs tal-Istati Membri sabiex jiġu identifikati oqsma fejn kienet teżisti diverġenza, u, permezz ta' evalwazzjoni tal-impatt probabbli, il-fattibbiltà tal-kamp ta' applikazzjoni possibbli, il-limiti legali eżistenti, il-livelli ta' interess fost l-utenti u l-prattiċità għall-IPOs, jiddetermina dawk l-oqsma fejn prattika komuni tkun l-aktar ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati tan-network. L-analiżi twettqet f'ċikli, b'kull ċiklu jirriżulta fir-rakkomandazzjoni għat-tnedija ta' proġett ta' konverġenza ġdid.

Il-Prattika Komuni deskritta f'dan id-dokument hija relatata mar-raba' proġett ta' konverġenza mniedi mill-Bord tat-Tmexxija, u l-ħdax-il wieħed kumplessivament. CP11 kienet waħda miż-żewġ proġetti rrakkomandati għat-tnedija bħala riżultat tat-tielet ċiklu tal-analiżi tal-konverġenza, li kienet iċċentrata fuq ir-Riforma Legali u l-impatt tad-dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-EUTMD.

***CP11: Tipi ġodda ta' marki: eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut u/jew l-invalidità***

Il-proġett imur lura għall-kuntest tal-inizjattiva tal-Appoġġ għat-Traspożizzjoni tad-Direttiva, imnedija bil-għan li tipprovdi appoġġ tekniku u legali għall-proċess tat-traspożizzjoni fl-IPOs tal-Istati Membri u tiffaċilita implimentazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

Bħala riżultat tal-proġett tal-Appoġġ għat-Traspożizzjoni tad-Direttiva, u bħala punt ta’ tluq komuni għall-prevenzjoni tal-allinjament ħażin u t-titjib taċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà u l-aċċessibbiltà għall-utenti, l-IPOs tal-Istati Membri qablu dwar il-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks ([1]) f’Ġunju 2017. Dan id-dokument jirrifletti l-ftehim bejn l-IPOs tal-Istati Membri dwar 1) it-tipi ta’ trademarks li l-Uffiċċji qed jippjanaw li jaċċettaw; 2) id-definizzjonijiet u l-mezzi ta’ rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks; u 3) il-formati ta’ fajls elettroniċi aċċettabbli għal marki ta’ ħoss, ta’ moviment, multimedjali u olografiċi.

Barra minn hekk, saret rakkomandazzjoni biex jiġi żviluppat proġett dwar l-armonizzazzjoni tal-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidità li jaffettwaw il-marki ta’ ħoss, ta’ moviment, multimedjali u olografiċi. Din il-proposta ġiet sussegwentement approvata mill-Grupp ta’ Ħidma dwar l-Analiżi tal-Konverġenza f’Ottubru 2017, u finalment ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f’Ġunju 2018.

Il-proġett tal-Grupp ta’ Ħidma kien maqsum f’żewġ linji ta’ ħidma differenti:

a) L-ewwel linja ta’ ħidma ffokat fuq l-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet assoluti għar-rifjut jew l-invalidità.
b) It-tieni linja ta’ ħidma ffokat fuq l-eżaminazzjoni tar-raġunijiet relattivi għar-rifjut jew l-invalidità.

Iż-żewġ linji ta’ ħidma kienu jinkludu rappreżentanti tal-IPOs tal-Istati Membri, tal-EUIPO u tal-UAs, li ħadmu mill-qrib biex jelaboraw u jaqblu fuq sett ta’ prinċipji bbażat fuq l-ammont limitat ta’ ġurisprudenza stabbilita fir-rigward tat-tipi ġodda ta’ trademarks u l-prattiki ta’ wara t-traspożizzjoni mistennija.

## 1.3 Kamp ta’ applikazzjoni tal-prattika

Din il-Prattika Komuni tagħti sett ta’ prinċipji u eżempji illustrattivi dwar l-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidità ta’ tipi ġodda ta’ trademarks, billi tqis l-impatt tal-eliminazzjoni tar-rappreżentazzjoni grafika fit-TMD il-ġdida.

Skont il-prinċipju ġenerali stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kriterji biex jiġu eżaminati r-raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidità għandhom ikunu l-istess għat-tipi kollha ta’ trademarks. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ dan il-prinċipju, il-kwistjonijiet li ġejjin li huma speċifiċi għal marki ta’ ħoss, ta’ moviment, multimedjali u olografiċi jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-linji ta’ ħidma tal-proġett CP11:

a) Il-kwistjonijiet li ġejjin jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Prattika Komuni CP11-WS1 relatata mal-eżaminazzjoni tar-rekwiżiti formali u r-raġunijiet assoluti għar-rifjut jew l-invalidità (Partijiet A u B). B’mod partikolari fir-rigward ta’:

- l-applikazzjoni tal-kriterji Sieckmann għal tipi ġodda ta’ trademarks ([2]);
- id-diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni, it-tip u d-deskrizzjoni tal-marka;
- l-eżaminazzjoni ta’ pretensjonijiet ta’ prijorità meta mill-inqas waħda mill-marki tkun tappartjeni għal tip ġdid.
- id-distintività inerenti ta’ tipi ġodda ta’ trademarks;
- il-karattru deskrittiv ta’ tipi ġodda ta’ trademarks;
- il-karatteristiċi li jirriżultaw min-natura tal-oġġetti, jew li jkunu meħtieġa biex jinkiseb riżultat tekniku,

([1]) https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/about_euipo/who_we_are/common_communication/common_communication_8/common_communication8_mt.pdf
([2]) Ara 12/12/2002, C 273/00, Sieckmann, EU:C:2002:748, § 55.

jew li jagħtu valur sostanzjali lill-oġġetti.

Il-kwistjonijiet li ġejjin, li mhumiex speċifiċi għal tipi ġodda ta' trademarks u/jew il-mod il-ġdid ta' kif jiġu rrappreżentati, huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika Komuni CP11-WS1.

- Il-modi konvenzjonali ta' rappreżentazzjoni ta' marki ta' ħoss u ta' moviment.
- Kwistjonijiet proċedurali u proċeduri amministrattivi interni fir-rigward ta' kif u b'liema mezzi l-applikant huwa mitlub jiċċara d-dubji jew jirrimedja n-nuqqasijiet.
- Ir-raġunijiet assoluti speċifikati fil-punti (d), (f), (g), (h), (i), (j), (k), u (l) tal-Artikolu 4 tat-TMD ma nstabux li huma speċifikament rilevanti għat-tipi ġodda ta' trademarks peress li jistgħu japplikaw irrispettivament mit-tip ta' trademark li qed tiġi eżaminata.
- Il-valutazzjoni ta' marki li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità, qerq, li jkun fihom bnadar u emblemi nazzjonali, jew li jmorru kontra drittijiet protetti oħra (DOP, IĠP, STG - TTW, PVR) ma għandhiex, fil-prinċipju, tiġi affettwata mill-modi l-ġodda ta' rappreżentazzjoni ta' marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali jew olografiċi.
- Fir-rigward tal-Artikolu 4(1)(d) tat-TMD, ġie miftiehem li dan jitħalla barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika Komuni għaliex il-konklużjoni li sinjal sar "konswetudinarju" tirrikjedi proċess minn qabel fejn jindara, li jimplika li ladarba jsir konswetudinarju jsir ukoll deskrittiv. Għalhekk, peress li r-regoli applikati għall-karattru deskrittiv huma applikabbli wkoll għal din ir-raġuni, ma hemmx bżonn li dan is-suġġett jiġi indirizzat speċifikament fir-rigward ta' marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografiċi.
- Kwistjonijiet lingwistiċi: Huwa kkunsidrat għall-fini tal-Prattika Komuni li marki li fihom elementi ta' kelma, li huma kompletament deskrittivi jew mhux distintivi bl-Ingliż, se jitqiesu bħala deskrittivi jew li m'għandhomx distintività fil-lingwi kollha u huma mifhuma mill-Uffiċċji nazzjonali.

b) Il-kwistjonijiet li ġejjin jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika Komuni CP11-WS2 relatata mal-eżaminazzjoni tar-raġunijiet relattivi għar-rifjut jew l-invalidità (Parti C), u b'mod partikolari, il-kriterji għat-tqabbil tas-sinjali fejn huma involuti marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografiċi, b'attenzjoni speċifika għal:

- it-tqabbil bejn tipi ġodda ta' trademarks infushom
- it-tqabbil bejn tipi oħra ta' trademarks u tipi ġodda ta' trademarks

Il-kwistjonijiet li ġejjin, li mhumiex speċifiċi għal tipi ġodda ta' trademarks, huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika Komuni CP11-WS2.

- Il-valutazzjoni tad-distintività msaħħa u/jew tad-distintività miksuba permezz tal-użu u/jew ir-reputazzjoni: għall-fini ta' din il-Prattika Komuni, huwa preżunt li ma hemm l-ebda evidenza u/jew pretensjoni u/jew għarfien preċedenti li kwalunkwe waħda mill-marki għandha reputazzjoni jew għandha distintività msaħħa miksuba bl-użu.
- Determinazzjoni jew definizzjoni tal-pubbliku rilevanti u l-grad ta' attenzjoni fil-valutazzjoni tar-raġunijiet relattivi.
- Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.
- Ftehim dwar il-fatturi li jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni. Għalkemm hemm ħafna fatturi li jista' jkollhom impatt fuq l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, bħall-grad ta' attenzjoni tal-pubbliku rilevanti, l-interdipendenza, il-koeżistenza, is-sitwazzjoni tas-suq, il-familja ta' marki, eċċ., mhuwiex l-għan tal-Prattika Komuni li jiġu ddeterminati liema huma dawn il-fatturi.
- Ftehim dwar l-interdipendenzi bejn il-valutazzjoni tad-distintività u l-fatturi l-oħra kollha li jiġu meqjusa meta tiġi vvalutata l-probabbiltà ta' konfużjoni.
- Bl-istess mod, il-Prattika Komuni ma għandhiex l-għan li tiddefinixxi jew tarmonizza l-kunċetti ta' "elementi distintivi u dominanti tal-marka", għalkemm dawn il-kunċetti jistgħu jissemmew fid-dokument, fejn meħtieġ, għall-valutazzjoni korretta tax-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali mill-perspettiva tal-pubbliku rilevanti.

# 2 IL-PRATTIKA KOMUNI

## A. EŻAMINAZZJONI TAR-REKWIŻITI FORMALI: IL-PRINĊIPJI KOMUNI

Din il-parti tal-Prattika Komuni twassal għal sett ta' prinċipji u tipprovdi xi rakkomandazzjonijiet dwar is-suġġetti li ġejjin:

- is-sinjal u l-elementi tiegħu kif definiti mill-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks;
- aspetti ġenerali: deskrizzjoni, indikazzjoni tal-elementi verbali, diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni, it-tip tat-trademark u d-deskrizzjoni, u l-mezzi validi ta' rappreżentazzjoni ta' aktar minn tip wieħed ta' trademark;
- l-eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità meta mill-inqas waħda mill-marki tkun tappartjeni għal tip ġdid.

## 1 Is-sinjal u l-elementi tiegħu kif definiti mill-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks

Il-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks tiffaċilita l-klassifikazzjoni tal-marki billi tiġbor fil-qosor id-definizzjonijiet u l-mezzi ta' rappreżentazzjoni għal kull wieħed mit-tipi differenti ta' trademarks ([3]), bl-użu bħala punt ta' referenza tad-definizzjonijiet u l-mezzi ta' rappreżentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ([4]). L-aħħar erba' tipi huma t-tipi ġodda ta' trademarks, u s-suġġett tal-proġett CP11 (ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografiċi).

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/2436 dwar it-Trade Marks, trademark tista' tiġi rrappreżentata fir-reġistru b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tagħha. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li s-sinjal jiġi rreġistrat fi kwalunkwe forma adatta bl-użu ta' teknoloġiji ġeneralment disponibbli, sakemm is-sinjal ikun jista' jiġi rappreżentat b'mod ċar, preċiż, komplut fih innifsu, faċilment aċċessibbli, intelliġibbli, durabbli u oġġettiv.

Meta sinjal jikkonforma b'mod ċar ma' waħda mid-definizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' rappreżentazzjoni stabbiliti fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks, dan għandu jiġi kklassifikat bħala dak it-tip speċifiku ta' trademark. Għalhekk, sinjal jiġi kklassifikat bħala marka ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali jew olografika meta r-rappreżentazzjoni tiegħu tkun konformi mad-definizzjoni u l-karatteristiċi spjegati fit-taqsimiet li ġejjin u l-format ippreżentat ikun dak xieraq għal kull trademark speċifika.

Għandu jiġi nnotat li l-eżempji proposti huma biss illustrattivi ta' x'tista' tkun preżentata ta' marka ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografika. Dawn jintwerew għal skopijiet ta' formalitajiet, iżda mhux neċessarjament jissodisfaw ir-rekwiżiti għal raġunijiet assoluti.

### 1.1 Marki ta' ħoss

Skont id-definizzjoni stabbilita fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks, marka ta' ħoss hija trademark li tikkonsisti esklużivament f'ħoss jew kombinazzjoni ta' ħsejjes, u għandha tkun irrappreżentata billi jiġi ppreżentat fajl tal-awdjo li jirriproduċi l-ħoss jew permezz ta' rappreżentazzjoni preċiża tal-ħoss f'notazzjoni mużikali.

Skont dan ta' hawn fuq, kwalunkwe sinjal irrappreżentat f'fajl tal-awdjo u li jkun fih ħoss wieħed jew aktar, irrispettivament mit-tip ta' ħoss li jkun fih (eż. elementi verbali pperċepiti fil-ħoss, ħoss fin-natura, ħoss tal-annimali, melodija, eċċ.) għandu jiġi kklassifikat bħala marka ta' ħoss.

([3]) https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/about_euipo/who_we_are/common_communication/common_communication_8/Annex_1_mt.pdf
([4]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017R1431&from=MT

Eżempji

| Marki ta' ħoss | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 1**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 2**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 3**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 4**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 5**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tas-27/11/2003, C 283/01, Notazzjoni mużikali-Sield Mark, EU:C:2003:641, fir-rigward tar-rappreżentazzjoni preċiża ta' ħoss f'notazzjoni mużikali tistabbilixxi li

> mużika miktuba diviża f'battuti u li turi, b'mod partikolari, il-kjavi, in-noti mużikali u l-waqfiet li l-forma tagħhom tindika l-valur relattiv u, fejn meħtieġ, l-accidentals — dawn id-dettalji kollha jservu sabiex jiġi ddeterminat il-grad tal-għoli jew it-tul tal-ħsejjes — tista' tikkostitwixxi rappreżentazzjoni preċiża tas-sekwenza ta' ħsejjes li jiffurmaw il-melodija li qed tintalab li tiġi rreġistrata. Dan il-metodu ta' rappreżentazzjoni grafika tal-ħsejjes jissodisfa r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li tali rappreżentazzjoni għandha tkun ċara, preċiża, kompleta minnha nfisha, faċilment aċċessibbli, li tinftiehem, durabbli u oġġettiva.

Għalhekk, "notazzjoni mużikali preċiża" tfisser li r-rappreżentazzjoni għandha tinkludi dawk l-elementi kollha li huma neċessarji biex jiġi ddeterminat is-suġġett ta' protezzjoni ċar u preċiż tagħha. Dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati meta s-sinjal ikun irrappreżentat minn mużika miktuba diviża f'battuti u juri, b'mod partikolari, il-kjavi u n-noti mużikali kollha neċessarji għar-riproduzzjoni tal-melodija.

It-tempo jew il-veloċità tal-melodija u l-istrument(i) huma elementi fakultattivi li għandhom jiġu indikati. Madankollu, in-nuqqas ta' indikazzjoni ta' dawn l-elementi jirriżulta f'rifjut ta' pretensjoni ta' prijorità meta l-formati tal-fajls tal-preżentati ma jkunux identiċi (Taqsima 3.3.1 ta' dan id-dokument - Eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità). Jista' wkoll ikollu impatt fuq il-valutazzjoni ta' raġunijiet relattivi għar-rifjut u l-invalidità meta l-valutazzjoni tal-identità tas-suġġett jew tqabbil tinvolvi marki ta' ħoss irrappreżentati grafikament.

## 1.2 Marki ta' moviment

Skont id-definizzjoni stabbilita fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks, marka ta' moviment hija trademark li tikkonsisti fi, jew testendi għal moviment jew bidla fil-pożizzjoni tal-elementi tal-marka, u għandha tkun irrappreżentata billi jiġi ppreżentat fajl tal-vidjow jew minn serje ta' immaġnijiet fissi sekwenzjali li juru l-moviment jew il-bidla tal-pożizzjoni.

Din id-definizzjoni ma tillimitax il-marki ta' moviment għal dawk li juru moviment. Sinjal jista' jikkwalifika wkoll bħala marka ta' moviment jekk ikun kapaċi juri bidla fil-pożizzjoni tal-elementi (pereżempju sekwenza ta' immaġnijiet fissi), bidla fil-kulur jew bidla fl-elementi mifhuma bħala s-sostituzzjoni ta' immaġni wieħed b'ieħor.

Għalhekk, fajl tal-vidjow li jikkonsisti f'immaġni jew immaġnijiet mingħajr ħoss fejn jistgħu jiġu identifikati moviment, bidla fil-pożizzjoni tal-elementi tal-marka, bidla fil-kulur jew bidla fl-elementi għandu jiġi kklassifikat bħala marka ta' moviment.

Meta l-marka ta' moviment tkun irrappreżentata minn serje ta' immaġnijiet fissi sekwenzjali li juru l-moviment jew il-bidla tal-pożizzjoni, it-tul ta' żmien, ir-repetizzjonijiet u l-veloċità tal-mozzjoni/moviment jistgħu jkunu meħtieġa li jiġu indikati fid-deskrizzjoni.

Għalhekk, in-nuqqas ta’ deskrizzjoni li tispjega dawk l-elementi jista’ jirriżulta f’rifjut ta’ pretensjoni ta’ prijorità meta l-formati tal-fajls tal-preżentati ma jkunux identiċi. Madankollu, jekk fi pretensjoni ta’ prijorità, it-tieni preżentata tkun irrappreżentata f’sekwenza ta’ immaġnijiet fissi, tista’ tintalab deskrizzjoni biex jiġi żgurat li s-suġġett taż-żewġ preżentati huwa identiku (eż. it-tul ta’ żmien, il-veloċità, ir-repetizzjonijiet) (Taqsima 3.3.2 ta’ dan id-dokument - Eżaminazzjoni ta’ pretensjonijiet ta’ prijorità). Jista’ wkoll ikollu impatt fuq il-valutazzjoni ta’ raġunijiet relattivi għar-rifjut u l-invalidità meta l-valutazzjoni tal-identità tas-suġġett jew tqabbil tinvolvi marki ta’ moviment irrappreżentati grafikament.

<u>Eżempji</u>

| Marki ta’ moviment | | |
|---|---|---|
|  **MARKA TA’ MOVIMENT 1** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ MOVIMENT 2** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ MOVIMENT 3** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
|  **MARKA TA’ MOVIMENT 4** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ MOVIMENT 5** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ MOVIMENT 6** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## 1.3 Marki multimedjali

Skont id-definizzjoni stabbilita fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks, marka multimedjali hija trademark li tikkonsisti fi, jew testendi għal, kombinazzjoni ta’ immaġni u ħoss. Marki multimedjali għandhom jiġu rrappreżentati billi jiġi ppreżentat fajl awdjoviżiv.

Għalhekk, fajl awdjoviżiv li jikkonsisti f’kombinazzjoni ta’ elementi viżivi u tal-awdjo għandu jiġi kklassifikat bħala marka multimedjali.

Il-preżenza ta’ skrin iswed jew abjad fil-fajl flimkien ma’ ħoss ma tipprekludix li t-trademark tiġi kklassifikata bħala marka multimedjali, u lanqas ma jagħmel dan in-nuqqas parzjali ta’ ħoss flimkien ma’ immaġni.

<u>Eżempji</u>

| Marki multimedjali | |
|---|---|
|  **MARKA MULTIMEDJALI 1** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 2** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## 1.4 Marki olografiċi

Skont id-definizzjoni stabbilita fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks, marka olografika hija trademark li tikkonsisti f’elementi b’karatteristiċi olografiċi. Għalhekk, ologramma hija immaġni li tibdel id-dehra tagħha meta tħares lejha minn angoli differenti. Pereżempju:

1. Ologramma tista’ tkun struttura fiżika ċatta li tuża d-diffrazzjoni tad-dawl biex toħloq immaġnijiet viżivi.

Il-wiċċ ċatt tagħha, taħt illuminazzjoni xierqa, jidher li fih immaġni tridimensjonali jew effetti viżivi oħra. F'dan il-każ, effett tridimensjonali jkun fil-fatt effett viżiv bidimensjonali li huwa pperċepit mill-moħħ uman bħala tridimensjonali.

2. Ologramma tista' tkun projezzjoni diġitali jew viżwalizzazzjoni ta' oġġett muri permezz ta' displejs tal-kamp tad-dawl. Permezz tagħhom, oġġetti tridimensjonali u kompożizzjonijiet ta' oġġetti jistgħu jiġu viżwalizzati u osservati bħala tali. Dawn l-immaġnijiet realistiċi jistgħu jiġu osservati, iżda ma jistgħux jintmessu.

Għaldaqstant, il-marki olografiċi juru effetti viżivi addizzjonali li tipi oħra ta' trademarks mhumiex kapaċi jużawhom. F'dan ir-rigward, il-karatteristiċi olografiċi jistgħu jinkludu wħud mill-karatteristiċi li ġejjin:

- effett ta' bdil tal-immaġni; effett ta' trasformazzjoni tal-immaġni;
- effett ta' volum tridimensjonali, eż. l-immaġni jidher li joħroġ 'il barra;
- effett ta' fond tridimensjonali, eż. l-immaġni jidher li għandu l-fond;
- elementi tridimensjonali li jduru u/jew jiċċaqalqu f'ologrammi diġitali;
- effetti viżwalizzati diġitalment, eż. fuq displej tal-LED.

Il-marki olografiċi għandhom jiġu rrappreżentati billi jiġi ppreżentat fajl tal-vidjow (eż. MP4) jew serje ta' immaġnijiet grafiċi jew fotografiċi li jkun fihom id-dehriet kollha minn angoli differenti li jservu biex jiġi identifikat b'mod suffiċjenti l-effett olografiku.

Meta l-marka olografika tkun irrappreżentata f'serje ta' immaġnijiet fissi grafiċi jew fotografiċi sekwenzjali, l-immaġnijiet għandhom juru d-dehriet kollha minn angoli differenti li huma meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod suffiċjenti l-effett olografiku fl-intier tiegħu, b'mod partikolari l-effetti ta' għoli, wisa', fond u/jew trasformazzjoni tal-immaġni tridimensjonali.

Eżempji

| Marki olografiċi | |
|---|---|
|  **MARKA OLOGRAFIKA 1** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA OLOGRAFIKA 2** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

# 2 Aspetti ġenerali

## 2.1 Deskrizzjoni

Ir-rappreżentazzjoni tat-trademark tista' tiġi kkomplementata minn deskrizzjoni tas-sinjal f'każijiet xierqa, li sservi biex tiċċara s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka li għaliha saret l-applikazzjoni (5). Meta r-rappreżentazzjoni ta' tip ġdid ta' trademark (marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali u olografiċi) tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni, id-deskrizzjoni trid tikkonforma mar-rappreżentazzjoni tat-trademark u m'għandhiex tikkontradixxi r-rappreżentazzjoni jew testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Il-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks tindika li r-rappreżentazzjoni ta' marki ta' moviment, ta' pożizzjoni, ta' motif, ta' kulur, u marki oħra tista' tkun

(5) Ara 27/03/2019, C-578/17, Hartwall, EU:C:2019:261, § 39; 27/11/2003, C-283/01, Notazzjoni Mużikali-Shield Mark, EU:C:2003:641, § 59; u, bħala eżempju, is-sentenza tal-24/06/2004, C 49/02, Blau/Gelb, EU:C:2004:384, § 34.

akkumpanjata minn deskrizzjoni ([6]). Madankollu, dan ma jipprekludix il-possibbiltà li xi Uffiċċji jistgħu jaċċettaw ukoll deskrizzjonijiet li jakkumpanjaw tipi oħra ta’ trademarks.

## 2.2 Indikazzjoni ta’ elementi verbali fit-trademark

L-elementi verbali f’marki ta’ moviment jew olografiċi jistgħu jintwerew viżwalment, jew dawn l-elementi verbali jistgħu jiġu inklużi f’marki ta’ ħoss. Għal marki ta’ ħoss hija l-impressjoni fonetika tal-kelma li tgħodd. F’marki multimedjali, dawn jistgħu jkunu fonetiċi u/jew viżivi.

Għalhekk, kwalunkwe qasam eżistenti li jirrikjedi l-indikazzjoni ta’ elementi verbali fit-trademark se jservi biss għal finijiet ta’ riċerka u qatt mhu se jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni tat-trademark kif definit mir-rappreżentazzjoni tagħha.

## 2.3 Prevalenza tar-rappreżentazzjoni fuq it-tip u d-deskrizzjoni

Meta r-rappreżentazzjoni tat-trademark tkun ikkumplimentata b’indikazzjoni tat-tip u/jew deskrizzjoni tat-trademark, dawn iridu jkunu konformi mar-rappreżentazzjoni tat-trademark.

Għalhekk, meta jkun hemm kunflitt jew diskrepanza bejn ir-rappreżentazzjoni u t-tip u/jew id-deskrizzjoni tat-trademark, ir-rappreżentazzjoni tat-trademark dejjem tipprevali.

### *2.3.1 Diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni u d-deskrizzjoni*

Fejn teżisti diskrepanza bejn id-deskrizzjoni u r-rappreżentazzjoni tat-trademark, it-tip magħżul mill-applikant ikollu rwol importanti, u jekk it-tip tat-trademark ikun konformi mar-rappreżentazzjoni, id-deskrizzjoni jkollha titħassar jew tiġi emendata u trid tkun allinjata mar-rappreżentazzjoni.

<u>Eżempju</u>

<table>
<tr><th>Tip ta’ trademark magħżul: marka ta’ moviment</th><th>Raġunament</th></tr>
<tr><td>Rappreżentazzjoni tal-marka:<br><br>DISKREPANZA 1<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td rowspan="3">Hemm inkonsistenza bejn id-deskrizzjoni tat-trademark li tiddeskrivi kelb jinbaħ, u r-rappreżentazzjoni tal-marka, li tikkonsisti f’fajl tal-vidjow ta’ baqra tiċċaqlaq mingħajr ma tagħmel ħoss. Madankollu, it-tip ta’ trademark magħżul mill-applikant u r-rappreżentazzjoni tat-trademark huma allinjati. Għal din ir-raġuni, it-tip ta’ trademark jipprevali fuq id-deskrizzjoni, u, għalhekk, il-marka tiġi aċċettata bħala marka ta’ moviment, u d-deskrizzjoni żbaljata għandha titħassar jew tiġi kkoreġuta mill-applikant biex tkun allinjata mar-rappreżentazzjoni tal-marka.</td></tr>
<tr><td>Deskrizzjoni: kelb jinbaħ</td></tr>
<tr><td>Tip ta’ marka li għandu jiġi aċċettat: marka ta’ moviment</td></tr>
</table>

([6]) Ara d-definizzjonijiet u l-mezzi ta’ rappreżentazzjoni għat-tipi differenti ta’ trademarks kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks.

### 2.3.2 *Diskrepanzi bejn ir-rappreżentazzjoni u t-tip*

F’sitwazzjonijiet fejn teżisti diskrepanza bejn it-tip u r-rappreżentazzjoni tat-trademark, ir-rappreżentazzjoni tal-marka tipprevali wkoll, dment li tkun f’format aċċettabbli għar-rappreżentazzjoni tat-tip speċifiku ta’ marka.

Barra minn hekk, is-sentenza tas-27/03/2019, C 578/17, Hartwall, EU:C:2019:261, tistabbilixxi li

> meta f’applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta’ trademark ikun hemm kontradizzjoni bejn is-sinjal, li l-protezzjoni tiegħu hija mitluba fil-forma ta’ disinn, u l-klassifikazzjoni mogħtija lit-trademark mill-applikant tagħha u li għandha bħala konsegwenza li tagħmel impossibbli d-determinazzjoni eżatta tal-għan u tal-estensjoni tal-protezzjoni mitluba skont id-dritt tat-trademarks, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta’ din it-trademark, minħabba l-assenza ta’ ċarezza u ta’ preċiżjoni tal-applikazzjoni għal trademark (7).

<u>Eżempju</u>

<table>
<tr><th>Tip ta’ trademark magħżul: marka multimedjali</th><th>Raġunament</th></tr>
<tr><td>Rappreżentazzjoni tal-marka:<br><br>DISKREPANZA 2<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td rowspan="2">Teżisti inkonsistenza bejn it-tip ta’ trademark magħżul, “Marka multimedjali”, u r-rappreżentazzjoni li tikkonsisti fl-immaġni ta’ kelb jiċċaqlaq. Peress li hija rappreżentazzjoni preċiża għal marki ta’ moviment, il-marka tiġi aċċettata bħala marka ta’ moviment.</td></tr>
<tr><td>Tip ta’ marka li għandu jiġi aċċettat: marka ta’ moviment</td></tr>
</table>

### 2.3.3 *Diskrepanzi bejn id-deskrizzjoni u t-tip*

F’każijiet fejn ikun hemm diskrepanza bejn id-deskrizzjoni u t-tip ta’ trademark magħżul fl-applikazzjoni, id-deskrizzjoni tipprevali, dment li tkun taqbel mar-rappreżentazzjoni tat-trademark.

<u>Eżempju</u>

<table>
<tr><th>Tip ta’ trademark magħżul: marka multimedjali</th><th>Raġunament</th></tr>
<tr><td>Rappreżentazzjoni tal-marka:<br><br>DISKREPANZA 3<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td rowspan="3">Hemm inkonsistenza bejn id-deskrizzjoni tal-marka, li tiddeskrivi bidla fil-pożizzjoni ta’ vleġġa griża, u t-tip ta’ trademark magħżul, “Marka multimedjali”. Madankollu, id-deskrizzjoni u r-rappreżentazzjoni huma allinjati, bit-tnejn li huma jikkonsistu fi vleġġa griża li tiċċaqlaq. Għal din ir-raġuni, id-deskrizzjoni tipprevali fuq it-tip magħżul, u l-marka tiġi aċċettata bħala marka ta’ moviment.</td></tr>
<tr><td>Deskrizzjoni: il-moviment ta’ vleġġa griża li tibdel il-pożizzjoni tagħha gradwalment mir-rokna t’isfel tax-xellug għal dik ta’ fuq tal-lemin, fejn il-moviment kollu jdum 4 sekondi</td></tr>
<tr><td>Tip ta’ marka li għandu jiġi aċċettat: marka ta’ moviment</td></tr>
</table>

(7) Ara 27/03/2019, C 578/17, Sieckmann, EU:C:2019:261, § 40.

## 2.4 Mezzi validi ta’ rappreżentazzjoni ta’ aktar minn tip wieħed ta’ trademark

Formati ta’ fajls ġodda (eż. fajls elettroniċi tal-awdjo jew tal-vidjow) ma għandhomx jintużaw biex jirrappreżentaw marki tradizzjonali ([8]) fir-reġistru (eż. fajl tal-vidjow ma jkunx mezz aċċettabbli biex tiġi ppreżentata marka verbali, anki jekk il-fajl ikun fih biss rappreżentazzjoni fissa tal-kelma nnifisha).

Madankollu, formati ta’ fajls ġodda jistgħu jkunu aċċettabbli għal aktar minn wieħed mit-tipi ġodda ta’ trademarks, kif inhu l-każ għall-fajls elettroniċi tal-vidjow, li huma aċċettabbli għar-rappreżentazzjoni ta’ marki ta’ moviment, multimedjali u olografiċi jew fajl tal-immaġni bħala mezz validu biex wieħed japplika għal marki ta’ ħoss jew figurattivi. F’dan ir-rigward, l-applikazzjonijiet għal trademark jiġu aċċettati skont it-tip ta’ trademark magħżul mill-applikant, dment li r-rappreżentazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti legali għat-tip speċifiku u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni u s-suġġett tat-trademark ivarja, skont it-tip ta’ marka aċċettata.

Għalhekk, marka ta’ ħoss irrappreżentata grafikament (eż. notazzjoni mużikali fil-fajl tal-immaġni) tista’ tiġi aċċettata bħala marka figurattiva jekk dan ikun it-tip magħżul mill-applikant, u l-ebda informazzjoni oħra ma tindika li l-intenzjoni kienet li wieħed japplika għal tip ieħor ta’ trademark. F’din is-sitwazzjoni, il-protezzjoni offruta mir-reġistrazzjoni ma tkoprix il-ħoss innifsu iżda l-element(i) figurattiv(i) inkluż(i) fit-trademark.

<u>Eżempji</u>

| **Tip ta’ trademark magħżul: marki multimedjali** | |
|---|---|
| **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  | **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  |
| Tip ta’ marka li għandu jiġi aċċettat: **marki ta’ moviment** | |

| **Tip ta’ trademark magħżul: marki figurattivi** | |
|---|---|
| **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  | **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  |
| Tip ta’ marka li għandu jiġi aċċettat: **marki figurattivi** | |

Bl-istess mod, marka ta’ moviment irrappreżentata grafikament (eż. sekwenza ta’ immaġnijiet fissi) tista’ tiġi aċċettata bħala marka figurattiva jekk l-applikant ikun għażel dak it-tip ta’ trademark u l-ebda informazzjoni oħra ma tindika li huwa ried japplika għal tip differenti.

([8]) Għall-finijiet ta’ dan id-dokument, “trademarks tradizzjonali” tirreferi biss għal marki ta’ kelma, għal marki purament figurattivi u għal marki komposti (kombinazzjoni ta’ elementi verbali u figurattivi).

Eżempji

| Tip ta' trademark magħżul: marka ta' moviment |
| --- |
| **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  |
| Tip ta' marka li għandu jiġi aċċettat: **marka ta' moviment** |

| Tip ta' trademark magħżul: marka figurattiva |
| --- |
| **Rappreżentazzjoni tal-marka:**  |
| Tip ta' marka li għandu jiġi aċċettat: **marka figurattiva** |

## 3 Eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità

L-istess prinċipji li japplikaw għal trademarks tradizzjonali fir-rigward tal-eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità japplikaw ukoll għal tipi ġodda ta' trademarks, b'xi partikolaritajiet li huma indirizzati fit-taqsimiet li ġejjin. Barra minn hekk, sinjal jitqies identiku għal trademark biss meta jirriproduċi, mingħajr modifika jew żieda, l-elementi kollha li jikkostitwixxu t-trademark jew meta, meqjus fl-intier tiegħu, ikun fih differenzi tant insinifikanti li jistgħu ma jiġux innutati minn konsumatur tipiku ([9]). F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li differenza insinifikanti bejn żewġ trademarks hija differenza li konsumatur raġonevolment attent jipperċepixxiha biss wara eżaminazzjoni tal-marki maġenb xulxin.

### 3.1 Suġġett identiku

Żewġ trademarks jitqiesu bħala identiċi għall-finijiet tal-eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità jekk is-suġġetti tal-protezzjoni u t-trademark ikunu l-istess, irrispettivament mill-format. Barra minn hekk, il-prijorità tista' tiġi aċċettata meta t-tieni preżentata tkun ta' tip ta' trademark differenti iżda jkollha suġġett identiku.

Eżempju

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
| --- | --- |

([9]) Ara 20/03/2003, C -291/00, Arthur et Félicie, EU:C:2003:169, § 54.

| | |
|---|---|
|  **MARKA OĦRA 1** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 3** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka oħra | Marka multimedjali |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija aċċettata peress li ż-żewġ preżentati għandhom suġġett identiku, minkejja li huma ta’ tipi differenti.* | |

## 3.2 Suġġett differenti

Meta pretensjoni ta’ prijorità tinvolvi żewġ trademarks b’suġġett differenti (eż. jekk waħda mill-preżentati tinkludi elementi li mhumiex inklużi fil-preżentata l-oħra), irrispettivament mill-format tagħhom jew mit-tip ta’ trademark magħżul, it-trademarks jitqiesu b’mod differenti, u konsegwentement, il-pretensjoni ta’ prijorità tiġi miċħuda.

Eżempji skont it-tip ta’ marka

### a) Marki ta’ ħoss

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 6** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 7** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta’ ħoss | Marka ta’ ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija rrifjutata peress li l-melodija tindaqq minn strumenti differenti, u għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 8** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 9** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta’ ħoss | Marka ta’ ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija rrifjutata peress li t-tempo tal-melodija fl-ewwel preżentata huwa ħafna aktar bil-mod mit-tempo tal-melodija fit-tieni preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 10** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 11** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta’ ħoss | Marka ta’ ħoss |

| | |
|---|---|
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li r-ritmu tat-tieni preżentata mhuwiex l-istess bħal dak fl-ewwel preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
| ♫ **MARKA TA' ĦOSS 12** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫ **MARKA TA' ĦOSS 13** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-ewwel preżentata tikkonsisti fil-ħoss ta' tliet beeps, filwaqt li t-tieni preżentata fiha l-ħoss ta' sitt beeps. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

## b) Marki ta' moviment

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  |  **MARKA MULTIMEDJALI 4** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' moviment | Marka multimedjali |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li t-tieni preżentata fiha ħoss li mhuwiex inkluż fl-ewwel preżentata. Barra minn hekk, l-ewwel preżentata ma tirrappreżentax il-moviment ta' ċapċip komplet fit-tieni preżentata, jiġifieri l-11-il ċapċipa ripetuta. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 7** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA' MOVIMENT 8** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' moviment | Marka ta' moviment |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-veloċità u r-repetizzjonijiet tal-idejn iċapċpu tal-ewwel preżentata huma differenti fit-tieni preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
| **MARKA TA' MOVIMENT 9** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' MOVIMENT 10** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' moviment | Marka ta' moviment |

**Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-ewwel preżentata tikkonsisti fi vleġġa li tiċċaqlaq minn rokna waħda u tieqaf f'nofs il-frejm, filwaqt li t-tieni preżentata tikkonsisti fi vleġġa li tiċċaqlaq minn rokna tal-frejm għal oħra. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.*

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  | <br>**MARKA TA' MOVIMENT 11**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka figurattiva | Marka ta' moviment |

**Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li ż-żewġ preżentati jikkonsistu fl-istess immaġni ta' baqra iżda t-tieni preżentata tinkludi l-moviment tal-ħalq tal-baqra, li mhuwiex inkluż fl-ewwel preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.*

### c) Marki multimedjali

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
| <br>**MARKA MULTIMEDJALI 5**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA' ĦOSS 14**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka multimedjali | Marka ta' ħoss |

**Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-ewwel preżentata tikkonsisti f'immaġni u ħoss, filwaqt li t-tieni preżentata fiha l-istess ħoss iżda l-ebda immaġni. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.*

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
| <br>**MARKA MULTIMEDJALI 6**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA MULTIMEDJALI 7**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka multimedjali | Marka multimedjali |

**Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li ż-żewġ preżentati fihom l-istess immaġni, iżda ħoss u moviment differenti. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.*

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
| <br>**MARKA MULTIMEDJALI 8**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA MULTIMEDJALI 9**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

| Marka multimedjali | Marka multimedjali |
|---|---|
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li ż-żewġ preżentati għandhom l-istess ħoss iżda t-tieni preżentata ma tinkludix l-elementi kollha li jidhru fl-ewwel preżentata, jiġifieri l-element verbali "Gerivan". Għalhekk, is-suġġett huwa differenti.* | |

### d) Marki olografiċi

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA OLOGRAFIKA 3** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA OLOGRAFIKA 4** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka olografika | Marka olografika |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-effett olografiku tat-tieni preżentata mhuwiex l-istess bħal dak fl-ewwel preżentata. Għalhekk, is-suġġett huwa differenti.* | |

## 3.3 L-istess tip ta' trademarks irrappreżentati b'mod differenti ([10])

### *3.3.1 Marki ta' ħoss*

Pretensjonijiet ta' prijorità jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha li jinsabu fl-ewwel preżentata jkunu preżenti fit-tieni preżentata.

Għalhekk, pretensjonijiet ta' prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija rrappreżentata f'notazzjoni mużikali (eż. JPEG) u l-oħra hija rappreżentata f'fajl tal-awdjo (eż. MP3) jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha ([11]) li jinsabu fil-fajl tal-awdjo jkunu indikati fin-notazzjoni mużikali.

Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi jkun nieqes, it-trademarks ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta' prijorità tiġi rrifjutata.

<u>Eżempji</u>

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|   |  **MARKA TA' ĦOSS 15** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija aċċettata peress li l-melodija fl-MP3 hija ekwivalenti għal dik fin-notazzjoni mużikali, u l-elementi kollha indikati fin-notazzjoni mużikali, jiġifieri l-battuti, il-kjavi, in-noti mużikali u l-waqfiet li l-forma tagħhom tindika l-valur relattiv - dawn id-dettalji kollha jservu sabiex jiġi ddeterminat il-grad tal-għoli jew it-tul tal-ħsejjes - kif ukoll l-istrument, jiġifieri l-pjanu u t-tempo tal-melodija jinsabu fil-fajl tal-awdjo.* | |

([10]) L-Anness tal-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks, fejn huma indikati l-formati tal-fajls aċċettabbli f'kull IPO, għandu jiġi ċċekkjat meta ssir pretensjoni ta' prijorità fejn iż-żewġ marki ta' ħoss huma rrappreżentati b'mod differenti.
([11]) Ara l-Parti A – Taqsima 1.1 – Marki ta' ħoss – Elementi biex il-marka ta' ħoss irrappreżentata grafikament tkun ċara u preċiża.

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA' ĦOSS 16** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |   |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija aċċettata peress li l-melodija fl-MP3 hija ekwivalenti għal dik fin-notazzjoni mużikali, u l-elementi kollha indikati fin-notazzjoni mużikali, jiġifieri l-battuti, il-kjavi, in-noti mużikali u l-waqfiet li l-forma tagħhom tindika l-valur relattiv - dawn id-dettalji kollha jservu sabiex jiġi ddeterminat il-grad tal-għoli jew it-tul tal-ħsejjes - kif ukoll l-istrument, jiġifieri l-pjanu u t-tempo tal-melodija jinsabu fil-fajl tal-awdjo.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA' ĦOSS 17** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |   |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li t-tieni preżentata ma tinkludix l-elementi kollha li jinsabu fil-fajl tal-awdjo, jiġifieri l-istrument. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati mhuwiex identiku.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|   |  **MARKA TA' ĦOSS 18** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-melodija fit-tieni preżentata fiha l-ħoss ta' kelb jinbaħ li mhuwiex inkluż fl-ewwel preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati mhuwiex identiku.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|   |  **MARKA TA' ĦOSS 19** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' ħoss | Marka ta' ħoss |
| **Raġunament:** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-melodija fit-tieni preżentata fiha vuċi li tgħid "Gerivan", li mhijiex inkluża fl-ewwel preżentata. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati mhuwiex identiku.* | |

<table>
<tr><th>L-ewwel preżentata</th><th>It-tieni preżentata</th></tr>
<tr><td></td><td><br>MARKA TA' ĦOSS 20<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td>Marka ta' ħoss</td><td>Marka ta' ħoss</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li mhux l-elementi kollha li jinsabu fil-fajl tal-awdjo huma indikati fin-notazzjoni mużikali, jiġifieri l-istrument li bih tindaqq il-melodija, f'dan il-każ, il-pjanu u l-ewwel preżentata hija biss rappreżentazzjoni parzjali tat-tieni preżentata li fiha noti addizzjonali. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><th>L-ewwel preżentata</th><th>It-tieni preżentata</th></tr>
<tr><td></td><td><br>MARKA TA' ĦOSS 21<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td>Marka ta' ħoss</td><td>Marka ta' ħoss</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li mhux l-elementi kollha li jinsabu fil-fajl tal-awdjo huma indikati fin-notazzjoni mużikali, jiġifieri l-istrument li bih tindaqq il-melodija, f'dan il-każ, viola pizzicato. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><th>L-ewwel preżentata</th><th>It-tieni preżentata</th></tr>
<tr><td></td><td><br>MARKA TA' ĦOSS 22<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td>Marka ta' ħoss</td><td>Marka ta' ħoss</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li mhux l-elementi kollha li jinsabu fil-fajl tal-awdjo huma indikati fin-notazzjoni mużikali, jiġifieri t-tempo jew il-veloċità tal-melodija. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ preżentati huwa differenti.</td></tr>
</table>

### 3.3.2 *Marki ta' moviment*

Pretensjonijiet ta' prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija rrappreżentata f'sekwenza ta' immaġnijiet fissi (eż. JPEG) u l-oħra f'fajl tal-vidjow (eż. MP4) jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha tal-fajl tal-vidjow u l-moviment sħiħ tagħhom ikunu identifikabbli b'mod ċar fis-sekwenza tal-immaġnijiet fissi. Jekk it-tieni preżentata tkun irrappreżentata f'sekwenza ta' immaġnijiet fissi, tista' tkun meħtieġa deskrizzjoni biex jiġi żgurat li s-suġġett huwa identiku (eż. it-tul ta' żmien, il-veloċità, repetizzjonijiet).

Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi jkun nieqes u l-moviment sħiħ ma jkunx jista' jiġi identifikat b'mod ċar, il-marki ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta' prijorità tiġi rrifjutata.

<u>Eżempji</u>

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|

| | |
|---|---|
|  **MARKA TA’ MOVIMENT 12** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| | **Deskrizzjoni**: dan il-moviment jikkonsisti fil-kontenut tal-immaġnijiet fissi li jidhru f’intervalli ta’ nofs sekonda. |
| Marka ta’ moviment | Marka ta’ moviment |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija aċċettata peress li l-moviment sħiħ tal-marka ta’ moviment fil-fajl tal-vidjow tal-ewwel preżentata huwa identifikat b’mod ċar fis-sekwenza ta’ immaġnijiet fissi tat-tieni preżentata, li turi eżattament l-istess sitt immaġnijiet li jidhru fil-fajl tal-vidjow.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  |  **MARKA TA’ MOVIMENT 13** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Deskrizzjoni**: dan il-moviment jikkonsisti fil-kontenut tal-immaġnijiet fissi li jidhru f’intervalli ta’ nofs sekonda. | |
| Marka ta’ moviment | Marka ta’ moviment |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija aċċettata peress li l-moviment sħiħ fl-ewwel preżentata, li tikkonsisti f’sekwenza ta’ sitt immaġnijiet fissi, huwa identifikabbli b’mod ċar fil-fajl tal-vidjow.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ MOVIMENT 14** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| Marka ta’ moviment | Marka ta’ moviment |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija rrifjutata peress li t-tieni preżentata ma tirrappreżentax il-moviment sħiħ taċ-ċapċip, jiġifieri t-18-il repetizzjoni taċ-ċapċip, il-veloċità taċ-ċapċip u t-tul tal-fajl tal-vidjow mhumiex inklużi fit-tieni preżentata, u barra minn hekk ma hemm l-ebda deskrizzjoni li tispjega l-moviment sħiħ.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  |  **MARKA TA' MOVIMENT 15** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| Marka ta' moviment | Marka ta' moviment |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta' prijorità hija rrifjutata peress li l-ewwel preżentata turi biss il-vleġġa f'żewġ pożizzjonijiet u l-moviment tal-vleġġa li jidher fil-fajl tal-vidjow tat-tieni preżentata mhuwiex muri fl-intier tiegħu fis-sekwenza ta' immaġnijiet fissi tal-ewwel preżentata.* | |

### *3.3.3 Marki olografiċi*

Pretensjonijiet ta' prijorità li fihom waħda mill-preżentati hija ologramma rrappreżentata f'serje ta' immaġnijiet grafiċi jew fotografiċi (fajls ta' immaġni, eż. JPEG), u l-oħra hija rrappreżentata f'fajl tal-vidjow (eż. MP4) jiġu aċċettati biss jekk l-elementi kollha tal-fajl tal-vidjow u l-istadji differenti tal-effett olografiku jkunu identifikati b'mod ċar fis-serje ta' immaġnijiet grafiċi jew fotografiċi.

Jekk xi wieħed minn dawk l-elementi u l-istadji differenti tal-effett olografiku ma jistgħux jiġu identifikati b'mod ċar, il-marki ma jkunux identiċi u l-pretensjoni ta' prijorità tiġi rrifjutata.

<u>Eżempji</u>

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA OLOGRAFIKA 5** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |
| Marka olografika | Marka olografika |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta' prijorità hija aċċettata peress li l-elementi kollha u l-istadji differenti tal-effett olografiku, b'mod partikolari l-fond tal-istruttura u l-element verbali li joħroġ 'il barra li jinsab fil-fajl tal-vidjow huma identifikati b'mod ċar fis-serje ta' immaġnijiet fotografiċi tat-tieni preżentata.* | |

| L-ewwel preżentata | It-tieni preżentata |
|---|---|
|  **MARKA OLOGRAFIKA 6** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |

| Marka olografika | Marka olografika |
|---|---|
| **<u>Raġunament:</u>** *il-pretensjoni ta’ prijorità hija rrifjutata peress li l-istadji differenti tal-effett olografiku li jinsabu fil-fajl tal-vidjow, jiġifieri, il-fond tal-istruttura tridimensjonali u l-element verbali li joħroġ ’il barra mhumiex identifikabbli fis-serje ta’ immaġnijiet fotografiċi tat-tieni preżentata.* | |

## B. EŻAMINAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET ASSOLUTI GĦAR-RIFJUT U/JEW L-INVALIDITÀ: IL-PRINĊIPJI KOMUNI

Din il-parti tal-Prattika Komuni tagħti sett ta’ prinċipji u tipprovdi xi rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-eżaminazzjoni tar-raġunijiet assoluti għar-rifjut u/jew l-invalidità li huma speċifiċi għal marki ta’ ħoss, ta’ moviment, multimedjali u olografiċi, u b’mod partikolari:

- il-valutazzjoni taċ-ċarezza u l-preċiżjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks – l-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD;
- il-grad meħtieġ ta’ distintività ta’ tipi ġodda ta’ trademarks – l-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD;
- tipi ġodda ta’ trademarks li jistgħu jservu biex jiddeskrivu l-oġġetti jew is-servizzi, jew il-karatteristiċi tagħhom – l-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD;
- sinjali li jikkonsistu esklużivament fi ħsejjes, moviment u kombinazzjoni ta’ immaġni u ħoss, li jirriżultaw min-natura tal-oġġetti, jistgħu jkunu neċessarji sabiex jinkiseb riżultat tekniku, jew jistgħu jagħtu valur sostanzjali lill-oġġetti – l-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD.

### 1 Rimarki ġenerali

Waħda mill-bidliet ewlenin li ġabet it-TMD il-ġdida kienet it-tneħħija tar-rekwiżit ta’ rappreżentazzjoni grafika mid-definizzjoni ta’ “trademark” mogħtija mill-Artikolu 3 tat-TMD.

Din it-tneħħija ppermettiet il-possibbiltà li jiġu aċċettati trademarks irrappreżentati f’formati ta’ fajls ġodda li qabel ma kinux previsti minn sistemi nazzjonali jew reġjonali. Barra minn hekk, din għamlet ir-rappreżentazzjoni ta’ ċerti tipi diġà aċċettabbli ta’ trademarks aktar faċli u preċiżi. Għaldaqstant, l-IPOs tal-Istati Membri qablu dwar l-aċċettazzjoni tal-approċċ tal-monoformat għat-tipi ġodda ta’ trademarks, mingħajr ma pprekludew l-aċċettazzjoni ta’ formati addizzjonali. Kollha kemm huma huma indikati fil-Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks ([12]).

Madankollu, minkejja l-possibbiltà li dawn it-tipi ġodda ta’ trademarks jiġu rrappreżentati f’formati differenti, ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-raġunijiet assoluti għar-rifjut għandu jkun l-istess.

### 2 Il-valutazzjoni taċ-ċarezza u l-preċiżjoni ta’ tipi ġodda ta’ trademarks – l-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD

Skont l-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD “sinjali li ma jistgħux jikkostitwixxu trademark ma għandhomx jiġu rreġistrati jew, jekk jiġu rreġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli li jiġu ddikjarati invalidi”.

Dan l-Artikolu jirrifletti l-obbligu tal-IPOs tal-Istati Membri li jirrifjutaw sinjali li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tat-TMD. F’dan ir-rigward, sabiex tkun tista’ tikkostitwixxi trademark, applikazzjoni għandha tissodisfa tliet kundizzjonijiet:

- trid tkun sinjal;
- trid tkun kapaċi tiddistingwi l-oġġetti jew is-servizzi ta’ impriża waħda minn dawk ta’ oħrajn;

([12])https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/about_euipo/who_we_are/common_communication/common_communication_8/common_communication8_mt.pdf - ara t-Tabella 2 u 6.

- trid tkun tista’ tiġi rrappreżentata fir-reġistru b’tali mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.

Dan l-Artikolu jirrifletti l-obbligu tal-IPOs tal-Istati Membri li jirrifjutaw is-sinjali meta r-rappreżentazzjoni tagħhom ma tkunx ċara u preċiża. F’dan ir-rigward, ir-rappreżentazzjoni ta’ tip ġdid ta’ trademark jeħtieġ li tiġi vvalutata sabiex jiġi vverifikat jekk din tippermettix lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni, u li għalhekk tista’ tikkostitwixxi trademark.

Dan ifisser li l-marka titqies bħala ċara u preċiża sakemm tkun irrappreżentata fi kwalunkwe forma xierqa bl-użu ta’ teknoloġiji ġeneralment disponibbli, dment li s-sinjal ikun jista’ wkoll jiġi rrappreżentat b’mod awtonomu, faċilment aċċessibbli, intelliġibbli, durabbli u oġġettiv, irrispettivament minn jekk ikollux kunċett jew le. Dan l-approċċ huwa allinjat mal-prinċipju li skontu ma hemmx bżonn li marka ta’ kelma jew figurattiva jkollha tifsira jew ikun fiha immaġnijiet identifikabbli sakemm tkun kapaċi tissodisfa l-funzjoni ta’ trademark, u b’hekk isservi bħala indikazzjoni tal-oriġini.

Barra minn hekk, il-konsegwenzi legali tar-rifjut ta’ trademark abbażi tal-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżaminazzjoni ta’ applikazzjoni għal trademark. L-Artikolu 4(4) tat-TMD jgħid li “trademark ma għandhiex tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni skont il-paragrafu 1(b), (c) jew (d) jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, wara l-użu li jkun sar minnha, hi tkun akkwistat karattru ta’ natura distintiva.” Għalhekk, jekk l-applikazzjoni tiġi rrifjutata abbażi tar-raġunijiet f’(a), ma jkun hemm l-ebda eżaminazzjoni bbażata fuq ir-raġunijiet assoluti għar-rifjut l-oħra, u ma jkunx possibbli li jiġi evitat ir-rifjut permezz tad-distintività miksuba b’konsegwenza tal-użu tal-marka.

L-eżempji li ġejjin għal marki ta’ ħoss, ta’ moviment u multimedjali huma pprovduti biex jiġu vvalutati ċ-ċarezza u l-preċiżjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) tat-TMD. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għal marki olografiċi. Dawn l-eżempji mhux neċessarjament jitqiesu bħala distintivi skont l-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD.

### a) Marki ta’ ħoss

| Marki ta’ ħoss ċari u preċiżi | |
|---|---|
| **Marki ta’ ħoss** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA’ ĦOSS 23**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Għalkemm l-element verbali pperċepit fil-ħoss ma għandu l-ebda tifsira, ir-rappreżentazzjoni tal-marka ta’ ħoss tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.* |
| <br>**MARKA TA’ ĦOSS 24**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Minkejja li jipperċepixxu ħafna ħsejjes differenti flimkien fil-fajl, ir-rappreżentazzjoni tal-marka ta’ ħoss tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.* |

### b) Marki ta’ moviment

| Marki ta’ moviment ċari u preċiżi | |
|---|---|
| **Marki ta’ moviment** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA’ MOVIMENT 16**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Minkejja li tikkonsisti f’immaġni mċajpra, ir-rappreżentazzjoni ta’ din il-marka ta’ moviment tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.* |

| | |
|---|---|
|  **MARKA TA’ MOVIMENT 17** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Ir-rappreżentazzjoni ta’ din il-marka ta’ moviment, minkejja li fiha immaġnijiet li mhumiex identifikabbli, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.* |

c) **Marki multimedjali**

| **Marka multimedjali ċara u preċiża** | |
|---|---|
| **Marka multimedjali** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 10** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Minkejja li tikkonsisti f’immaġni mċajpra u l-fatt li l-element verbali ppercepit fil-ħoss ma għandu l-ebda tifsira, ir-rappreżentazzjoni ta’ din il-marka multimedjali tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni.* |

# 3 Il-grad meħtieġ ta’ distintività ta’ tipi ġodda ta’ trademarks – l-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD

## 3.1 Aspetti ġenerali

Skont l-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD it-trademarks li ma jkollhom l-ebda distintività ma għandhomx jiġu rreġistrati jew, jekk jiġu rreġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli li jiġu ddikjarati invalidi.

Meta jitqies il-kontenut tal-artikolu, l-aċċettabbiltà ta’ kwalunkwe tip ta’ trademark trid tiddependi fuq jekk dawn jitqisux bħala distintivi per se. F’dan ir-rigward, ta’ min jenfasizza li l-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tad-distintività ta’ tipi tradizzjonali ta’ trademarks għandhom japplikaw ukoll meta jiġi evalwat il-grad meħtieġ ta’ distintività ta’ tipi ġodda ta’ trademarks.

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, id-distintività tfisser li sinjal għandu jkun kapaċi jissodisfa l-funzjoni essenzjali ta’ trademark. Għalhekk, is-sinjal għandu jservi biex jidentifika l-prodott u/jew is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni billi jippermetti lill-konsumatur jiddistingwi dak l-oġġett u/jew servizz minn dawk ta’ impriżi oħra ([13]). Tali distintività tista’ tiġi vvalutata biss b’referenza, l-ewwel nett, għall-oġġetti jew għas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u, it-tieni nett, għall-perċezzjoni ta’ dak is-sinjal mill-pubbliku rilevanti ([14]).

Madankollu, għalkemm il-kriterji tal-valutazzjoni tad-distintività huma l-istess għall-kategoriji differenti ta’ trademarks, jista’ jirriżulta, meta jiġu applikati dawk il-kriterji, li l-perċezzjoni tal-pubbliku rilevanti mhux neċessarjament tkun l-istess fir-rigward ta’ kull waħda minn dawk il-kategoriji. Barra minn hekk, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-mod kif il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi trademark huwa influwenzat mil-livell ta’ attenzjoni tiegħu, li jista’ jvarja skont il-kategorija ta’ oġġetti jew servizzi inkwistjoni.

Għandu jiġi nnutat li tipi ġodda ta’ trademarks mhux neċessarjament jitwaħħlu jew jintużaw mal-oġġetti u/jew servizzi bl-istess mod bħal trademark tradizzjonali. Il-konsumatur jista’ jiltaqa’ ma’ tipi ġodda ta’ marki, pereżempju, fil-kuntest ta’ attivitajiet promozzjonali. Tali użu mhux neċessarjament inaqqas il-potenzjal distintiv tal-marka.

([13]) Ara 29/09/1998, C-39/97, Canon, EU:C:1998:442, § 28 u 27/02/2002, T-79/00, Lite, EU:T:2002:42, § 26.
([14]) Ara 08/04/2003, C-53/01, C 54/01 u C 55/01 Linde, EU:C:2003:206, § 41; 12/02/2004, C-363/99, Postkantoor, EU:C:2004:86, § 34 u l-kawżi magħquda ta’ 29/04/2004, C-468/01 P sa C-472/01- P, Tabs (3D), EU:C:2004:259, § 33.

Għalkemm kull waħda mir-raġunijiet għal rifjut fl-Artikolu 4(1) tat-TMD hija indipendenti u għandha tiġi eżaminata separatament, hemm koinċidenza ċara bejn ir-raġunijiet għal rifjut stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b) u 4(1)(c) tat-TMD. B'mod partikolari, huwa ċar mill-ġurisprudenza li trademark li hija kkunsidrata bħala deskrittiva ta' karatteristiċi ta' oġġetti jew servizzi għall-finijiet tal-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD hija minħabba f'hekk neċessarjament nieqsa minn kwalunkwe distintività fir-rigward tal-istess oġġetti u/jew servizzi għall-finijiet tal-Artikolu 4(1)(b) tat-TMD. Madankollu, marka tista' tkun nieqsa mid-distintività għal raġunijiet oħra għajr il-karattru possibbilment deskrittiv tagħha. Għaldaqstant, marka deskrittiva hija neċessarjament nieqsa minn kwalunkwe distintività, imma marka jista' jkun li tkun nieqsa mid-distintività minħabba raġunijiet għajr id-distintività ([15]).

## 3.2 Marki ta' ħoss

Kif diġà ssemma fil-parti tal-formalitajiet ta' dan id-dokument, il-Parti A, Taqsima 1.1 — Marki ta' ħoss, kwalunkwe sinjal irrappreżentat f'fajl tal-awdjo u li fih ħoss wieħed jew aktar, irrispettivament mit-tip ta' ħoss li fih, jista' jikkostitwixxi marka ta' ħoss.

### *3.2.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki ta' ħoss*

Il-perċezzjoni tal-pubbliku tad-distintività ta' marki ta' ħoss se tkun marbuta b'mod inseparabbli mal-grad sa fejn it-trademark tkun relatata mal-oġġetti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni. Il-konsumatur ikun aktar probabbli li jara l-marka bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Il-konsumaturi huma mdorrija jipperċepixxu tipi konvenzjonali ta' trademarks bħal marki ta' kelma u figurattivi bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali. Madankollu, peress li l-ħsejjes qed jintużaw dejjem aktar fil-kummerċ bħala parti minn strateġija ta' mmarkar, il-konsumaturi huma wkoll aktar probabbli li jipperċepixxuhom bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali.

Għal raġunijiet ta' analiżi tal-perċezzjoni tal-konsumatur, il-marki tal-ħoss jistgħu jinġabru fi gruppi mill-inqas bit-tliet modi li ġejjin:

- ħsejjes prodotti minn jew konnessi mal-oġġetti jew is-servizzi;
- noti, kombinazzjonijiet ta' noti, mużika jew melodiji;
- ħsejjes li huma l-ekwivalenti li jinstemgħu tal-elementi verbali.

Hemm ukoll ħsejjes li mhumiex inklużi fil-gruppi preċedenti u li ma għandhom l-ebda konnessjoni mal-oġġetti u/jew mas-servizzi.

L-ewwel grupp - ħsejjes prodotti minn jew konnessi mal-oġġetti jew is-servizzi - spiss jikkorrispondi man-natura jew il-funzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew ikun assoċjat mill-qrib mas-servizzi. Jekk dan ikun il-każ, il-pubbliku normalment ma jipperċepixxix il-ħoss bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali, iżda, pereżempju, sempliċiment bħala element funzjonali.

It-tieni grupp - noti, kombinazzjoni ta' noti, mużika jew melodiji - x'aktarx li ma jkollux rabta mal-oġġetti jew is-servizzi. Ġeneralment dawn jiġu pperċepiti mill-pubbliku bl-istess mod bħal sekwenza ta' noti jew bħala jingle promozzjonali, li tista' tkun distintiva jew le skont l-attributi speċifiċi tagħha.

Il-perċezzjoni tal-konsumatur tat-tielet grupp - marki ta' ħoss magħmula minn elementi verbali - tista' tinbidel, skont it-tifsira tal-element verbali nnifsu, il-lingwa u/jew il-mod kif jiġi ppronunzjat. Jekk il-marka ta' ħoss tkun tikkonsisti minn pronunzja komuni ta' kelma, il-valutazzjoni ġeneralment tkun l-istess bħal dik ta' marka ta' kelma li tinkludi l-istess element verbali.

---

([15]) Ara 12/06/2007, T-190/05, Twist & Pour, EU: T:2007:171, § 39; 08/07/2004, T-289/02 Telepharmacy Solutions EU:T:2004:227, § 24.

Fir-rigward ta' dawk il-ħsejjes li mhumiex konnessi mal-oġġetti u/jew servizzi u li mhumiex inklużi fil-gruppi preċedenti, il-konsumatur jipperċepixxihom biss bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali sakemm ikollhom ċerta reżonanza ([16]), li trawwem fil-konsumatur ċerta forma ta' attenzjoni biex tkun identifikabbli bħala trademark.

Il-mod kif il-konsumatur jipperċepixxi marka magħmula minn taħlita ta' gruppi differenti jiddependi fuq il-marka stess, sakemm din tkun identifikabbli bħala trademark, u jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-ħoss u l-oġġetti u s-servizzi.

### 3.2.2 Marki ta' ħoss intrinsikament distintivi

Meta l-ħoss perċepit f'marka ta' ħoss jikkonsisti f'nota waħda, kombinazzjoni ta' noti jew melodija, dan jitqies bħala intrinsikament distintiv jekk ikun jista' jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali.

| Melodija intrinsikament distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 25**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Provvediment ta' films għal skopijiet ta' divertiment* | *Is-sekwenza tan-noti hija ta' tul u kumplessità li jagħtuha ċerta reżonanza li tippermettilha tiffunzjona bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, il-melodija hija kkunsidrata distintiva għas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.* |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 26**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Provvediment ta' films għal skopijiet ta' divertiment* | *Is-sekwenza ta' noti msaffra hija ta' tul u kumplessità li jagħtuha ċerta reżonanza li tippermettilha tiffunzjona bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, il-melodija hija kkunsidrata distintiva għas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.* |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 27**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kompjuters* | *Is-sekwenza tal-kordi hija ta' tul u kumplessità li jagħtuha ċerta reżonanza li tippermettilha tiffunzjona bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għaldaqstant, il-melodija titqies bħala distintiva għall-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 28**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Il-melodija fiha sensiela ta' kordi li jagħtuha ċerta reżonanza, li jippermettulha tiffunzjona bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għaldaqstant, il-melodija titqies bħala distintiva għall-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

([16]) Ara 13/09/2016, T 408/15, SON D'UN JINGLE SONORE PLIM PLIM (marka ta' ħoss), EU:T:2016:468, § 45.

Meta l-ħoss ipperċepit f'marka ta' ħoss ikun jikkonsisti f'element verbali, li huwa meqjus distintiv fih innifsu, u jekk jiġi ppronunzjat b'mod ċar, anki jekk jiġi ppronunzjat b'vuċi newtrali jew robotika, il-marka ta' ħoss titqies bħala distintiva.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA' ĦOSS 29** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *L-element verbali distintiv ipperċepit fil-marka ta' ħoss, "Gerivan" huwa ppronunzjat b'mod ċar u li jinftiehem, u għalhekk il-marka ta' ħoss hija kkunsidrata bħala distintiva.* |
|  **MARKA TA' ĦOSS 30** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *L-element verbali distintiv ipperċepit fil-marka ta' ħoss, "Gerivan" huwa ppronunzjat b'mod ċar u li jinftiehem, u għalhekk il-marka ta' ħoss hija kkunsidrata bħala distintiva.* |

Barra minn hekk, jekk l-element ta' diskors ipperċepit f'marka ta' ħoss ma jkunx jista' jinftiehem jew ma jkunx identifikabbli bħala kelma, dan jitqies bħala distintiv, dment li l-ħoss ikun jista' jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marka ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA' ĦOSS 31** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Dan il-ħoss jitqies bħala ħoss ivvintat mingħajr ebda tifsira, li huwa memorabbli u għalhekk jista' jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |

Meta l-ħoss ipperċepit f'marka ta' ħoss ikun fih ħoss diżassoċjat mill-oġġetti u/jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, fil-prinċipju, dan jitqies bħala distintiv dment li jkun jista' jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA' ĦOSS 32** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 11: Tojlits* | *Il-ħoss ipperċepit fit-trademark ma għandu l-ebda rabta mal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni u għandu reżonanza suffiċjenti sabiex jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, huwa meqjus distintiv.* |
|  **MARKA TA' ĦOSS 33** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali* | *Il-ħoss ipperċepit fil-marka m'għandu l-ebda rabta mal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni u għandu reżonanza suffiċjenti biex jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini* |

| | | |
|---|---|---|
| | | *kummerċjali. Għalhekk, huwa meqjus distintiv.* |

### 3.2.3 *Marki ta’ ħoss mhux distintivi*

Fil-prinċipju, meta l-marka ta’ ħoss tkun tikkonsisti f’ħoss prodott minn jew konness mal-oġġetti u/jew mas-servizzi, jew ma’ karatteristiċi rilevanti oħra tagħhom, din tiġi pperċepita mill-konsumatur sempliċiment bħala attribut funzjonali, u għalhekk il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta’ ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA’ ĦOSS 34** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 33: Inbid* | *Il-konsumatur ma jipperċepixxix dan il-ħoss bħala trademark iżda biss bħala ħoss konness mal-oġġetti. Għalhekk, huwa meqjus li mhux distintiv.* |
|  **MARKA TA’ ĦOSS 35** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Qniepen tal-bibien* | *Il-ħoss perċepit fil-marka jista’ jiġi konness faċilment mal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni. Għalhekk, il-marka titqies bħala mhux distintiva.* |

Meta l-marka tal-ħoss tikkonsisti f’noti, kombinazzjoni ta’ noti, mużika jew melodji, din titqies bħala mhux distintiva jekk il-ħoss ma jkollux reżonanza u ma jiġix rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, anki jekk ma tkun tista’ tiġi stabbilita l-ebda rabta mal-oġġetti u/jew servizzi.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta’ ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA’ ĦOSS 36** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Dan il-ħoss li jikkonsisti f’nota waħda m’għandux reżonanza u ma jiġix rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva.* |

Meta marka ta’ ħoss tkun tikkonsisti f’elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi ppronunzjati b’mod ċar u mingħajr ebda element ta’ ħoss impressjonanti jew mhux tas-soltu, il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta’ ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA’ ĦOSS 37** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *L-element verbali mhux distintiv/deskrittiv ipperċepit fil-marka ta’ ħoss, “Premium”, huwa ppronunzjat b’mod ċar u mingħajr ebda element tal-ħoss impressjonanti jew mhux tas-soltu. Għalhekk, il-marka ta’ ħoss titqies bħala mhux distintiva.* |

| | | |
|---|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 38** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *L-element verbali mhux distintiv/deskrittiv ipperċepit fil-marka ta' ħoss, "Premium Quality", huwa ppronunzjat b'mod ċar u mingħajr ebda element ta' ħoss impressjonanti jew mhux tas-soltu. Għalhekk, il-marka ta' ħoss titqies bħala mhux distintiva.* |

Madankollu, skont id-definizzjoni ta' marka ta' ħoss, elementi oħra ta' ħsejjes, bħal-lirika, melodija speċifika, intonazzjoni u/jew mod speċifiku ta' kant jistgħu jiġu inklużi u pperċepiti fil-marka. F'dan ir-rigward, fil-prinċipju, meta l-element verbali mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku pperċepit f'marka ta' ħoss ikun akkumpanjat minn elementi oħra tal-ħoss, li wkoll jitqiesu bħala mhux distintivi fihom infushom, il-marka ta' ħoss x'aktarx li titqies bħala mhux distintiva fl-intier tagħha wkoll.

| Mhux distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marka ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| **MARKA TA' ĦOSS 39** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *L-elementi verbali pperċepiti fil-marka ta' ħoss, "Premium quality", huma meqjusa bħala mhux distintivi/deskrittivi. Iż-żieda ta' vuċi tkanta mhijiex biżżejjed biex tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |
| **MARKA TA' ĦOSS 40** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda ta' mod speċjali ta' intonazzjoni tal-elementi verbali pperċepiti fil-ħoss, "Premium quality", li huma meqjusa bħala mhux distintivi/deskrittivi fihom infushom, mhijiex biżżejjed biex tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |
| **MARKA TA' ĦOSS 41** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda ta' vuċi tkanta u jingle speċjali għall-elementi verbali pperċepiti fil-ħoss, "Premium quality", li huma kkunsidrati bħala mhux distintivi/deskrittivi fihom infushom, mhijiex biżżejjed biex tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |

Ma jistax jiġi eskluż li arranġament partikolari ta' elementi differenti ta' ħsejjes, li mhuwiex tas-soltu u jista' faċilment jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, jista' jkun biżżejjed biex marka ta' ħoss issir distintiva fl-intier tagħha. Għandu jiġi nnutat li l-applikant mhux se jikseb drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka ta' ħoss.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marka ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| | *Klassi 31: Banana friska* | *L-element verbali, li fil-prinċipju jista' jitqies bħala mhux* |

| | | |
|---|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 42**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | | *distintiv/deskrittiv fih innifsu, huwa meqjus li ma jiġix mifhum b'mod ċar u l-kombinazzjoni mal-melodija u l-mod li bih il-kelma titkanta huwa biżżejjed biex jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali, u biex il-marka ta' ħoss issir distintiva fl-intier tagħha.* |

## 3.3 Marki ta' moviment

Kif diġà ssemma fil-parti tal-formalitajiet ta' dan id-dokument, il-Parti A, Taqsima 1.2 – Marki ta' moviment, id-definizzjoni ta' marki ta' moviment mhijiex ristretta għal dawk li juru biss moviment. Għaldaqstant, huwa possibbli li jiġi kkwalifikat sinjal bħala marka ta' moviment li juri bidla fil-pożizzjoni tal-elementi, bidla fil-kulur jew bidla fl-elementi li hemm fis-sinjal.

### *3.3.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki ta' moviment*

Il-perċezzjoni tal-pubbliku tad-distintività ta' marki ta' moviment se tkun marbuta b'mod inseparabbli mal-grad sa fejn it-trademark tkun relatata mal-oġġetti u s-servizzi. Il-konsumatur ikun aktar probabbli li jara l-marka bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Il-konsumaturi huma mdorrija jipperċepixxu tipi konvenzjonali ta' trademarks bħal marki ta' kelma u figurattivi bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali. Madankollu, hemm żieda fin-numru ta' sinjali li fihom movimenti u ta' immaġnijiet li jiċċaqilqu użati bħala parti mill-istrateġiji ta' mmarkar, għalhekk il-konsumaturi huma wkoll aktar probabbli li jipperċepixxuhom bħala indikazzjonijiet ta' oriġini kummerċjali.

Għal raġunijiet ta' analiżi tal-perċezzjoni tal-konsumatur, il-marki ta' moviment jistgħu jinġabru fi gruppi bil-modi li ġejjin:

- movimenti li jistgħu jiġu pperċepiti bħala element intrinsikament funzjonali tal-oġġetti jew tas-servizzi nfushom, jew li jintużaw biex jikkontrollaw dawk l-oġġetti;
- movimenti li fihom elementi verbali u/jew elementi figurattivi.

Il-marki ta' moviment li huma pperċepiti bħala element intrinsikament funzjonali tal-oġġetti jew tas-servizzi nfushom, jew li jintużaw sabiex jikkontrollaw dawn l-oġġetti, ġeneralment ma jitqisux mill-pubbliku bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali, iżda biss bħala attributi funzjonali.

Movimenti li mhumiex assoċjati mal-oġġetti jew mas-servizzi jistgħu jiġu pperċepiti bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali jekk il-movimenti ma jkunux funzjonijiet ta', jew relatati mal-oġġetti jew mas-servizzi nfushom, u dment li joħolqu ċerta impressjoni, biex b'hekk irawmu fil-konsumatur ċerta forma ta' attenzjoni biex ikunu identifikabbli bħala trademark.

Il-perċezzjoni tal-pubbliku ta' marki ta' moviment li jkun fihom elementi verbali jew figurattivi tiddependi fuq iż-żieda tal-moviment u fuq jekk l-element verbali jew figurattiv huwiex, minħabba d-daqs u l-pożizzjoni tiegħu, rikonoxxibbli b'mod ċar fis-sinjal. Jekk l-ebda element fis-sinjal ma jfixkel l-attenzjoni tal-konsumatur mill-kelma jew mill-element figurattiv, il-perċezzjoni ġeneralment tkun l-istess bħal dik ta' marka ta' kelma jew ta' marka figurattiva bl-istess element. Jekk tista' tiġi stabbilita rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi, tali marki ma jiġux ipperċepiti bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali.

Il-mod kif konsumatur jipperċepixxi marka magħmula minn kombinazzjoni ta' gruppi differenti jiddependi fuq il-marka nnifisha, u kwalunkwe rabta bejn din u l-oġġetti u s-servizzi.

### *3.3.2 Marki ta' moviment intrinsikament distintivi*

Meta tiġi vvalutata d-distintività ta' dawn it-tipi ta' trademarks, dawn ġeneralment jitqiesu bħala distintivi jekk ikun fihom element verbali u/jew figurattiv distintiv li jiċċaqlaq jew jibdel il-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi tiegħu, anki jekk il-moviment jew il-bidla fil-pożizzjoni stess ma jkunux distintivi.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|   **MARKA TA' MOVIMENT 18** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kompjuters* | *Meta wieħed iqis li l-marka ta' moviment fiha l-element verbali "Gerivan", li huwa meqjus distintiv fih innifsu, u għalkemm il-moviment innifsu huwa meqjus li mhux distintiv, il-marka ta' moviment hija distintiva.* |
|   **MARKA TA' MOVIMENT 19** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kompjuters* | *Meta wieħed iqis li l-marka ta' moviment fiha l-element verbali "Gerivan", li huwa meqjus distintiv fih innifsu, u għalkemm il-moviment innifsu huwa meqjus li mhux distintiv, il-marka ta' moviment hija distintiva.* |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 20** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kompjuters* | *L-element figurattiv fil-marka ta' moviment huwa meqjus distintiv fih innifsu. Flimkien mal-kuluri li jinbidlu, il-konsumatur jipperċepih bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali għall-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 21** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Provvediment ta' films għal skopijiet ta' divertiment* | *L-element figurattiv li jiċċaqlaq fil-marka ta' moviment huwa meqjus distintiv fih innifsu u l-konsumatur jipperċepih bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali għas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.* |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 22** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Provvediment ta' films għal skopijiet ta' divertiment* | *L-elementi differenti li jidhru fil-marka huma kkunsidrati distintivi fihom infushom u l-konsumatur jipperċepixxi kollox bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali għas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

Meta l-marka ta' moviment turi element li ma jistax jinftiehem jew li mhuwiex identifikabbli, fis-sens li ma jattribwixxix tifsira u ma joħloqx rabta mal-oġġetti u/jew mas-servizzi, dment li tkun tista' tiġi rikonoxxuta bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |

| | | |
|---|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 23** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Din il-marka ta' moviment fiha immaġni astratt li jiċċaqlaq li jista' jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, u għalhekk, li jiffunzjona bħala trademark.* |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 24** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 36: Servizzi finanzjarji* | *Din il-marka ta' moviment fiha immaġni astratt li jibdel il-forma jew il-kulur tiegħu u li jista' jiġi rikonoxxut bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, u għalhekk, li jiffunzjona bħala trademark.* |

### 3.3.3 Marki ta' moviment mhux distintivi

Fil-prinċipju, meta l-marka ta' moviment tkun tikkonsisti f'moviment prodott minn jew konness mal-oġġetti u/jew mas-servizzi, jew ma' karatteristiċi rilevanti oħra tagħhom, din tiġi pperċepita mill-konsumatur sempliċement bħala element funzjonali tal-oġġetti u/jew tas-servizzi jew għalihom. Għalhekk, il-marka ta' moviment titqies bħala mhux distintiva.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 25** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 7: Lupi tal-katina (chainsaws)* | *Il-konsumatur ma jipperċepixxix dan il-moviment bħala trademark iżda biss bħala moviment prodott mill-oġġetti. Għalhekk, huwa meqjus li mhux distintiv.* |

Meta l-marka ta' moviment tkun tikkonsisti f'element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku li jiċċaqlaq jew jibdel il-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi tiegħu, din titqies bħala mhux distintiva sakemm il-moviment innifsu ma jkunx biżżejjed biex itellef l-attenzjoni mill-messaġġ imwassal mill-element verbali jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv. F'dawn is-sitwazzjonijiet, għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3 ([17]), filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dawk il-prinċipji ma jkunux applikabbli la għall-moviment u lanqas għall-bidla fil-pożizzjoni, il-kulur u/jew l-elementi.

Madankollu, bħal fl-eżempju indikat hawn taħt bħala distintiv, ma jistax jiġi eskluż li moviment partikolari, li fih innifsu mhuwiex tas-soltu u li jiġbed l-attenzjoni jew joħloq impatt viżiv mhux tas-soltu u impressjonanti, jista' jkun biżżejjed biex marka ta' moviment issir distintiva fl-impressjoni ġenerali tagħha. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-applikant mhux se jikseb drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka ta' moviment.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|   | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Peress li l-moviment tal-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Premium" mhuwiex mhux tas-soltu jew impressjonanti, is-sinjal* |

([17]) https://www.tmdn.org/network/documents/10181/0079be5d-2e69-4b98-a35f-3ddda6721a99

| | | |
|---|---|---|
| **MARKA TA' MOVIMENT 26**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | | *ma jistax jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, il-marka ta' moviment titqies bħala mhux distintiva.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 27**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda ta' moviment mhijiex biżżejjed biex tfixkel l-attenzjoni mis-sens mogħti mill-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Organic", u għalhekk il-marka ta' moviment hija meqjusa bħala mhux distintiva.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 28**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Peress li l-moviment tal-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Premium" mhuwiex mhux tas-soltu jew impressjonanti, is-sinjal ma jistax jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali. Għalhekk, il-marka ta' moviment titqies bħala mhux distintiva.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 29**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda ta' moviment mhijiex biżżejjed biex tfixkel l-attenzjoni mis-sens mogħti mill-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Premium", u għalhekk il-marka ta' moviment hija meqjusa bħala mhux distintiva.* |

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marka ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 30**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda ta' moviment partikolari mal-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Eco" toħloq impatt viżiv mhux tas-soltu u impressjonanti, li huwa suffiċjenti biex jagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |

Barra minn hekk, il-konsumatur ma jipperċepixxix il-marki ta' moviment bħala indikaturi tal-oriġini kummerċjali jekk ma joħolqux impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, dawn jitqiesu bħala mhux distintivi.

| Mhux distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 31** | *Klassi 39: Servizzi tal-ivvjaġġar* | *Dan il-moviment fih wisq elementi biex iħallu impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività intrinsika u ma jiġix ipperċepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |

| | | |
|---|---|---|
| Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | | |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 32** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Ħardwer tal-kompjuter* | *Dan il-moviment fih wisq elementi biex iħallu impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività intrinsika u ma jiġix ippercepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |
|  **MARKA TA' MOVIMENT 33** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Il-banalità tal-element ta' dan il-moviment flimkien mal-qosor tal-immaġni li jidher fil-fajl tal-vidjow ma joħolqux impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività intrinsika u ma jiġix ippercepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |

## 3.4 Marki multimedjali

Kif diġà ssemma fil-parti tal-formalitajiet ta' dan id-dokument, il-Parti A, Taqsima 1.3 – Marki multimedjali, marka multimedjali hija trademark li tikkonsisti fi, jew testendi għal, kombinazzjoni ta' immaġni u ħoss, u kwalunkwe prinċipju li huwa applikabbli għal marki ta' ħoss u ta' moviment se jkunu applikabbli wkoll għal dan it-tip ta' trademark.

### *3.4.1 Perċezzjoni tal-konsumatur - marki multimedjali*

Il-perċezzjoni tal-pubbliku tad-distintività ta' marki multimedjali se tkun marbuta b'mod inseparabbli mal-grad sa fejn it-trademark tkun relatata mal-oġġetti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni. Il-konsumatur x'aktarx li jara l-marka bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Il-konsumaturi huma mdorrija jipperċepixxu tipi konvenzjonali ta' trademarks bħal marki ta' kelma u figurattivi bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali. Madankollu, hemm żieda fin-numru ta' sinjali li jgħaqqdu l-immaġni u l-ħoss użati bħala parti mill-istrateġiji ta' mmarkar, u għalhekk il-konsumaturi x'aktarx li jipperċepixxuhom bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali.

Il-marki multimedjali huma magħmula kemm minn elementi ta' ħoss kif ukoll minn immaġni, u dawn jistgħu jkunu ta' natura verbali jew figurattiva, bi jew mingħajr moviment. Il-konsumatur x'aktarx li jipperċepixxi l-marka bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali jekk l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jkollu rabta mal-oġġetti jew mas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.

Jekk il-marka multimedjali jkun fiha element verbali, figurattiv jew ta' ħoss u l-konsumatur ikun jista' jistabbilixxi rabta bejn dawn l-elementi u l-oġġetti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, il-perċezzjoni ġeneralment tkun l-istess bħal dik għal marka ta' ħoss jew marka ta' moviment bl-istess elementi. Il-perċezzjoni ta' elementi ta' ħoss u immaġni f'marka multimedjali tista' tvarja skont il-komponenti individwali tagħhom (verbali, figurattivi u ta' ħoss). Il-mod kif il-konsumatur jipperċepixxi l-marka jiddependi fuq il-kombinazzjoni kumplessiva tal-komponenti u kwalunkwe rabta bejn dawn u l-oġġetti u s-servizzi.

### *3.4.2 Marki multimedjali intrinsikament distintivi*

B'mod ġenerali, meta tal-inqas wieħed mill-elementi ta' marka multimedjali, jew il-ħoss jew l-immaġni, jitqies bħala distintiv fih innifsu, it-trademark kollha titqies bħala distintiva. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li meta l-marka multimedjali tkun magħmula minn elementi distintivi u mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka multimedjali u ma jingħata l-ebda dritt esklużiv għall-elementi mhux distintivi/deskrittivi fihom infushom.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|   **MARKA MULTIMEDJALI 11** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Kemm l-immaġni kif ukoll il-ħoss huma meqjusa distintivi fihom infushom u għalhekk il-marka multimedjali hija distintiva.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 12** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali* | *Il-kombinazzjoni tal-qattus stilizzat li jibdel il-kuluri mal-element verbali distintiv "Gerivan" tagħmel il-marka distintiva.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 13** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Banana friska* | *Għalkemm l-immaġni hija kkunsidrata bħala mhux distintiva/deskrittiva fir-rigward tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, il-kombinazzjoni ma' element verbali distintiv, li huwa pperċepit fil-marka multimedjali, tagħmel il-marka distintiva.* |
|   **MARKA MULTIMEDJALI 14** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Għalkemm il-ħoss ipperċepit fil-marka multimedjali "Premium" se jitqies li mhux distintiv/deskrittiv fih innifsu fir-rigward tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, il-kombinazzjoni tiegħu ma' element distintiv li jikkonsisti fl-ittri li jiffurmaw "Gerivan" fuq l-iskrin tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |
|   **MARKA MULTIMEDJALI 15** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Għalkemm il-melodija pperċepita fil-marka multimedjali hija meqjusa li mhix distintiva fir-rigward tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, il-kombinazzjoni ma' immaġni distintiva tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 16** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin* | *Għalkemm l-immaġni jitqies bħala mhux distintiv/deskrittiv fir-rigward tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, il-kombinazzjoni ma' element verbali distintiv tagħmel il-marka distintiva fl-intier tagħha.* |

Meta l-marka multimedjali jkun fiha element li ma jistax jinftiehem jew li mhuwiex identifikabbli, fis-sens li ma tagħtix tifsira, dment li tkun tista' tiġi rikonoxxuta mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

| Distintiva | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |

| | | |
|---|---|---|
|  **MARKA MULTIMEDJALI 17** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Il-kombinazzjoni ta' melodija ma' immaġni astratt li jibdel il-forma u l-kulur tiegħu tista' tiġi rikonoxxuta bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 18** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Il-kombinazzjoni ta' immaġni astratt li jibdel il-forma u l-pożizzjoni tiegħu u ħoss li jkun fih element verbali ivvintat tagħmel il-marka kapaċi li tiġi rikonoxxuta mill-konsumatur bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |

### *3.4.3 Marki multimedjali mhux distintivi*

Bl-istess mod, skont il-prinċipji applikabbli għal marki ta' ħoss u ta' moviment, marka multimedjali li tgħaqqad immaġni(jiet) mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi ma' ħoss/ħsejjes u moviment(i) mhux distintiv(i), b'mod ġenerali, titqies bħala mhux distintiva.

Barra minn hekk, meta tiġi vvalutata d-distintività ta' marki multimedjali, għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3, jiġifieri meta l-marka jkun fiha terminu mhux distintiv, li jinkludi karatteristiċi figurattivi. Għandu jiġi nnutat li l-applikant mhux se jikseb drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka multimedjali.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 19** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Banana friska* | *Il-marka multimedjali titqies bħala mhux distintiva/deskrittiva peress li tgħaqqad immaġni mhux distintiv li jiċċaqlaq ma' ħoss mhux distintiv, li jservi wkoll biex jiddeskrivi l-kwalità tal-oġġetti.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 20** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin* | *Il-marka multimedjali titqies bħala mhux distintiva/deskrittiva peress li tgħaqqad immaġni mhux distintiv ma' ħoss mhux distintiv, li jservi wkoll biex jiddeskrivi l-immaġni stess.* |

Barra minn hekk, il-konsumatur ma jipperċepixxix il-marki multimedjali bħala indikaturi tal-oriġini kummerċjali jekk ma joħolqux impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, dawn jitqiesu bħala mhux distintivi.

| **Mhux distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 21** | *Klassi 39: Servizzi tal-ivvjaġġar* | *Il-karatteristiċi viżivi u l-ħoss ta' din il-marka multimedjali fihom wisq elementi biex iħallu impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività* |

| | | |
|---|---|---|
| Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | | *intrinsika u ma jiġix ipperċepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 22** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Ħardwer tal-kompjuter* | *Il-karatteristiċi viżivi u l-ħoss ta' din il-marka multimedjali fihom wisq elementi biex iħallu impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività intrinsika u ma jiġix ipperċepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 23** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Il-banalità tal-immaġni u l-ħoss ta' dan is-sinjal flimkien mal-qosor tal-vidjow ma joħolqux impressjoni dejjiema fuq il-konsumatur. Għalhekk, m'għandux distintività intrinsika u ma jiġix ipperċepit bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali.* |

Madankollu, minkejja li fiha immaġni(jiet) u/jew ħoss/ħsejjes purament mhux distintivi/deskrittivi/ġeneriċi, xorta waħda tista' tiġi aċċettata marka multimedjali għal raġunijiet assoluti jekk ikun hemm elementi oħra fil-marka li jikkontribwixxu biex jagħmlu l-marka distintiva fl-intier tagħha.

F'dan ir-rigward, marka multimedjali, li fiha kemm immaġni(jiet) mhux distintiv(i)/deskrittiv(i)/ġeneriku/ġeneriċi kif ukoll ħoss/ħsejjes, ma tistax tiddependi biss fuq dawn l-elementi meqjusa b'mod iżolat. Jista' jkun possibbli li tali kombinazzjoni tippermetti lill-marka multimedja tissodisfa l-funzjoni essenzjali tagħha meta tiġi applikata għal ċerti oġġetti u servizzi, u b'hekk tagħmel il-marka multimedja distintiva fl-intier tagħha. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-applikant mhux se jikseb drittijiet esklużivi għall-elementi verbali mhux distintivi/deskrittivi, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka multimedjali.

| **Distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marka multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 24** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali* | *Il-kombinazzjoni mhux tas-soltu ta' immaġni u ħoss tirriżulta f'impressjoni ġenerali, li hija distintiva biżżejjed fl-intier tagħha.* |

## 3.5 Marki olografiċi

Kif diġà ssemma fil-parti tal-formalitajiet ta' dan id-dokument, il-Parti A, Taqsima 1.4 – Marki olografiċi, marka olografika hija trademark li tikkonsisti f'elementi b'karatteristiċi olografiċi.

### *3.5.1 Perċezzjoni tal-konsumatur – marki olografiċi*

Il-perċezzjoni tal-pubbliku tad-distintività ta' marki olografiċi se tkun marbuta b'mod inseparabbli mal-grad sa fejn it-trademark tkun relatata mal-oġġetti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni. Il-konsumatur x'aktarx li jara l-marka bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali jekk ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Madankollu, għandu jitqies il-fatt li l-konsumaturi huma aktar probabbli

li jkunu mdorrija jipperċepixxu tipi konvenzjonali ta’ trademarks bħal marki ta’ kelma u figurattivi bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali.

Il-marki olografiċi li jikkonsistu esklużivament f’elementi verbali u figurattivi ġeneralment ma jiġux ipperċepiti bħala indikazzjonijiet tal-oriġini kummerċjali jekk tkun tista’ tiġi stabbilita rabta bejn il-marka u l-oġġetti u s-servizzi. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tiddependi fuq l-effett olografiku u fuq jekk l-element verbali jew figurattiv huwiex, minħabba d-daqs u l-pożizzjoni tiegħu, rikonoxxibbli b’mod ċar fis-sinjal.

Il-mod kif il-konsumatur jipperċepixxi l-marka jiddependi fuq il-kombinazzjoni kumplessiva tal-komponenti u kwalunkwe rabta bejn dawn u l-oġġetti u s-servizzi.

### *3.5.2 Marki olografiċi intrinsikament distintivi*

Meta l-marka olografika tkun tikkonsisti f’element verbali u/jew figurattiv li jkun distintiv fih innifsu, anki jekk il-karatteristiċi olografiċi miżjuda ma’ dawk l-elementi ma jkunux distintivi, il-marka olografika titqies bħala distintiva fl-intier tagħha, u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka olografika.

| **Distintiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki olografiċi** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|   **MARKA OLOGRAFIKA 7** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Il-kombinazzjoni tal-elementi verbali u figurattivi distintivi fil-marka olografika tagħmel il-marka olografika distintiva fl-intier tagħha.* |
|   **MARKA OLOGRAFIKA 8** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 12: Karozzi* | *Il-kombinazzjoni tal-elementi verbali u figurattivi distintivi fil-marka olografika tagħmel il-marka olografika distintiva fl-intier tagħha.* |

Meta l-marka olografika turi element li ma jistax jinftiehem jew li mhuwiex identifikabbli, fis-sens li ma jwassalx tifsira u ma joħloqx rabta mal-oġġetti u/jew mas-servizzi, dment li tkun tista’ tiġi rikonoxxuta bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali mill-konsumatur, din titqies bħala distintiva.

### *3.5.3 Marki olografiċi mhux distintivi*

Meta l-marka olografika tkun tikkonsisti f’element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv/deskrittiv/ġeneriku, din titqies bħala mhux distintiva.

B’mod ġenerali, iż-żieda ta’ effett olografiku ma’ element verbali u/jew figurattiv mhux distintiv mhux neċessarjament tkun biżżejjed biex tagħti karattru distintiv lill-marka, peress li jiġi pperċepit mill-konsumatur sempliċiment bħala element banali jew dekorattiv, irrispettivament minn jekk huwiex relatat mal-oġġetti u/jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni.

Għandhom jitqiesu l-Prinċipji Komuni CP3 fil-valutazzjoni tad-distintività tal-elementi figurattivi u/jew verbali ta’ marka olografika. Madankollu, dawn il-prinċipji mhux neċessarjament ikunu applikabbli għall-effett olografiku nnifsu. Għalhekk, sabiex marka olografika titqies li hija distintiva fl-intier tagħha, kwalunkwe element mhux distintiv/deskrittiv b’karatteristiċi olografiċi għandu jiġi rikonoxxut mill-konsumatur bħala

indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jkun limitat għall-impressjoni ġenerali tal-marka olografika.

| Mhux distintiva | | |
|---|---|---|
| **Eżempju ta' kif għandha tintwera ologramma (18)** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| *Ologramma, irrappreżentata f'MP4, li tikkonsisti fl-element verbali "Premium" b'tipa sempliċi, li meta tiċċaqlaq u titpoġġa taħt dawl xieraq, tidher akbar u b'tipa differenti.* | *Klassi 3: Trab tas-sapun* | *Iż-żieda tal-effett olografiku mal-element verbali mhux distintiv/deskrittiv "Premium" mhijiex biżżejjed biex tfixkel l-attenzjoni mit-tifsira mogħtija mill-element verbali. Il-bidla sempliċi fid-daqs u fit-tipa tiġi pperċepita mill-konsumatur sempliċiment bħala element banali u dekorattiv. Għaldaqstant, il-marka olografika mhijiex distintiva.* |

# 4 Tipi ġodda ta' trademarks li jistgħu jservu biex jiddeskrivu l-oġġetti jew is-servizzi, jew il-karatteristiċi tagħhom – l-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD

## 4.1 Aspetti ġenerali

Skont l-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD,

> trademarks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw it-tip, kwalità, kwantità, skop intiż, valur, oriġini ġeografika, jew iż-żmien ta' produzzjoni tal-oġġetti jew tal-għoti tas-servizz, jew karatteristiċi oħra tal-oġġetti jew tas-servizzi, ma għandhomx jiġu rreġistrati jew, jekk jiġu rreġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli li jiġu ddikjarati invalidi.

Bl-istess mod li l-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tad-distintività ta' trademark tradizzjonali huma applikabbli għal tipi ġodda ta' trademarks, il-prinċipji stabbiliti sabiex jiġi vvalutat il-karattru deskrittiv ta' marki tradizzjonali jew komponenti tagħhom għandhom jiġu applikati fil-valutazzjoni tal-karattru deskrittiv tal-elementi verbali u/jew figurattivi li jinsabu f'tip ġdid ta' trademark.

Flimkien mal-kapaċità ta' trademark li taqdi l-funzjoni essenzjali tagħha, kif iddeċidiet il-Qorti, l-interess ġenerali li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD huwa dak li jiġi żgurat li sinjali jew indikazzjonijiet deskrittivi, relatati mal-karatteristiċi tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ikunu jistgħu jintużaw b'mod liberu min-negozjanti kollha li joffru tali oġġetti u/jew servizzi. Dan jipprevjeni li tali sinjali u indikazzjonijiet jiġu riżervati għal impriża waħda biss peress li jkunu ġew irreġistrati bħala trademarks. F'dan ir-rigward, trademark għandha toffri garanzija li l-oġġetti jew is-servizzi kollha koperti minnha oriġinaw taħt il-kontroll ta' impriża waħda li hija responsabbli għall-kwalità tagħhom (19).

Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, u skont il-ġurisprudenza stabbilita, kull trademark li tikkonsisti esklużivament f'sinjal jew indikazzjoni li jistgħu jservu sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' oġġetti jew servizzi

(18) Din it-tabella u dawk li ġejjin f'paġna 41 huma għal finijiet ta' illustrazzjoni biss u huma ppreżentati mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tar-rappreżentazzjoni għal marki olografiċi kif murija fil-"Komunikazzjoni Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni ta' tipi ġodda ta' trademarks".

(19) Ara 18/06/2002, C 299/99, Philips/Remington, EU:C:2002:377, § 30; 16/09/2004, C 329/02 P, SAT.2, EU:C:2004:532, § 23; il-kawżi magħquda tal-15/03/2012, C 90/11 u C 91/11, NAI-Natur-Aktien-Index, et. al., EU:C:2012:147, § 31; 08/04/2003, C 53/01, C 54/01 u C 55/01, Linde, EU:C:2003:206, § 73, u 06/05/2003, C 104/01, Libertel, EU:C:2003:244, § 52; 12/02/2004, C 363/99, Postkantoor, EU:C:2004:86, § 54, il-kawżi magħquda tal-04/05/1999, C 108/97 & C 109/97, Chiemsee, EU:C:1999:230, § 25.

fis-sens tal-Artikolu 4(1)(c) tat-TMD għandha tkun disponibbli b'mod liberu għal kulħadd u ma tistax tiġi rreġistrata ([20]).

Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-karattru deskrittiv, ir-rabta jew ir-relazzjoni bejn is-sinjal u l-oġġetti u s-servizzi mitluba għandha rwol importanti.

Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tal-karattru deskrittiv, għandha titqies il-perċezzjoni tal-pubbliku kif stabbilita fil-Parti B, Taqsima 3 ta' dan id-dokument għal kull wieħed mit-tipi ġodda ta' marki.

Fis-subtaqsimiet li ġejjin, jintwerew eżempji deskrittivi u mhux deskrittivi differenti relatati mal-oġġetti u/jew mas-servizzi. Għandu jiġi nnutat li l-fatt li xi wħud mill-eżempji jitqiesu li mhumiex deskrittivi ma jfissirx li mhix se titqajjem oġġezzjoni għalihom abbażi tar-raġunijiet l-oħra tal-Artikolu 4.1 tat-TMD.

## 4.2 Marki ta' ħoss

B'mod ġenerali, jekk tista' tiġi stabbilita faċilment rabta bejn il-ħoss/ħsejjes ipperċepit(i) fil-marka u l-oġġetti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka ta' ħoss titqies bħala deskrittiva.

| **Deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 43**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Ikel u għalf għall-annimali* | *Ir-rabta bejn il-ħoss u l-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni tista' ssir faċilment u għalhekk il-marka ta' ħoss titqies bħala deskrittiva tal-oġġetti mitluba.* |

Għall-kuntrarju ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, b'mod ġenerali, meta jkun ċar li ma hemm l-ebda rabta bejn il-ħoss ipperċepit fil-marka u l-oġġetti u/jew is-servizzi jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka ta' ħoss ma titqiesx bħala deskrittiva.

| **Mhux meqjusa deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 44**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 11: Tojlits* | *Huwa ċar li l-ħoss ta' għajta ta' baqra bl-ebda mod mhu relatat mal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni u għalhekk il-ħoss ma jitqiesx bħala deskrittiv ta' karatteristika tal-oġġetti.* |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 45**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 25: Ilbies* | *Huwa ċar li ma teżisti l-ebda rabta mal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni u għalhekk il-ħoss ma jitqiesx bħala deskrittiv ta' karatteristika tal-oġġetti.* |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 46**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 39: Is-Servizzi tat-trasport* | *Huwa ċar li ma teżisti l-ebda rabta mas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni u għalhekk il-ħoss ma jitqiesx bħala deskrittiv ta' karatteristika tal-oġġetti.* |

([20]) Ara 08/04/2003, C 53/01, C 54/01 u C 55/01, Linde, EU:C:2003:206, § 74.

## 4.3 Marki ta' moviment

B'mod ġenerali, meta l-element(i) fil-marka ta' moviment juri/u rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti u/jew tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, jew ta' proċess relatat, jew jekk tista' tiġi stabbilita faċilment rabta mal-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom saret applikazzjoni jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka ta' moviment titqies bħala deskrittiva. Dan ikun speċjalment il-każ meta l-element(i) li jiċċaqlaq/jiċċaqalqu ma jvarjax/jvarjawx minn rappreżentazzjoni realistika ta' dawk l-oġġetti u/jew servizzi.

| **Deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 34**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Servizzi ta' DJ* | *Peress li l-elementi fil-marka ta' moviment juru rappreżentazzjoni realistika tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, din titqies bħala deskrittiva tat-tip ta' servizzi.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 35**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Banana friska* | *Peress li l-elementi fil-marka ta' moviment juru rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni, din titqies bħala deskrittiva ta' karatteristika tal-oġġetti.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 36**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Banana friska* | *Il-moviment ma jżidx id-distintività mal-element verbali deskrittiv.* |

Madankollu, b'mod ġenerali, meta l-elementi tal-marka ta' moviment juru rappreżentazzjoni mhux konvenzjonali tal-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, jew ta' proċess relatat li jvarja b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika ta' dawk l-oġġetti u/jew servizzi, jew meta ma tkunx tista' tiġi stabbilita faċilment rabta mal-oġġetti u/jew is-servizzi, il-marka ta' moviment ma titqiesx bħala deskrittiva.

| **Mhux meqjusa deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 37**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin tal-landa* | *Il-marka ta' moviment ma titqiesx bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti peress li, għalkemm ir-rappreżentazzjoni tas-sardina hija banali, din qed ittir fl-ispazju, u għalhekk fl-intier tagħha hija differenti b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

| | | |
|---|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 38** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin tal-landa* | *Il-marka ta' moviment ma titqiesx bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti peress li r-rappreżentazzjoni tas-sardina hija differenti b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

## 4.4 Marki multimedjali

B'mod ġenerali, meta l-immaġni u l-elementi tal-ħoss tal-marka multimedjali juru rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti u/jew tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, jew ta' proċess relatat, jew jekk tista' tiġi stabbilita faċilment rabta mal-oġġetti u/jew is-servizzi li għandhom il-ħsieb li jiġu protetti jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka multimedjali titqies bħala deskrittiva. Dan huwa speċjalment il-każ meta l-elementi fil-marka multimedjali ma jvarjawx minn rappreżentazzjoni realistika ta' dawk l-oġġetti u/jew servizzi.

| **Deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 25** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 41: Servizzi ta' DJ* | *Il-marka tikkonsisti f'ħoss deskrittiv u rappreżentazzjoni realistika tas-servizzi fl-immaġni. Għaldaqstant, il-marka multimedjali hija kkunsidrata bħala deskrittiva tat-tip ta' servizzi.* |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 26** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 31: Banana friska* | *Il-marka tikkonsisti f'ħoss deskrittiv u rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti fl-immaġni li jiċċaqlaq. Għaldaqstant, il-marka multimedjali titqies bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti.* |

Minkejja dan ta' hawn fuq, b'mod ġenerali, meta s-suġġett tal-immaġni(jiet) u tal-ħoss/ħsejjes tal-marka multimedjali juru rappreżentazzjoni mhux konvenzjonali tal-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, jew ta' proċess relatat, jew jekk l-ebda rabta ma tista' tiġi stabbilita faċilment mal-oġġetti u/jew is-servizzi li għandhom il-ħsieb li jiġu protetti jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka multimedjali ma titqiesx bħala deskrittiva.

| **Mhux meqjusa deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Marki multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA MULTIMEDJALI 27** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin tal-landa* | *Il-marka multimedjali ma titqiesx bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti peress li, għalkemm ir-rappreżentazzjoni tas-sardina hija banali, qed ittir fl-ispazju, u għalhekk fl-intier tagħha hija differenti b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

| | | |
|---|---|---|
|  **MARKA MULTIMEDJALI 28** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 29: Sardin tal-landa* | *Il-marka multimedjali ma titqiesx bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti peress li r-rappreżentazzjoni tas-sardina hija differenti b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

## 4.5 Marki olografiċi

B'mod ġenerali, meta l-elementi fil-marka olografika juru rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti u/jew tas-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni, jew jekk tista' tiġi stabbilita faċilment rabta mal-oġġetti u/jew is-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni jew il-karatteristiċi tagħhom, il-marka olografika titqies bħala deskrittiva.

Dan huwa speċjalment il-każ meta l-elementi b'karatteristiċi olografiċi ma jvarjawx minn rappreżentazzjoni realistika ta' dawk l-oġġetti u/jew servizzi.

| **Deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Eżempju ta' kif għandha tintwera ologramma** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| *Ologramma, irrappreżentata f'MP4, li turi flixkun tal-inbid magħluq regolari li, meta tiċċaqlaq, toħloq immaġni trasformat li juri l-istess flixkun tal-inbid iżda mingħajr it-tapp tas-sufra.* | *Klassi 33: Inbid* | *Il-marka tikkonsisti f'element figurattiv deskrittiv b'karatteristiċi olografiċi li juri rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni. Għaldaqstant, il-marka olografika titqies bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti.* |

Madankollu, b'mod ġenerali, meta l-elementi fil-marka olografika juru rappreżentazzjoni mhux konvenzjonali tal-oġġetti u/jew tas-servizzi li għalihom saret applikazzjoni, li jvarjaw b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika ta' dawk l-oġġetti u/jew is-servizzi, jew ma jkollhom l-ebda rabta mal-oġġetti u/jew is-servizzi, il-marka olografika ma titqiesx bħala deskrittiva.

| **Mhux meqjusa deskrittiva** | | |
|---|---|---|
| **Eżempju ta' kif għandha tintwera ologramma** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| *Ologramma, irrappreżentata f'MP4, li turi sardina li, meta tiċċaqlaq taħt illuminazzjoni xierqa, tidher li qed timxi fl-ispazju.* | *Klassi 29: Sardin tal-landa* | *Il-marka olografika ma titqiesx bħala deskrittiva tat-tip ta' oġġetti peress li, għalkemm ir-rappreżentazzjoni tas-sardina hija banali, tidher li qed timxi fl-ispazju u dan huwa differenti b'mod sinifikanti minn rappreżentazzjoni realistika tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni.* |

## 5 Sinjali li jikkonsistu esklużivament fi ħsejjes, moviment u kombinazzjoni ta' immaġni u ħoss, li jirriżultaw min-natura tal-oġġetti, jistgħu jkunu neċessarji sabiex jinkiseb riżultat tekniku, jew jistgħu jagħtu valur sostanzjali lill-oġġetti – l-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD.

Skont l-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD, "dawn li ġejjin ma għandhomx jiġu rreġistrati jew, jekk jiġu rreġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli li jiġu ddikjarati invalidi: sinjali li jikkonsistu esklużivament minn:

(i) l-għamla, jew karatteristika oħra, li tirriżulta min-natura tal-oġġetti stess;
(ii) l-għamla, jew karatteristika oħra, ta' oġġetti li tkun meħtieġa sabiex jinkiseb riżultat tekniku;
(iii) l-għamla, jew karatteristika oħra, li tagħti valur sostanzjali lill-oġġetti."

L-għan ewlieni ta' dan l-Artikolu huwa li jipprevjeni l-protezzjoni tat-trademark milli tagħti lil impriża monopolju fuq soluzzjonijiet tekniċi jew karatteristiċi funzjonali ta' prodott li l-utent x'aktarx li jfittex fil-prodotti tal-kompetituri ([21]). Għaldaqstant, dan l-Artikolu għandu jipprevjeni d-drittijiet esklussivi u permanenti li tagħti trademark milli jservu biex jestendu b'mod indefinit it-tul ta' żmien ta' drittijiet oħra tal-Proprjetà Intellettwali, bħal privattivi jew disinji, li huma soġġetti għal perjodi limitati ta' protezzjoni ([22]).

Ma jistax jiġi eskluż li sinjal li jikkonsisti fil-forma jew karatteristiċi oħra tal-oġġetti li għalihom saret l-applikazzjoni jista' jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(b) u/jew (c) tat-TMD. Madankollu, l-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD għandu jkun il-bażi tar-rifjut jekk il-forma jew karatteristiċi oħra jirriżultaw min-natura tal-oġġetti li huma meħtieġa biex jinkiseb riżultat tekniku jew biex jingħata valur sostanzjali lill-oġġetti. Dan huwa importanti għaliex jekk titqajjem oġġezzjoni għat-trademark abbażi tal-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD, din l-oġġezzjoni ma tkunx tista' tingħeleb billi jintwera li kisbet karattru distintiv.

Meta jiġi vvalutat l-Artikolu 4(1)(e)(i), (ii) u (iii) tat-TMD, il-perċezzjoni tal-pubbliku mhijiex element deċiżiv li għandu jitqies, madankollu, tista' tkun kriterju utli ta' valutazzjoni, speċjalment meta jiġu identifikati, skont l-Artikolu 4(1)(e)(ii) u (iii), il-karatteristiċi essenzjali tas-sinjal inkwistjoni ([23]). Għalhekk, is-sejbiet dwar il-perċezzjoni tal-konsumatur għal marki ta' ħoss, ta' moviment u multimedjali inklużi taħt il-Parti B - Taqsima 3 ta' dan id-dokument jistgħu jkunu ta' rilevanza wkoll fil-kuntest tal-eżaminazzjoni tal-Artikolu 4(1)(e)(i), (ii) u (iii) tat-TMD. Madankollu, ta' min jenfasizza li f'din it-taqsima tal-Prattika Komuni CP11, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(e) tat-TMD ma jiġux analizzati, peress li din l-interpretazzjoni mhijiex esklużiva għal tipi ġodda ta' trademarks.

Għalhekk, dan id-dokument jipprovdi biss xi eżempji ta' ħsejjes, movimenti u kombinazzjoni tat-tnejn, li jitqiesu bħala oġġezzjonabbli, abbażi ta' raġunijiet differenti tal-Artikolu 4.1(e) tat-TMD:

### a) marki ta' ħoss

| Rifjut abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(i) tat-TMD | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
|  **MARKA TA' ĦOSS 47** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 7: Lupi tal-katina (chainsaws)* | *Dan il-ħoss jirriżulta min-natura tal-oġġetti li saret l-applikazzjoni għalihom, u għalhekk jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(i) tat-TMD.* |

([21]) Ara 18/09/2014, C-205/13, Hauck, EU:C:2014:2233, § 18, 19 u 20 u 14/09/2010, C-48/09 P, Brikk Lego, EU:C:2010:516, § 43 fir-rigward tal-Artikolu 4.1(e)(ii) tat-TMD.
([22]) Ara 18/09/2014, C-205/13, Hauck, EU:C:2014:2233, § 18, 19 u 20 u 18/06/2002, C-299/99 P, Philips/Remington, EU:C:2002:377, § 30 fir-rigward tal-Artikolu 4.1(e)(ii) tat-TMD.
([23]) Ara 23/04/2020, C 237/19, Gömböc Kutató, EU:C:2020:296, § 34-37 fir-rigward tal-Artikolu 4.1(e)(ii) tat-TMD u § 44-47 fir-rigward tal-Artikolu 4.1(e)(iii) tat-TMD; 18/09/2014, C 205/13, Tripp Trapp, EU:C:2014:2233, § 34; 14/09/2010, C 48/09 P, Brikk Lego, EU:C:2010:516, § 76; 23/04/2020, C 237/19, Gömböc Kutató, EU:C:2020:296, § 44.

| | | |
|---|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 48**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 26: Żippijiet* | *Dan il-ħoss jirriżulta min-natura tal-oġġetti li saret l-applikazzjoni għalihom, u għalhekk jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(i) tat-TMD.* |

| **Rifjut abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD** | | |
|---|---|---|
| **Marka ta' ħoss** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 49**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kontrolli sensittivi għall-awdjo għall-apparat għat-tidwil* | *Din il-marka ta' ħoss tikkonsisti esklużivament fil-ħoss li huwa neċessarju sabiex jinkiseb riżultat tekniku u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi trademark.* |

**b) marki ta' moviment**

| **Rifjut abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD** | | |
|---|---|---|
| **Marki ta' moviment** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 39**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Swiċċijiet elettriċi* | *Il-moviment tal-oġġetti li saret applikazzjoni għalihom huwa meħtieġ biex jinkiseb riżultat tekniku, u għalhekk se jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 40**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Kontrolli sensittivi għall-moviment għall-apparat għat-tidwil* | *Il-moviment huwa meħtieġ biex jinkiseb riżultat tekniku; għalhekk, se jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 41**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Termostati* | *Il-moviment tal-oġġetti li saret applikazzjoni għalihom huwa meħtieġ biex jinkiseb riżultat tekniku; għalhekk se jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD.* |
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 42**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 28: Logħob ta' taħbil il-moħħ tridimensjonali* | *Il-moviment huwa meħtieġ biex jinkiseb riżultat tekniku; għalhekk se jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(ii) tat-TMD.* |

**c) marki multimedjali**

| **Rifjut abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(i) tat-TMD** | | |
|---|---|---|
| **Marka multimedjali** | **Oġġetti u servizzi** | **Raġunament** |
| <br>**MARKA MULTIMEDJALI 29**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | *Klassi 9: Metronomi* | *Il-ħoss u l-moviment jirriżultaw min-natura tal-oġġetti infushom; għalhekk il-marka se tiġi rrifjutata abbażi tal-Artikolu 4(1)(e)(i) tat-TMD.* |

## C. EŻAMINAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET RELATTIVI GĦAR-RIFJUT U/JEW L-INVALIDITÀ: IL-PRINĊIPJI KOMUNI

Din il-parti tal-Prattika Komuni tagħti sett ta' prinċipji u tipprovdi xi kriterji dwar is-suġġetti li ġejjin:

- l-identità tas-sinjali;
- il-kategoriji tal-elementi għal kull tip ta' trademark ġdid rispettiv;
- it-tqabbil ta' marki ta' ħoss: tqabbil viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn marki ta' ħoss stess u bejn marki ta' ħoss u tipi oħra ta' trademarks;
- it-tqabbil ta' marki ta' moviment: tqabbil viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn marki ta' moviment stess u bejn marki ta' moviment u tipi oħra ta' trademarks;
- it-tqabbil ta' marki multimedjali: tqabbil viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn marki multimedjali stess u bejn marki multimedjali u tipi oħra ta' trademarks;
- it-tqabbil ta' marki olografiċi: tqabbil viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn marki olografiċi stess u bejn marki olografiċi u tipi oħra ta' trademarks.

**Rimarki preliminari dwar l-eżempji**

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

- it-trademarks kollha li jidhru fl-eżempji li ġejjin ikopru *l-ilbies,* żraben , *xedd ir-ras* fi Klassi 25;
- it-trademarks fl-eżempji għandhom mill-inqas livell minimu ta' distintività;
- it-trademarks preċedenti fl-eżempji ma għandhomx livell għoli ta' distintività jew reputazzjoni;
- fejn is-sinjali jkun fihom elementi li għandhom tifsira bl-Ingliż, it-tifsira tinftiehem mill-pubbliku rilevanti;
- il-pubbliku rilevanti jippronunzja l-elementi verbali miktuba bl-Ingliż.

F'kull eżempju, bħala regola ġenerali, il-marki inkwistjoni jinstabu li huma (viżwalment/fonetikament/kunċettwalment) identiċi, simili jew differenti. Fejn, f'ċerti eżempji, il-marki jitqiesu li huma simili sa ċertu punt, dan ifisser li s-sinjali huma simili, iżda mhux neċessarjament f'livell għoli jew medju.

## 1 Aspetti Ġenerali

Il-prinċipji ġenerali li ġejjin, stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' marki tradizzjonali, japplikaw bl-istess mod meta jsir tqabbil bejn marki ta' ħoss, ta' moviment, multimedjali jew olografiċi.

- ***Apprezzament globali tax-xebh ibbażat fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjali***

Apprezzament globali tax-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali tat-trademarks għandu jkun ibbażat fuq l-impressjoni ġenerali mogħtija minnhom, b'kunsiderazzjoni tal-komponenti distintivi u dominanti tagħhom ([24]).

Ix-xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali għandu jiġi vvalutat billi jiġu evalwati l-elementi li jikkoinċidu u li huma differenti, u l-impatt tagħhom fuq l-impressjoni ġenerali prodotta mill-marki.

- ***Sinjal soġġett għal tqabbil u elementi negliġibbli***

Fil-prinċipju, it-tqabbil għandu jkopri s-sinjali fl-intier tagħhom.

([24]) Ara 11/11/1997, C-251/95, Sabèl, EU:C:1997:528, § 23.

Jekk l-uniku element li l-marki jkollhom komuni jkun negliġibbli f'waħda mill-marki jew fit-tnejn li huma, fis-sens li x'aktarx ma jiġix innutat jew jiġi injorat mill-pubbliku rilevanti, is-sinjali ma jkunux simili. L-elementi negliġibbli ma għandhomx jitqiesu fit-tqabbil (25).

Il-kunċett ta' elementi negliġibbli għandu jiġi interpretat b'mod strett. Fir-rigward tal-evalwazzjoni dwar jekk element huwiex negliġibbli, it-test mhuwiex dwar jekk b'eżaminazzjoni metikoluża tas-sinjali maġenb xulxin jistax jintgħaraf l-element ikkonċernat, iżda pjuttost jekk, fl-impressjoni ġenerali tas-sinjal, l-element huwiex perċepibbli mill-konsumatur tipiku li normalment jipperċepixxi sinjal fl-intier tiegħu u ma joqgħodx janalizza d-dettalji differenti tiegħu.

- ***Aspetti relatati mat-tqabbil viżiv u fonetiku***

L-impressjoni viżiva ta' sinjal kumpless jista' jkollha impatt fuq il-mod kif jiġi ppronunzjat, u għalhekk fuq it-tqabbil fonetiku (26), minħabba l-pożizzjoni, id-daqs jew il-kulur tiegħu, il-ħin u l-ħin tal-wiri, pereżempju, ċerti elementi fil-marka jiġu ppronunzjati filwaqt li oħrajn le.

- ***Aspetti relatati mat-tqabbil kunċettwali***

Żewġ sinjali jitqiesu bħala kunċettwalment identiċi jew simili jekk ikollhom l-istess "kontenut semantiku" jew simili (27). Il-"kontenut semantiku" ta' marka huwa dak li tfisser, dak li tevoka jew, meta tkun immaġni jew forma, dak li tirrappreżenta. F'dan it-test, l-espressjonijiet "kontenut semantiku" u "kunċett" jintużaw mingħajr distinzjoni.

- ***Mezz ta' rappreżentazzjoni***

Kif diġà ġie indikat fit-taqsima "Eżaminazzjoni tar-Raġunijiet Assoluti għar-rifjut u l-invalidità", it-tneħħija tar-rekwiżit ta' rappreżentazzjoni grafika mid-definizzjoni ta' "trademark" mogħtija fl-Artikolu 3 tat-TMD tippermetti r-rappreżentazzjoni ta' marki ta' ħoss, moviment u olografiċi b'aktar minn mezz wieħed. Il-marki ta' ħoss jistgħu jiġu rrappreżentati jew permezz ta' notazzjoni mużikali jew permezz ta' fajl tal-awdjo (bħal fajl MP3), il-marki ta' moviment permezz ta' sekwenza ta' immaġnijiet jew fajl tal-vidjow (bħal fajl MP4), u l-marki olografiċi permezz ta' riproduzzjoni grafika jew fajl tal-vidjow. F'każijiet bħal dawn, il-mezzi rispettivi ta' rappreżentazzjoni ma għandhom l-ebda influwenza fuq it-tqabbil ta' żewġ trademarks.

## 2 Identità

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, kunċett li jintuża f'dispożizzjonijiet differenti ta' miżura legali, għandu, għal raġunijiet ta' koerenza u ċertezza legali, u b'mod partikolari jekk għandu jiġi interpretat b'mod strett, jiġi preżunt li jfisser l-istess ħaġa, irrispettivament mid-dispożizzjoni li jinsab fiha (28).

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-kunċett ta' identità applikabbli għal raġunijiet relattivi għar-rifjut u għal prijoritajiet għandu jiġi interpretat bl-istess mod. Għalhekk, sinjal jitqies identiku għal trademark biss meta jirriproduċi, mingħajr modifika jew żieda, l-elementi kollha li jikkostitwixxu t-trademark jew meta, meqjus fl-intier tiegħu, ikun fih differenzi tant insinifikanti li jistgħu ma jiġux innutati minn konsumatur tipiku (29). F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li differenza insinifikanti bejn żewġ trademarks hija ddefinita bħala differenza li konsumatur raġonevolment attent jipperċepixxiha biss wara eżaminazzjoni tal-marki maġenb xulxin. Għalhekk, qed issir referenza għall-parti tal-formalitajiet ta' dan id-dokument, il-Parti A, Taqsima 3.1 – Eżaminazzjoni ta' pretensjonijiet ta' prijorità – Suġġett identiku.

(25) Ara 12/06/2007, C-334/05, Limoncello, EU:C:2007:333, § 42.
(26) Ara 12/07/2011, T-374/08, TOP CRAFT, EU:T:2011:346, § 56.
(27) Ara 11/11/1997, C-251/95, Sabèl, EU:C:1997:528, § 24.
(28) Ara 20/02/2013, T-378/11, Medinet. EU:T:2013:83, § 41.
(29) Ara 20/03/2003, C -291/00, Arthur et Félicie, EU:C:2003:169, § 54.

# 3 Tqabbil ta' marki ta' ħoss

## 3.1 Kategoriji ta' elementi

Marki ta' ħoss jikkonsistu esklużivament f'ħoss jew kombinazzjoni ta' ħsejjes. Dawn il-ħsejjes jinkludu elementi differenti li jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

ħsejjes li jikkonsistu f'elementi verbali mkanta jew mitkellma;

| Marki ta' ħoss | |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 50**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' ĦOSS 51**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

ħsejjes li jikkonsistu f'elementi mużikali (bħal melodija, armonija, ritmu);

| Marki ta' ħoss | |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 52**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' ĦOSS 53**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

ħsejjes realistiċi, bħal ħoss ta' kelb jinbaħ, sajjetti, kubi tas-silġ, eċċ.;

| Marka ta' ħoss |
|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 54**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

ħsejjes oħra li jinsabu f'marka ta' ħoss li mhumiex koperti minn xi wieħed minn dawn ta' hawn fuq. Barra minn hekk, il-marki ta' ħoss jistgħu jinkludu kombinazzjonijiet ta' kwalunkwe minn dawn ta' hawn fuq, bħal:

| Marka ta' ħoss |
|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 55**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

## 3.2 Tqabbil viżiv

It-tqabbil viżiv ta' marka ta' ħoss mhuwiex possibbli, anki jekk il-marka ta' ħoss tkun irrappreżentata "viżwalment" permezz ta' notazzjoni mużikali, inkluż meta n-notazzjoni mużikali jkun fiha elementi verbali.

## 3.3 Tqabbil fonetiku

It-tqabbil fonetiku huwa deċiżiv għal marki ta' ħoss. Il-marki ta' ħoss jistgħu dejjem jitqabblu fuq livell fonetiku

ma' marki ta' ħoss oħra u ma' marki multimedjali. Il-marki ta' ħoss jistgħu jitqabblu fuq livell fonetiku ma' tipi oħra ta' marki sakemm dawk il-marki jkunu jikkonsistu fi jew jinkludu element verbali (eż. marki ta' kelma, figurattivi jew ta' forma).

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' aspetti, flimkien ma' eżempji, li għandhom jiġu kkunsidrati fit-tqabbil tal-marki ta' ħoss fuq livell fonetiku, u l-importanza li normalment għandha tingħata lil dawk l-aspetti fit-tqabbil bejn is-sinjali.

- ***Elementi verbali***

Il-kliem ippronunzjat jista' jkun l-uniku element, jew wieħed mill-elementi (eż. flimkien ma' melodija), ta' marki ta' ħoss. Marki ta' ħoss barra minn hekk jista' ma jkunx fihom element verbali (eż. melodija biss jew ħoss realistiku biss). Fil-prinċipju, kemm l-elementi verbali kif ukoll dawk mhux verbali fil-marki ta' ħoss jistgħu jipproduċu impatt konsiderevoli fuq il-perċezzjoni tat-trademark mill-pubbliku rilevanti. Madankollu, il-preżenza ta' element verbali distintiv f'marka ta' ħoss normalment ikollha influwenza sinifikanti fuq il-mod kif il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi t-trademark.

Meta jitqabblu trademarks fuq livell fonetiku skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati Ewropej, fil-każ ta' marki komposti li jkun fihom elementi verbali u figurattivi, normalment ikun l-element verbali li jkollu impatt akbar fuq il-perċezzjoni fonetika tal-konsumatur, peress li l-konsumaturi ġeneralment jirreferu għal oġġetti u servizzi b'isimhom. Din il-ġurisprudenza tidher li tapplika wkoll għal marki ta' ħoss li fihom kliem imkanta jew mitkellem: fonetikament, l-element verbali ġeneralment ikollu impatt akbar fuq il-konsumatur.

Għal din ir-raġuni, il-koinċidenza jew ix-xebh f'element verbali distintiv normalment ikollhom impatt akbar fuq ir-riżultat tat-tqabbil fonetiku tat-trademarks. Għalhekk, huma aktar probabbli li jwasslu għal sejba ta' xebh fonetiku sa ċertu punt.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 56**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 57**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *minkejja li ż-żewġ marki ta' ħoss għandhom vuċijiet u intonazzjonijiet differenti, il-koinċidenza fl-element verbali distintiv "Gerivan" fiż-żewġ marki tagħmel is-sinjali fonetikament simili.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 58**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 59**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marki jikkoinċidu fl-element verbali distintiv "Gerivan", li jista' jinstema' u jiġi rikonoxxut b'mod ċar fiż-żewġ marki. Il-marki għalhekk huma simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 60**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 61**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *minkejja li l-elementi verbali fil-bidu taż-żewġ marki ta' ħoss u l-vuċijiet huma differenti, u l-* | |

| |
|---|
| *fatt li waħda mill-marki ma fiha l-ebda melodija, il-marki jikkoinċidu fl-element verbali distintiv “Gerivan”, li jista’ jinstema’ u jiġi rikonoxxut fiż-żewġ marki. Il-marki għalhekk huma simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* |

Madankollu, mhuwiex eskluż xebh bejn żewġ marki ta’ ħoss jekk l-elementi verbali jkunu differenti iżda s-sinjali jikkoinċidu f’aspett distintiv ieħor, speċjalment f’melodija, bħal fl-eżempju t’hawn taħt:

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA’ ĦOSS 62**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA’ ĦOSS 63**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *minkejja li l-elementi verbali u l-vuċijiet taż-żewġ marki huma differenti, il-koinċidenza fl-istess melodija distintiva tagħmel il-marki simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* | |

Barra minn hekk, jekk żewġ marki ta’ ħoss għandhom komuni bejniethom kelma li tista’ tiġi identifikata minn parti sinifikanti tal-pubbliku rilevanti bħala l-istess kelma distintiva jew waħda simili, anki jekk tkun ippronunzjata skont ir-regoli tal-pronunzja ta’ żewġ lingwi differenti/f’żewġ vuċijiet differenti/f’żewġ aċċenti differenti, fil-prinċipju dawn ikunu simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA’ ĦOSS 64**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA’ ĦOSS 65**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *għalkemm il-marki huma ppronunzjati b’vuċijiet differenti u skont ir-regoli tal-pronunzja ta’ żewġ lingwi differenti, għad hemm xebh fonetiku peress li parti sinifikanti mill-pubbliku tidentifika kelma distintiva simili.* | |

Fir-rigward tat-tqabbil ta’ marki ta’ ħoss b’elementi verbali ma’ tipi oħra ta’ marki b’elementi verbali, il-koinċidenza jew ix-xebh bejn elementi verbali distintivi, jekk jiġu identifikati bħala tali minn parti sinifikanti tal-pubbliku rilevanti, fil-prinċipju, iwasslu għal sejba ta’ xebh fonetiku. Għandu jitqies il-mod kif l-element verbali jiġi riprodott. Dan ifisser li, għalkemm il-pronunzja ta’ marka ta’ kelma hija ddeterminata mir-regoli tal-pronunzja tal-pubbliku rilevanti, dan mhuwiex il-każ fil-każ ta’ marka ta’ ħoss, fejn il-perċezzjoni fonetika hija ddeterminata minn kif tinstema’ l-marka.

Fid-dawl ta’ dan, il-grad ta’ xebh bejn l-element verbali li jikkoinċidi f’marka ta’ ħoss u f’tip differenti ta’ marka (eż. marka ta’ kelma jew figurattiva) jiddependi fuq kif eżattament jinstema’ l-element komuni fil-marka ta’ ħoss, eż. jekk l-element verbali fil-marka ta’ ħoss jiġi mkanta, il-marki jkunu simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt, filwaqt li jekk jiġi mitkellem b’intonazzjoni normali skont ir-regoli tal-pronunzja msemmija aktar ’il fuq, il-marki jistgħu jitqiesu li fuq livell fonetiku huma mill-inqas simili ħafna.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
|  | **MARKA TA’ ĦOSS 66**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

| |
|---|
| **Raġunament:** *il-marka kkontestata tikkonsisti fl-element verbali mitkellem "Gerivan". Il-pronunzja tal-marka ta' ħoss ikkontestata mhix differenti minn kif il-pubbliku rilevanti jista' jippronunzja l-kelma "Gerivan", li hija fl-istess ħin l-uniku element fonetiku tal-marka preċedenti. Għaldaqstant, il-marki huma, fuq livell fonetiku, mill-inqas simili ħafna.* |

- ***Elementi mużikali (bħal melodija, armonija, ritmu)***

Il-preżenza ta' melodija distintiva f'marka ta' ħoss għandha impatt konsiderevoli fuq il-mod kif it-trademark tiġi pperċepita mill-pubbliku rilevanti, u għalhekk tinfluwenza b'mod konsiderevoli t-tqabbil fonetiku ta' tali trademark.

Bħala regola ġenerali, strument, tempo jew ritmu differenti ma jżommux milli jinstabu simili żewġ marki, dment li l-melodija nnifisha, peress li hija suċċessjoni ritmika ta' tonalitajiet, hija identika jew tista' tiġi identifikata bħala l-istess melodija, kif muri fl-eżempji ta' hawn taħt.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 67**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 68**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki ta' ħoss jikkonsistu fl-istess melodija distintiva. Għalhekk, huma simili fuq livell fonetiku irrispettivament mill-fatt li jindaqqu fuq żewġ strumenti differenti.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 69**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 70**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki ta' ħoss jikkonsistu fl-istess melodija distintiva li tindaqq fuq l-istess strument. Għalhekk, huma simili fuq livell fonetiku irrispettivament mill-varjazzjoni fir-ritmu.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 71**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 72**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki ta' ħoss jikkonsistu fl-istess melodija distintiva. Għalhekk, huma simili fuq livell fonetiku irrispettivament mill-fatt li jindaqqu f'żewġ tempos differenti.* | |

Barra minn hekk, żewġ melodiji jkunu simili meta jkun fihom varjazzjonijiet li mhumiex kapaċi jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-impressjoni fonetika ġenerali.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 73**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | ♫<br>**MARKA TA' ĦOSS 74**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *minkejja l-varjazzjoni żgħira tal-melodija fil-marka kkontestata, fuq livell fonetiku ż-żewġ marki huma simili.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 75**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' ĦOSS 76**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *għalkemm il-melodija fiż-żewġ marki hija magħmula mill-istess sekwenza ta' noti, ir-ritmu u l-armonija huma differenti u joħolqu impressjoni fonetika ġenerali differenti. Għaldaqstant, fuq livell fonetiku l-marki mhumiex simili.* | |

Madankollu, żewġ marki li jkun fihom melodiji differenti li jindaqqu fuq l-istess strument normalment ma jkunux simili fuq livell fonetiku.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 77**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' ĦOSS 78**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-melodiji distintivi fil-marki huma differenti. Il-fatt li jindaqqu fuq l-istess strument ma jistax jagħmel il-marki simili fuq livell fonetiku. Il-marki mhumiex simili fuq livell fonetiku.* | |

Il-koinċidenza jew ix-xebh f'melodija distintiva normalment ikollha impatt konsiderevoli fuq ir-riżultat tat-tqabbil fonetiku tat-trademarks, anki jekk waħda mill-marki jkun fiha wkoll element verbali jew it-tnejn li huma jkun fihom element verbali differenti. Għalhekk, il-koinċidenza jew ix-xebh fil-melodija x'aktarx li jwasslu għal sejba ta' xebh fonetiku sa ċertu punt, skont, fost oħrajn, il-grad tad-distintività ta' tali melodija u l-grad ta' distintività tal-element verbali.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 79**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | **MARKA TA' ĦOSS 80**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *minkejja li l-elementi verbali u l-vuċijiet taż-żewġ marki huma differenti, il-koinċidenza fl-istess melodija distintiva tagħmel il-marki simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* | |

M'għandux jintesa l-fatt li minħabba n-natura tat-tipi differenti ta' trademarks, il-possibbiltà ta' koinċidenza fil-melodija teżisti biss għal marki multimedjali, peress li dan huwa l-unika tip ieħor ta' trademarks li fih il-ħoss.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| **MARKA TA' ĦOSS 81**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA MULTIMEDJALI 30**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki fihom l-istess melodija u vuċi distintivi. Għaldaqstant, peress li ma hemmx elementi ta' ħoss addizzjonali, il-marki huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

- ***Ħsejjes realistiċi***

Il-koinċidenza fi jew xebh ta' ħsejjes realistiċi distintivi, f'marki ta' ħoss jew multimedjali, ġeneralment twassal għal sejba ta' xebh fonetiku. Ix-xebh jiddependi, fost aspetti oħra, fuq jekk hemmx elementi distintivi oħra preżenti f'waħda mill-marki jew fiż-żewġ marki.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA' ĦOSS 82**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA' ĦOSS 83**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki ta' ħoss jikkonsistu esklużivament fil-ħoss ta' kelb jew klieb jinbħu. Għalhekk, peress li n-nebħa tal-klieb tinstema' simili, il-marki huma, fuq livell fonetiku, simili sa ċertu punt.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA' ĦOSS 84**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA' ĦOSS 85**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki ta' ħoss jikkonsistu esklużivament fil-ħoss tal-għasafar. Madankollu, il-ħsejjes ta' dawn l-għasafar tant huma differenti li fuq livell fonetiku l-marki mhumiex simili.* | |

Ix-xebh fonetiku tal-ħsejjes realistiċi jiġi vvalutat billi jitqiesu l-istess elementi u aspetti bħal dawk li ġew diskussi qabel (it-tonalitajiet, ir-ritmu, jew aspetti oħra). Kif issemma' qabel fil-każ tal-melodiji, il-marki multimedjali huma l-unika tip ieħor ta' trademarks li jista' jkun fih l-istess ħoss realistiku jew ħoss simili għal dak li jkun hemm f'marki ta' ħoss.

- ***Aspetti oħra***

Is-sempliċi koinċidenza f'aspetti oħra bħall-intonazzjoni, il-vuċi, eċċ. f'żewġ trademarks normalment ikollha impatt aktar baxx fuq it-tqabbil fonetiku tat-trademarks, anki jekk dawk l-aspetti jikkontribwixxu sa ċertu punt għall-karattru distintiv tal-marka.

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' ħoss ikkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA' ĦOSS 86**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA' ĦOSS 87**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marki huma komposti minn żewġ kelmiet distintivi differenti ppronunzjati bl-istess vuċi u intonazzjoni. Din tal-aħħar mhijiex biżżejjed biex il-marki jinstabu li huma simili fuq livell fonetiku. Il-marki mhumiex simili fuq livell fonetiku.* | |

Il-partikolaritajiet tat-tqabbil bejn marki ta' ħoss u marki ta' moviment jew multimedjali se jiġu deskritti f'aktar dettall fit-taqsimiet rispettivi tal-marki ta' moviment ([30]) u l-marki multimedjali ([31]).

([30]) Ara l-Parti C – Taqsima 4 – Tqabbil ta' marki ta' moviment.
([31]) Ara l-Parti C – Taqsima 5 – Tqabbil ta' marki multimedjali.

### 3.4 Tqabbil kunċettwali

Tqabbil kunċettwali bejn żewġ marki ta’ ħoss u bejn marki ta’ ħoss u tipi oħra ta’ marki jista’ jsir f’każijiet fejn ikun jista’ jiġi identifikat kunċett.

Jekk marka ta’ ħoss ikun fiha elementi verbali, it-tifsira tagħhom għandha titqies fid-determinazzjoni tal-kunċett tat-trademark. Fl-eżempju ta’ hawn taħt, it-tqabbil kunċettwali se jsir bejn il-kunċetti (distintivi) ta’ “banana” u “patata”.

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 88** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 89** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *l-elementi verbali fil-marki għandhom tifsiriet differenti, jiġifieri “banana” u “patata”. Għaldaqstant, il-marki mhumiex simili fuq livell kunċettwali.* | |

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 90** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 91** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki fihom l-istess element verbali distintiv “banana”. Għaldaqstant, il-marki huma kunċettwalment identiċi.* | |

Bl-istess mod, jekk trademark ikun fiha ħoss realistiku, it-tifsira tiegħu għandha titqies fid-determinazzjoni tal-kunċett ta’ marka ta’ ħoss.

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka ta’ ħoss ikkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 92** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA TA’ ĦOSS 93** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki jikkonsistu esklużivament fir-riproduzzjoni ta’ għajta ta’ baqra u għalkemm il-ħoss huwa differenti, il-kunċett huwa identiku.* | |

Huwa improbabbli li marki ta’ ħoss li fihom sempliċiment melodiji jkollhom kunċett.

Fid-dawl tal-prinċipju msemmi qabel li marka ta’ ħoss tista’ tiġi mqabbla fuq livell kunċettwali ma’ tip ieħor ta’ trademark meta jkun jista’ jiġi identifikat kunċett, fl-eżempju ta’ hawn taħt, it-tqabbil kunċettwali li jsir bejn il-marka ta’ ħoss preċedenti u l-marka figurattiva kkontestata jikkunsidra l-kunċett ta’ “bananas”.

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka figurattiva kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 94** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  |

**<u>Raġunament:</u>** *il-marka preċedenti tikkonsisti fil-pronunzja tal-element verbali "Bananas", filwaqt li l-marka kkontestata tikkonsisti f'immaġni ta' banana. Għaldaqstant, it-trademarks huma identiċi fuq livell kunċettwali.*

# 4 Tqabbil ta' marki ta' moviment

## 4.1 Kategoriji ta' elementi

Marka ta' moviment hija marka li tikkonsisti fi, jew li testendi għal, moviment jew bidla fil-pożizzjoni (u/jew il-kulur(i)) tal-element(i) tal-marka ([32]). Tinkludi kombinazzjonijiet ta' elementi differenti li jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

- elementi verbali;
- elementi figurattivi;
- il-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi verbali u/jew figurattivi.

**Marka ta' moviment**




**MARKA TA' MOVIMENT 43**

Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih

**Marka ta' moviment**



**MARKA TA' MOVIMENT 44**

Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih

## 4.2 Tqabbil viżiv

Meta wieħed iqabbel żewġ marki ta' moviment b'mod viżiv, għandhom jitqiesu l-koinċidenza jew ix-xebh bejn l-elementi preżenti fit-trademarks (l-elementi verbali u/jew figurattivi u l-moviment jew it-trasformazzjoni ta' dawk l-elementi).

Il-marki ta' moviment jistgħu jitqabblu wkoll b'mod viżiv ma' tipi oħra ta' trademarks, bl-eċċezzjoni ta' marki ta' ħoss.

L-elementi verbali u/jew figurattivi jistgħu jidhru biss għal ċertu ammont ta' ħin fir-rappreżentazzjoni tal-marka u mbagħad jisparixxu jew jinbidlu f'element ieħor. Fid-dawl ta' dan, l-elementi li jwasslu għal xebh bejn is-sinjali għandhom jidhru għal tul ta' ħin suffiċjenti li jippermettilhom li jiġu pperċepiti/rikonoxxuti mill-konsumatur.

([32]) Ara l-Parti A – Taqsima 1.2. - Marki ta' moviment.

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' aspetti, flimkien ma' eżempji, li għandhom jiġu kkunsidrati (jekk applikabbli) fit-tqabbil tal-marki ta' moviment b'mod viżiv, u l-importanza li normalment għandha tingħata lil dawk l-aspetti fit-tqabbil bejn is-sinjali.

- ***Elementi verbali***

Il-kriterji ġenerali għat-tqabbil ta' marki ta' kelma jew figurattivi li fihom elementi verbali huma applikabbli.

Marki ta' moviment li fihom element(i) verbali distintiv(i) x'aktarx li jkunu simili viżwalment għal marka ta' moviment oħra li jkun fiha l-istess element verbali distintiv jew wieħed simili. Element(i) verbali distintiv(i) f'marka ta' moviment jista' jkollu/jkollhom impatt aktar qawwi fuq il-konsumatur minn elementi viżivi oħra (jiġifieri elementi figurattivi, moviment jew bidla oħra fiha nnifisha), għalkemm, it-tqabbil għandu jikkunsidra s-sinjali fl-intier tagħhom.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 45**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA' MOVIMENT 46**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marki ta' moviment jikkoinċidu fl-element verbali distintiv "Gerivan", li jiġi rikonoxxut b'mod ċar fiż-żewġ marki. Għaldaqstant, il-marki huma viżwalment simili.* | |

Meta żewġ trademarks ta' tip differenti (eż. marki ta' kelma, figurattivi, ta' forma, multimedjali) jikkoinċidu fl-istess elementi verbali distintivi jew simili, fil-prinċipju, is-sinjali jitqiesu bħala viżwalment simili sa ċertu punt, anki jekk jistgħu jkunu inklużi wkoll elementi fonetiċi (eż. f'marka multimedjali).

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA' MOVIMENT 47**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA MULTIMEDJALI 31**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki fihom element viżiv li jikkonsisti fl-element verbali "Gerivan" f'din is-sekwenza: GE-RI-VAN Gerivan, u kuluri identiċi. Għalkemm il-veloċità li biha jidhru l-ittri hija differenti, il-marki huma viżwalment simili.* | |

- ***Elementi figurattivi***

Il-koinċidenza jew ix-xebh f'element figurattiv distintiv jista' jwassal ukoll għal sejba ta' grad ta' xebh viżiv bejn is-sinjali. Dan ikun il-każ speċjalment jekk l-element figurattiv li jikkoinċidi jew element figurattiv simili jkun jintgħaraf separatament jew ikollu l-istess kontorn jew kontorn simili.

F'każ bħal dan x'aktarx li jinstab xebh, b'mod partikolari, meta minħabba d-daqs, il-pożizzjoni fil-marka u/jew il-kulur, l-element figurattiv ikun jista' jiġi pperċepit mill-konsumatur sa livell suffiċjenti, meta wieħed iqis, b'mod partikolari, li huwa soġġett għal moviment/trasformazzjoni. Id-diffikultà fl-apprezzament ta' elementi li jiċċaqalqu/jittrasformaw f'marka ta' moviment hija fattur li għandu jitqies fil-valutazzjoni tal-grad ta' xebh viżiv.

<table>
<tr><th>Marka ta’ moviment preċedenti</th><th>Marka ta’ moviment ikkontestata</th></tr>
<tr><td><br>**MARKA TA’ MOVIMENT 48**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>**MARKA TA’ MOVIMENT 49**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2">**<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki ta’ moviment fihom l-istess element figurattiv b’moviment simili. Għaldaqstant, minkejja li l-marka ta’ moviment ikkontestata fiha element verbali distintiv, il-marki huma viżwalment simili.*</td></tr>
</table>

Il-koinċidenza fl-istess element figurattiv distintiv f’marka ta’ moviment u tipi oħra ta’ trademarks (eż. marki ta’ kelma, figurattivi, ta’ forma, multimedjali) tista’ twassal għal sejba ta’ ċertu grad ta’ xebh viżiv bejn is-sinjali, skont il-preżenza jew le ta’ elementi oħra li jfixklu l-attenzjoni minn dak l-element figurattiv distintiv fil-marka.

<table>
<tr><th>Marka figurattiva preċedenti</th><th>Marka ta’ moviment ikkontestata</th></tr>
<tr><td></td><td><br>**MARKA TA’ MOVIMENT 50**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2">**<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ trademarks għandhom l-istess karattru tal-cartoons ta’ kelb. Għaldaqstant, il-marki huma viżwalment simili sa ċertu punt, minkejja l-fatt li l-marka kkontestata tinkludi moviment.*</td></tr>
</table>

- ***Il-moviment jew it-trasformazzjoni ta’ elementi***

    - ***Moviment ta’ elementi***

Is-sempliċi koinċidenza f’mozzjoni/moviment banali fiha nnifisha ma twassalx għal xebh viżiv.

<table>
<tr><th>Marka ta’ moviment preċedenti</th><th>Marka ta’ moviment ikkontestata</th></tr>
<tr><td>FRED<br>**MARKA TA’ MOVIMENT 51**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td>GERIVAN<br>**MARKA TA’ MOVIMENT 52**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2">**<u>Raġunament:</u>** *it-trademarks jikkoinċidu biss f’moviment banali, filwaqt li l-elementi verbali distintivi taż-żewġ sinjali huma differenti. Għaldaqstant, il-marki mhumiex viżwalment simili.*</td></tr>
</table>

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li moviment partikolari li huwa impressjonanti u distintiv jista’ jkun biżżejjed biex jagħmel il-marki ta’ moviment simili sa ċertu punt fuq livell viżiv minkejja li jkollhom elementi differenti oħra, bħal elementi verbali.

<table>
<tr><th>Marka ta’ moviment preċedenti</th><th>Marka ta’ moviment ikkontestata</th></tr>
<tr><td><br>**MARKA TA’ MOVIMENT 53**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>**MARKA TA’ MOVIMENT 54**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
</table>

**Raġunament:** *għalkemm l-elementi verbali huma differenti f’kull marka, il-marki huma viżwalment simili, minħabba l-moviment impressjonanti li jikkoinċidi u l-impressjoni figurattiva simili tar-raggruppament tal-pixels.*

Il-koinċidenza jew id-differenza fis-sekwenza (l-ordni tad-dehra) tal-elementi għandha impatt baxx fuq it-tqabbil tal-marki ta’ moviment.

| Marka ta’ moviment preċedenti | Marka ta’ moviment ikkontestata |
| --- | --- |
| GERIVAN<br>**MARKA TA’ MOVIMENT 55**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | BUBBLECAT<br>**MARKA TA’ MOVIMENT 56**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *iż-żewġ marki jikkonsistu f’elementi verbali differenti li jidhru mill-aħħar ittra sal-ewwel waħda. Il-koinċidenza fl-ordni tad-dehra mhijiex biżżejjed biex jingħeleb in-nuqqas ta’ xebh fl-elementi verbali. Għaldaqstant, il-marki mhumiex viżwalment simili.*

- ***Trasformazzjoni ta’ elementi***

Minbarra l-moviment ta’ elementi, il-marki ta’ moviment jistgħu jikkonsistu wkoll fi kwalunkwe trasformazzjoni oħra tal-elementi, bħal bidla fil-kuluri jew kwalunkwe trasformazzjoni oħra ta’ element f’ieħor. Għalhekk, dawn il-bidliet għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat ix-xebh viżiv tat-trademarks.

Is-sempliċi koinċidenza fil-bidla fil-pożizzjoni jew fil-bidla fil-kuluri fiha nnifisha normalment ikollha impatt aktar baxx fuq it-tqabbil tat-trademarks, u ma twassalx, fil-prinċipju, għal sejba ta’ xebh viżiv.

| Marka ta’ moviment preċedenti | Marka ta’ moviment ikkontestata |
| --- | --- |
| <br>**MARKA TA’ MOVIMENT 57**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA TA’ MOVIMENT 58**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *is-sekwenza li tikkoinċidi tat-tibdil tal-kulur ma tegħlibx l-impatt tal-elementi figurattivi differenti fil-marki. Għaldaqstant, il-marki mhumiex viżwalment simili.*

## 4.3 Tqabbil fonetiku

Marki ta’ moviment li ma fihom l-ebda element verbali ma jistgħux jiġu mqabbla fil-livell fonetiku. Bl-istess mod, marki ta’ moviment ma jistgħux jiġu mqabbla fuq livell fonetiku ma’ tipi oħra ta’ trademarks li ma fihomx elementi verbali, la fl-immaġni u lanqas fil-pronunzja.

Meta marki ta’ moviment ikun fihom elementi verbali li jistgħu jiġu pperċepiti, dawn jistgħu jitqabblu fuq livell fonetiku mal-istess tip ta’ marki jew ma’ tipi oħra ta’ marki li jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni fonetika. Il-kriterji ġenerali għat-tqabbil ta’ marki ta’ kelma jew figurattivi li fihom elementi verbali huma applikabbli. Il-preżenza ta’ element verbali distintiv f’marka ta’ moviment normalment ikollha influwenza sinifikanti fuq il-mod kif il-pubbliku rilevanti jipperċepixxi fonetikament il-marka ta’ moviment. Minn dan isegwi li l-koinċidenza jew ix-xebh f’element verbali distintiv normalment ikollhom impatt fuq ir-riżultat tat-tqabbil fonetiku tal-marki ta’ moviment ma’ marki oħra ta’ moviment jew ma’ tipi oħra ta’ marki, u b’hekk ikun aktar probabbli li jwasslu għal sejba ta’ xebh fonetiku sa ċertu punt.

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 59** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | GERIVAN **MARKA TA' MOVIMENT 60** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki ta' moviment jikkonsistu fl-istess element verbali distintiv, jiġifieri "Gerivan". Għaldaqstant, il-marki huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
| FRED **MARKA TA' MOVIMENT 61** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | GERIVAN **MARKA TA' MOVIMENT 62** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marki ta' moviment jikkonsistu f'elementi verbali distintivi differenti, jiġifieri "FRED" u "Gerivan". Għaldaqstant, fuq livell fonetiku l-marki mhumiex simili.* | |

Meta żewġ trademarks ta' tipi differenti (eż. marki ta' kelma, figurattivi, ta' forma, multimedjali, u olografiċi) jikkoinċidu fl-istess element verbali distintiv jew wieħed simili, fil-prinċipju, dawn jitqiesu bħala simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  | GERIVAN **MARKA TA' MOVIMENT 63** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki fihom l-istess element verbali distintiv "Gerivan". Għaldaqstant, il-marki huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' ĦOSS 95** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | BERIVAN **MARKA TA' MOVIMENT 64** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *għalkemm il-marki jikkonsistu f'elementi verbali differenti, "Gerivan" u "Berivan", il-pronunzja hija simili għall-pubbliku anglofonu. Għaldaqstant, il-marki huma simili fuq livell fonetiku.* | |

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 65** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 32** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marka ta' moviment preċedenti tinkludi l-element verbali distintiv "Gerivan", u l-ħoss tal-marka multimedjali kkontestata jikkonsisti fil-pronunzja tal-istess element verbali "Gerivan". Għaldaqstant, il-marki huma, fuq livell fonetiku, mill-inqas simili ħafna.* | |

| Marka ta' moviment preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' MOVIMENT 66** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 33** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marka ta' moviment preċedenti tinkludi l-element verbali distintiv "GERIVAN" miktub, u l-ħoss tal-marka multimedjali kkontestata jikkonsisti fil-kant tal-istess element verbali "Gerivan" li jiġi ripetut tliet darbiet. Għaldaqstant, il-marki huma simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* | |

## 4.4 Tqabbil kunċettwali

Tqabbil kunċettwali bejn żewġ marki ta' moviment u bejn marki ta' moviment u tipi oħra ta' marki jista' jsir f'każijiet fejn ikun jista' jiġi identifikat kunċett.

Jekk marka ta' moviment ikun fiha elementi verbali u/jew figurattivi li għandhom kunċett, it-tifsira tagħhom trid titqies meta jiġi ddeterminat il-kunċett tat-trademark. Il-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi ta' marka ta' moviment, fihom infushom, x'aktarx li ma jkollhomx kunċett validu . Dan ifisser i li jekk l-elementi li jikkostitwixxu l-marka ta' moviment ikunu nieqsa minn kwalunkwe kunċett, il-moviment jew it-trasformazzjoni tal-elementi stess x'aktarx li ma jwasslu l-ebda kunċett fuq dik it-trademark.

| Marka ta' kelma preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
| **BANANA** |  **MARKA TA' MOVIMENT 67** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marka preċedenti tikkonsisti fl-element verbali "Banana". Il-marka ta' moviment ikkontestata tikkonsisti fl-element verbali "Banana" jiċċaqlaq. Il-kunċett taż-żewġ marki huwa "banana". Għaldaqstant, iż-żewġ marki huma kunċettwalment identiċi.* | |

Madankollu, il-moviment jista' jsaħħaħ, iżid jew, f'xi każijiet, jibdel il-kunċett tal-element soġġett għall-moviment.

Flimkien mal-element, il-moviment jista' jsaħħaħ il-kunċett ta' dak l-element.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  |  **MARKA TA' MOVIMENT 68** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marka figurattiva tikkonsisti f'immaġni fiss ta' plejer tal-basketball iwaddab ballun, filwaqt li l-marka ta' moviment tikkonsisti fil-moviment tal-istess plejer tal-basketball iwaddab il-ballun. Il-kombinazzjoni tal-element mal-moviment issaħħaħ il-kunċett inizjali ta' "plejer tal-basketball iwaddab ballun". Għaldaqstant, il-marki huma kunċettwalment identiċi.* | |

Flimkien mal-element, il-moviment jista' jżid kunċett mal-kunċett inizjali tal-element.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  |  **MARKA TA' MOVIMENT 69** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-kunċett ta' marka figurattiva huwa "iljunfant" jew "cartoon ta' ljunfant". Il-kombinazzjoni ta' dan il-cartoon mal-moviment taż-żfin iżżid kunċett ma' dak inizjali, "cartoon ta' iljunfant jiżfen". Għaldaqstant, il-marki huma kunċettwalment simili sa ċertu punt.* | |

Flimkien mal-element, il-moviment jista' jibdel il-kunċett tal-element.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka ta' moviment ikkontestata |
|---|---|
|  |  **MARKA TA' MOVIMENT 70** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marka figurattiva hija rappreżentazzjoni ta' id, filwaqt li l-marka ta' moviment hija id li tagħmel sinjal li jfisser "hekk u hekk" f'diversi pajjiżi tal-UE. Għalhekk, il-kombinazzjoni tal-id mal-moviment tibdel il-kunċett inizjali ta' "id" u l-marki mhumiex kunċettwalment simili.* | |

## 5 Tqabbil ta' marki multimedjali

### 5.1 Kategoriji ta' elementi

Marki multimedjali huma trademarks li jikkonsistu fi, jew li jestendu għal, kombinazzjoni ta' immaġni u ħoss. Għalhekk, f'dan it-tip ta' trademark jistgħu jiġu identifikati żewġ kategoriji ta' elementi:

- elementi viżivi (elementi verbali murija grafikament, elementi figurattivi u moviment jew trasformazzjoni tal-elementi verbali u/jew figurattivi ([33]));
- elementi tal-ħoss (elementi verbali mkanta jew mitkellma, elementi mużikali, ħsejjes realistiċi u ħsejjes oħra ([34])).

Il-fattur li jagħmel il-marki multimedjali uniċi huwa l-interazzjoni bejn l-immaġnijiet u l-ħsejjes u l-impatt possibbli li wieħed għandu fuq l-ieħor. Dan l-aspett jista' jinfluwenza t-tqabbil bejn dawn is-sinjali.

Il-kriterji stabbiliti għat-tqabbil ta' marki ta' ħoss u ta' moviment jistgħu jservu bħala bażi għat-tqabbil ta' marki multimedjali iżda l-interazzjoni possibbli bejn l-aspetti viżivi u dawk fonetiċi għandha tiġi meqjusa wkoll.

### 5.2 Tqabbil viżiv

Il-marki multimedjali jistgħu dejjem jitqabblu viżwalment ma' marki multimedjali oħra. Fir-rigward tat-tqabbil viżiv, il-prinċipji tat-tqabbil viżiv ta' marki ta' moviment japplikaw b'mod ġenerali.

([33]) Ara l-Parti C – Taqsima 4.1. — Kategoriji ta' elementi (Marki ta' moviment).
([34]) Ara l-Parti C – Taqsima 3.1. — Kategoriji ta' elementi (Marki ta' ħoss).

Bl-istess mod, il-marki multimedjali jistgħu jitqabblu viżwalment ma' tipi oħra ta' trademarks minbarra marki ta' ħoss.

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' aspetti, flimkien ma' eżempji, li għandhom jiġu kkunsidrati (jekk applikabbli) meta jitqabblu marki multimedjali viżwalment.

- ***Elementi verbali murija grafikament***

Fil-prinċipju, hemm grad ta' xebh viżiv bejn żewġ marki multimedjali li għandhom l-istess elementi verbali murija grafikament distintivi jew elementi simili (fissi jew soġġetti għal moviment).

<table>
<tr><th>Marka multimedjali preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 34<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 35<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> iż-żewġ marki multimedjali għandhom rappreżentazzjoni identika tal-element verbali "Gerivan". Għalkemm il-marka preċedenti tinkludi wkoll element figurattiv soġġett għal moviment, il-marki huma viżwalment simili sa ċertu punt.</td></tr>
</table>

Meta marka multimedjali u tip differenti ta' marka (eż. marki ta' kelma, figurattivi, ta' forma, olografiċi) jikkoinċidu fl-istess elementi verbali murija grafikament distintivi jew elementi simili, fil-prinċipju, is-sinjali jitqiesu bħala viżwalment simili sa ċertu punt.

<table>
<tr><th>Marka ta' kelma preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td>BANANA</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 36<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> il-marka ta' kelma preċedenti tinkludi biss element verbali distintiv wieħed "BANANA", filwaqt li t-trademark multimedjali kkontestata tikkonsisti f'vidjow li juri l-element verbali "banana" jiċċaqlaq u ħoss. Il-koinċidenza fl-element verbali distintiv "banana" twassal għal sejba ta' xebh viżiv.</td></tr>
</table>

- ***Elementi figurattivi***

Fil-prinċipju, hemm grad ta' xebh viżiv bejn żewġ marki multimedjali li għandhom l-istess elementi figurattivi distintivi jew elementi simili (fissi jew soġġetti għal moviment).

<table>
<tr><th>Marka multimedjali preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 37<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 38<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
</table>

**<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki multimedjali jikkonsistu f’rappreżentazzjoni identika ta’ wiċċ ta’ baqra li qed tiftaħ ħalqha, b’elementi verbali murija grafikament differenti. Għaldaqstant, il-marki huma viżwalment simili sa ċertu punt.*

Jekk marka multimedjali u tip differenti ta’ marka (eż. marki ta’ kelma, figurattivi, ta’ forma, olografiċi) għandhom l-istess elementi figurattivi distintivi jew elementi simili (fissi jew soġġetti għal moviment), fil-prinċipju, is-sinjali jitqiesu bħala viżwalment simili sa ċertu punt.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  | <br>**MARKA MULTIMEDJALI 39**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marka preċedenti tikkonsisti f’immaġni ta’ kelb stilizzat, filwaqt li fil-marka kkontestata l-istess kelb jidher jiċċaqlaq, jaqbeż u jinbaħ. Il-fatt li l-kelb fil-marka kkontestata huwa soġġett għal moviment mhuwiex biżżejjed sabiex itellef l-attenzjoni mill-kelb. Għaldaqstant, il-marki huma viżwalment simili.* | |

## 5.3 Tqabbil fonetiku

Il-prinċipji kif stabbiliti f’dan id-dokument għat-tqabbil fonetiku tal-marki tal-ħoss u tal-moviment ġeneralment japplikaw għal marki multimedjali.

Il-marki multimedjali dejjem jistgħu jitqabblu fuq livell fonetiku ma’ marki multimedjali oħra u ma’ marki ta’ ħoss. Barra minn hekk, il-marki multimedjali jistgħu jitqabblu fonetikament ma’ tipi oħra ta’ marki sakemm dawk il-marki jkunu jikkonsistu fi jew ikun fihom element verbali (eż. element verbali f’marka figurattiva jew ta’ forma).

Fil-prinċipju, kemm l-elementi verbali mkanta jew mitkellma kif ukoll l-elementi verbali murija grafikament f’marka multimedjali huma soġġetti għal valutazzjoni fonetika. L-elementi verbali mkanta jew mitkellma jistgħu jinfluwenzaw il-perċezzjoni fonetika tal-elementi verbali murija grafikament.

Irrispettivament minn jekk hemmx koinċidenza bejn il-marki mqabbla f’wieħed mill-elementi tagħhom, l-impressjoni ġenerali tal-marka multimedjali, inklużi l-elementi verbali murija grafikament u l-ħoss, titqies meta jsir it-tqabbil fonetiku bejn is-sinjali.

- ***Elementi verbali***
    - ***Elementi verbali murija grafikament***

Fil-prinċipju, ikun hemm grad ta’ xebh fonetiku jekk marka multimedjali jkun fiha element verbali muri grafikament distintiv (fiss jew soġġett għal moviment), li jikkoinċidi fi, jew huwa simili għal, element verbali ta’ marka oħra (kemm imkanta jew mitkellem jew muri grafikament, fejn applikabbli).

| Marka multimedjali preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| GE<br>**MARKA MULTIMEDJALI 40**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | GERIVAN<br>**MARKA MULTIMEDJALI 41**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *għalkemm l-elementi mużikali tal-marki huma differenti, iż-żewġ marki ssir referenza għalihom bl-element verbali muri grafikament “Gerivan”. Għalhekk, huma simili fil-livell fonetiku sa ċertu punt.*

| Marka ta’ ħoss preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA’ ĦOSS 96** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | Gerivan **MARKA MULTIMEDJALI 42** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *l-element verbali tal-marka ta’ ħoss preċedenti huwa mitkellem u fil-marka multimedjali kkontestata dan huwa muri grafikament. Peress li l-pubbliku anglofonu rilevanti jippronunzja l-element muri grafikament fil-marka multimedjali bl-istess mod kif tinstema’ t-trademark preċedenti, il-marki huma simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.*

- ***Elementi verbali mkanta jew mitkellma***

Fil-prinċipju, ikun hemm grad ta’ xebh fonetiku jekk l-element verbali mkanta jew mitkellem tal-marka multimedjali jikkoinċidi fi, jew huwa simili għal, element verbali ieħor ipperċepit f’marka oħra (kemm imkanta jew mitkellem jew muri grafikament, fejn applikabbli).

| Marka multimedjali preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA MULTIMEDJALI 43** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 44** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *minkejja d-differenza fil-pronunzja, fl-intonazzjoni u fil-vuċi tal-element verbali distintiv “Gerivan”, li huwa mitkellem fil-marka preċedenti u mkanta fil-marka kkontestata, il-marki huma simili fuq livell fonetiku.*

| Marka ta’ moviment preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| GERIVAN **MARKA TA’ MOVIMENT 71** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 45** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |

**Raġunament:** *fil-marka preċedenti, il-kelma “Gerivan” hija murija grafikament, fil-marka multimedjali kkontestata, hija biss imkanta. Il-ħoss tal-element verbali kif jinstema’ fil-marka kkontestata jixbah lill-pronunzja Ingliża tal-element verbali muri grafikament “Gerivan” fil-marka preċedenti. Sa ċertu punt, il-marki huma simili fuq livell fonetiku.*

- ***Kombinazzjoni ta’ elementi verbali murija grafikament u mkanta jew mitkellma***

Kif imsemmi hawn fuq, il-marki multimedjali jista’ jkun fihom ukoll elementi kemm verbali mkanta jew mitkellma, kif ukoll elementi verbali murija grafikament.

F’każ bħal dan, kemm l-elementi verbali mkanta jew mitkellma kif ukoll l-elementi verbali murija grafikament iridu jitqiesu fit-tqabbil fonetiku.

Barra minn hekk, fejn element verbali muri grafikament ikun akkumpanjat minn element verbali mkanta jew mitkellem, dan tal-aħħar jista’ jaffettwa l-pronunzja tal-element verbali muri grafikament. Madankollu, skont il-każ, ma jistax jiġi eskluż li l-element verbali muri grafikament f’marka multimedjali jibqa’ jiġi ppronunzjat skont ir-regoli tal-pronunzja tal-pubbliku rilevanti korrispondenti.

<table>
<tr><th>Marka ta’ kelma preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td>GERIVAN</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 46<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> il-marka ta’ kelma preċedenti tikkonsisti fl-element verbali “Gerivan”, li se jiġi ppronunzjat skont ir-regoli tal-pronunzja tal-pubbliku anglofonu rilevanti, filwaqt li l-marka multimedjali kkontestata hija magħmula minn element verbali muri grafikament “Gerivan” flimkien mar-rappreżentazzjoni tal-ħoss tal-istess element verbali ppronunzjat bl-Ispanjol. F’dan il-każ, għandha titqies il-possibbiltà li l-pubbliku anglofonu jippronunzja l-element verbali tal-marka kkontestata skont ir-regoli tal-pronunzja Ingliżi, minkejja l-fatt li l-marka kkontestata tinkludi l-ħoss ta’ “Gerivan” ippronunzjat bl-Ispanjol. Sa ċertu punt, il-marki huma simili fuq livell fonetiku.</td></tr>
</table>

- ***Elementi mużikali u ħsejjes realistiċi***

Il-possibbiltà ta’ koinċidenza fil-melodija jew fil-ħsejjes realistiċi teżisti biss b’marki multimedjali u ta’ ħoss, peress li huma l-uniċi tipi ta’ trademarks li jista’ jkun fihom tali ħsejjes.

<table>
<tr><th>Marka multimedjali preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 47<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 48<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> iż-żewġ marki jikkoinċidu fl-istess melodija distintiva. Għalkemm iż-żewġ marki multimedjali fihom elementi figurattivi differenti, dawn ma għandhomx impatt fuq it-tqabbil fonetiku. Għaldaqstant, il-marki huma identiċi fuq livell fonetiku.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><th>Marka ta’ ħoss preċedenti</th><th>Marka multimedjali kkontestata</th></tr>
<tr><td><br>MARKA TA’ ĦOSS 97<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td><td><br>MARKA MULTIMEDJALI 49<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Raġunament:</u> iż-żewġ marki jikkoinċidu fl-istess melodija distintiva. Għalkemm il-marka multimedjali kkontestata fiha wkoll element verbali muri grafikament u element figurattiv, il-marki huma simili fuq il-livell fonetiku sa ċertu punt.</td></tr>
</table>

| Marka multimedjali preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|   **MARKA MULTIMEDJALI 50** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |   **MARKA MULTIMEDJALI 51** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki jikkoinċidu fl-istess melodija distintiva. Għalkemm il-marki fihom ukoll elementi verbali murija grafikament li l-perċezzjoni fonetika tagħhom hija differenti, il-marki huma simili fuq livell fonetiku sa ċertu punt.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' ĦOSS 98** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA MULTIMEDJALI 52** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki jikkoinċidu fl-istess ħoss realistiku. Għaldaqstant, il-marki huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

### 5.4 Tqabbil kunċettwali

Fil-prinċipju, il-marki multimedjali jista' jkollhom kunċett. Għaldaqstant, b'approċċ simili għal dak applikat għall-marki ta' moviment u ta' ħoss, il-marki multimedjali jistgħu jitqabblu fuq livell kunċettwali dment li jiġi trażmess kunċett. Meta tiġi vvalutata l-marka fuq livell kunċettwali, għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-interazzjoni tal-elementi tal-ħoss u viżivi peress li dan jista' jinfluwenza l-impressjoni globali u/jew it-tifsira tal-marka. Meta wieħed iqabbel marka multimedjali, f'ċirkostanzi speċifiċi, l-influwenza ta' element fonetiku tista' tibdel il-mod kif sinjal jiġi pperċepit kunċettwalment.

| Marka figurattiva preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
|  |  **MARKA MULTIMEDJALI 53** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *iż-żewġ marki jwasslu l-kunċett ta' "banana". Għalhekk, dawn huma kunċettwalment identiċi.* | |

| Marka ta' kelma preċedenti | Marka multimedjali kkontestata |
|---|---|
| **ALARM** |  **MARKA MULTIMEDJALI 54** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **Raġunament:** *il-marka preċedenti tikkonsisti fl-element verbali "ALARM", u l-marka kkontestata fl-intier tagħha twassal għal- kunċett simili. Għaldaqstant, it-trademarks huma, fuq livell kunċettwali, mill-inqas simili.* | |

## 6 Tqabbil ta' marki olografiċi

Meta ssir valutazzjoni tax-xebh ta' marki olografiċi, l-ispeċifiċità prinċipali li tikkaratterizzahom hija l-effett

olografiku. Madankollu, ma għandha l-ebda impatt speċjali fuq il-marka li jkun jeħtieġ attenzjoni partikolari fil-valutazzjoni tax-xebh. Għalhekk, il-prinċipji stabbiliti għal marki tradizzjonali u marki ta’ moviment jenħtieġ li jkunu applikabbli wkoll meta jiġi vvalutat ix-xebh bejn marki olografiċi jew bejn marki olografiċi u tipi oħra ta’ trademarks.

## 6.1 Kategoriji ta’ elementi

Marki olografiċi huma marki li jikkonsistu f’elementi b’karatteristiċi olografiċi. Jistgħu jiġu identifikati tliet kategoriji ta’ elementi f’marki olografiċi:

- elementi verbali;
- elementi figurattivi;
- l-effett olografiku.

## 6.2 Tqabbil viżiv

Meta wieħed iqabbel marki olografiċi b’mod viżiv, għandhom jitqiesu l-koinċidenza jew ix-xebh bejn l-elementi preżenti fit-trademarks (l-elementi verbali u/jew figurattivi, u l-effett olografiku).

F’marka olografika, il-moviment jew it-trasformazzjoni fir-rappreżentazzjoni tal-marka jservu biss biex juru l-effett olografiku u dan tal-aħħar biss għandu jitqies fit-tqabbil viżiv.

Fir-rigward tal-effett olografiku, effett olografiku identiku jew simili fih innifsu normalment ma jwassalx għal sejba ta’ xebh viżiv, sakemm ma jinstabx xebh fl-elementi verbali jew figurattivi tas-sinjali mqabbla. Żewġ sinjali jistgħu jkunu simili b’mod viżiv minħabba elementi distintivi verbali jew figurattivi li jikkoinċidu jew li huma simili, anki jekk ikun hemm effett olografiku differenti.

| Marka olografika preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA OLOGRAFIKA 9**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA OLOGRAFIKA 10**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marki fihom l-istess element verbali “Gerivan” u element figurattiv simili ħafna. Għaldaqstant, il-marki huma viżwalment simili.* | |

Il-marki olografiċi jistgħu jitqabblu b’mod viżiv ma’ tipi oħra ta’ trademarks, minbarra marki ta’ ħoss.

| Marka ta’ moviment preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
| <br>**MARKA TA’ MOVIMENT 72**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih | <br>**MARKA OLOGRAFIKA 11**<br>Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *iż-żewġ marki jikkonsistu f’ċirku bl-istess kombinazzjoni ta’ kuluri u l-istess element verbali distintiv “Gerivan” fin-nofs. Minkejja li l-marka preċedenti tinkludi l-moviment, u li l-marka kkontestata fiha effett olografiku, il-marki huma viżwalment simili.* | |

## 6.3 Tqabbil fonetiku

Il-marki olografiċi li ma fihom l-ebda element verbali ma jistgħux jiġu mqabbla fuq livell fonetiku.

Meta l-marki olografiċi jkun fihom elementi verbali, dawn jistgħu jiġu mqabbla fonetikament mal-istess tip ta' marki jew tipi oħra li jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni fonetika. Il-kriterji ġenerali għat-tqabbil ta' marki ta' kelma jew figurattivi li fihom elementi verbali huma applikabbli.

| Marka olografika preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA OLOGRAFIKA 12** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA OLOGRAFIKA 13** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marki jinkludu l-istess element verbali "Gerivan" u għalhekk huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

| Marka figurattiva preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
|  |  **MARKA OLOGRAFIKA 14** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *il-marki jinkludu l-istess element verbali "Gerivan" u għalhekk huma identiċi fuq livell fonetiku.* | |

| Marka ta' ħoss preċedenti | Marka olografika kkontestata |
|---|---|
|  **MARKA TA' ĦOSS 99** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |  **MARKA OLOGRAFIKA 15** Ikklikkja fuq l-immaġni biex tirriproduċih |
| **<u>Raġunament:</u>** *minkejja d-differenza possibbli fil-pronunzja tal-element verbali "Gerivan" u l-fatt li dan huwa mkanta fil-marka preċedenti u muri grafikament fil-marka kkontestata, fuq livell fonetiku l-marki huma simili sa ċertu punt.* | |

## 6.4 Tqabbil kunċettwali

Il-paragun kunċettwali bejn żewġ marki olografiċi u bejn marka olografika u tip ieħor ta' marka jista' jsir f'każijiet fejn ikun jista' jiġi identifikat kunċett.

Jekk marka olografika jkun fiha elementi verbali u/jew elementi figurattivi, it-tifsira tagħhom trid titqies fid-determinazzjoni tal-kunċett tat-trademark.